# KAPITOLU 327

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI

*Biex jikkonsolida u jirriforma l-liġi dwar l-Edukazzjoni f'Malta.*

16 ta' Awissu, 1988;
5 ta' Settembru, 1988;
16 ta' April, 1991

*L-ATT XXIV ta' l-1988, kif emendat bl-Avviżi Legali: 98 ta' l-1988, 63, 64, 135 u 136 ta' l-1989, l53 u 156 ta' l-1990 u 10 ta' l-1991; bl-Att X ta' l-1991; bl-Avviżi Legali: 66 u 153 ta' l-1991, 67, 89, 90 u 105 ta' l-1992, 21 u 117 ta' l-1993, 5, 12, 110 u 149 ta' l-1994; bl-Att II ta' l-1995; bl-Avviżi Legali: 79 ta' l-1995 u 165 ta' l-1996; bl-Att XVIII ta' l-1997; u bl-Avviżi Legali 177, 181, 183, 184, 189 u 202 ta' l-1997, 9, 30 u 172 ta' l-1998, u 41, 101 u 102 ta' l-1999; bl-Atti VI ta' l-2001, XVIII ta' l-2002 u III ta' l-2004; bl-Avviżi Legali 144 u 363 ta' l-2004; bl-Atti II ta' l-2005 u XIII ta' l-2006; u bl-Avviż Legali 293 ta' l-2006.*

TAQSIM TA' L-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| | Titolu fil-qosor | 1 |
| | Tifsir | 2 |
| Taqsima I | Disposizzjonijiet Ġenerali | 3 - 7 |
| Taqsima II | Kostituzzjoni u Funzjonijiet ta' Direttorati ta' l-Edukazzjoni | 8 - 22 |
| Taqsima III | Il-Professjoni ta' l-Għalliema | 23 - 42 |
| Taqsima IV | Dmir ta' l-Istat li jipprovdi Edukazzjoni | 43 - 48 |
| Taqsima V | Kulleġġi ta' l-Iskejjel ta' l-Istat | 49 - 62 |
| Taqsima VI | Twaqqif u Funzjonijiet tal-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla | 63 - 71 |
| Taqsima VII | L-Università ta' Malta | 72 - 84 |
| Taqsima VIII | Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija | 85 - 112 |
| Taqsima IX | Uffiċjali u Persunal ta' l-Entitajiet | 113 - 115 |
| Taqsima X | Disposizzjonijiet Finanzjarji | 116 - 124 |
| Taqsima XI | Disposizzjonijiet Oħra | 125 - 136 |

SKEDI

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar l-Edukazzjoni.

Tifsir.
*Emendat: XIII. 2006.4.*

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"Bord tal-Fakultà" tfisser il-korp ta' tmexxija ta' l-Università mwaqqaf bl-artikolu 80;

"bżonnijiet edukattivi individwali" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 45(2);

"Direttorat" tfisser kull wieħed mid-direttorati imwaqqfa skond l-artikoli 8 u 10, jew xi Direttorat ieħor kif il-Prim Ministru jista' jistabbilixxi taħt l-artikolu 131 jew bis-saħħa ta' xi liġi oħra;

"Direttur Ġenerali" tfisser Direttur Ġenerali maħtur skond l-artikolu 14 jew skond xi disposizzjoni oħra taħt dan l-Att jew taħt xi Att ieħor;

"enti morali" tfisser korp li għandu personalità legali distinta;

"entità" tinkludi Direttorat, Kulleġġ, il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla mwaqqfa taħt it-Taqsima VI, l-Istituzzjoni għal Studji Turistiċi msemmija fl-artikolu 132 u kull Direttorat, dipartiment, taqsima, aġenzija jew organizzazzjoni oħra li tista' titwaqqaf bis-saħħa ta' dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu, jew taħt xi liġi oħra u "entitajiet" għandha tiftiehem skond hekk:

Kap. 93.
Kap. 58.

Iżda għall-finijiet biss ta' xi jedd li uffiċjal jew persunal jista' jkollu taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, taħt it-Taqsima IX ta' dan l-Att, "entità" tinkludi wkoll l-Università u l-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija inkorporat f'dan l-Att bit-Taqsima VIII;

"Estimi Ġenerali" tfisser l-estimi, preżentati quddiem il-Kamra tad-Deputati dwar xi sena finanzjarja, tan-nefqa għas-servizz ta' dik is-sena finanzjarja u tinkludi kull estimi supplementari ta' nefqa li għaliha jkun meħtieġ li jiġi provdut wara li l-estimi jkunu ġew preżentati quddiem il-Kamra tad-Deputati u f'dan il-kuntest "sena finanzjarja" għandha l-istess tifsira li għandha għall-għanijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"età obbligatorja għall-iskola" tfisser kull età bejn il-ħames snin u l-ħmistax-il sena, it-tnejn inklużi, u għalhekk persuna titqies li hi ta' l-età obbligatorja għall-iskola jekk għalqet l-età ta' ħames snin u ma għalqitx l-età ta' sittax-il sena;

"funzjoni" tinkludi kull responsabbilità, setgħa u dmir;

"ġenitur" tfisser il-missier jew l-omm u tinkludi kull persuna li jkollha l-ħarsien u l-kustodja, sew legali sew attwali, ta' tifel jew tifla;

"ġurnata skolastika" tfisser kull ġurnata matul sena skolastika li ma tkunx btala pubblika;

"Gvern" tfisser il-Gvern ta' Malta;

"ħlas" tinkludi kumpens taħt kull forma kemm fi flus kemm f'oġġetti oħra;

"impieg" tinkludi impieg f'xi xogħol jew ħidma eżerċitati bħala

sengħa jew għall-qligħ, sew jekk il-qligħ ikun għall-persuna mpjegata sew jekk għal xi persuna oħra, u sew jekk ix-xogħol jew il-ħidma jsiru għal paga jew għal kumpens ieħor sew jekk le, u "timpjega" għandha tiftiehem f'dan is-sens;

"kap ta' skola" tinkludi kull persuna li għandha l-kariga ta' kap ta' skola jew li temporanjament taġixxi f'dik il-kariga;

"kundizzjonijiet minimi nazzjonali" tfisser il-kundizzjonijiet minimi nazzjonali għall-iskejjel kollha msemmija fl-artikolu 7;

"korp ta' persuni" tfisser kull xirka, għaqda, soċjetà jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, sew jekk ikollhom personalità legali distinta, sew jekk le;

"Kulleġġ" tfisser Kulleġġ ta' skejjel ta' l-Istat kif tipprovdi t-Taqsima V ta' dan l-Att;

"Kunsill" tfisser il-korp ta' tmexxija ta' l-Università mwaqqaf bl-artikolu 76;

"Kurrikulum" tfisser il-qafas ta' kurrikulum nazzjonali għall-iskejjel kollha fil-livell ta' l-edukazzjoni obbligatorja kif jipprovdi l-artikolu 47;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni, u tinkludi, fil-limitu ta' kull awtorità mogħtija, kull min ikun speċifikament awtorizzat mill-Ministru għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att, u "Ministeru" għandha tiftiehem skond hekk;

"persuna" tinkludi korp ta' persuni u kull enti morali stabbilita b'liġi;

"preskritt" tfisser preskritt b'xi regolament, statut, regola jew *bye-law*;

"prinċipal" tfisser l-uffiċjal eżekuttiv ewlieni ta' Kulleġġ maħtur taħt l-artikolu 52;

"Rettur" tfisser ir-Rettur ta' l-Università elett taħt l-artikolu 74 u kull persuna li temporanjament taġixxi f'dik il-kariga;

"sena finanzjarja" tfisser il-perjodu ta' tnax-il xahar li jtemm fil-wieħed u tletin ta' Diċembru ta' kull sena:

Iżda għall-finijiet ta' dan l-Att l-ewwel sena finanzjarja għar-rigward ta' xi entità tkun tikkonsisti fil-perjodu li jibda għaddej fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-artikoli relattivi ta' dan l-Att li jkunu jirreferu għal dik l-entità, u li jtemm fil-wieħed u tletin jum ta' Diċembru tas-sena ta' wara;

"sena skolastika" tfisser dak il-perijodu stabbilit bħala s-sena skolastika mill-kundizzjonijiet minimi nazzjonali;

"Senat" tfisser il-korp ta' tmexxija ta' l-Università mwaqqaf bl-artikolu 78;

"skola" tfisser istituzzjoni li r-riżorsi tagħha kemm ta' persuni u kemm ta' oġġetti huma ordinati sabiex jitmexxew 'il quddiem l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni oħra permezz tat-tixrid tat-tagħrif u t-tkabbir tat-tagħlim, u, għall-finijet ta' liċenza biex tiftaħ skola

taħt dan l-Att, tinkludi istituzzjoni edukattiva u ta' taħriġ ta' edukazzoni avvanzata u ogħla kif definiti fl-artikolu 63, iżda ma tinkludix la l-Università jew il-Kulleġġ Malti għall-Arti Xjenza u Teknoloġija inkorporat bit-Taqsima VIII ta' dan l-Att u lanqas istituzzjoni għat-tmexxija 'l quddiem ta' edukazzjoni u tagħrif ta' natura esklussivament jew kważi esklussivament reliġjuża;

"uffiċjal" u "impjegat" jinkludu uffiċjal pubbliku mqabbad jaqdi dmirijiet f'xi entità imwaqqfa taħt dan l-Att;

"uffiċjal edukattiv" tfisser uffiċjal awtorizzat mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni biex jaqdi dmirijiet bħala parti mill-Ispettorat Edukattiv imwaqqaf bl-artikolu 18;

"uffiċjal pubbliku" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"Università" tfisser l-Università ta' Malta mwaqqfa bl-artikolu 72;

"*warrant*" u "*warrant* temporanju" tfisser *warrant* jew *warrant* temporanju li jingħata skond it-Taqsima III ta' dan l-Att, u detentur ta' *warrant* għandha tiftiehem skond hekk.

---

## TAQSIMA I

### Disposizzjonijiet Ġenerali

*Dritt għall-edukazzjoni u tagħlim.*

**3.** Kull ċittadin tar-Repubblika ta' Malta għandu dritt għall-edukazzjoni u tagħlim mingħajr distinzjoni ta' età, sess, twemmin jew mezzi finanzjarji.

*Dmirijiet ta' l-Istat.*

**4.** Huwa dmir ta' l-Istat -

(*a*) li jmexxi 'l quddiem l-edukazzjoni u t-tagħlim;

(*b*) li jiżgura li jkun hemm sistema ta' skejjel u istituzzjonijiet li jkunu miftuħa għaċ-ċittadini Maltin kollha u li jkunu jipprovdu għall-iżvilupp sħiħ tal-personalità kollha inkluża l-ħila ta' kull persuna għax-xogħol; u

(*ċ*) li jipprovdi skejjel u istituzzjonijiet bħal dawn fejn ma hemmx.

*Dmirijiet tal-ġenituri.*

**5.** Ikun id-dmir tal-ġenituri ta' minuri li jieħdu ħsieb li dak il-minuri -

(*a*) jiġi reġistrat fi skola għall-ewwel sena skolastika li tibda meta jkun ta' l-età obbligatorja għall-iskola;

(*b*) ikompli jattendi l-iskola sa tmiem is-sena skolastika li matulha l-minuri ma jibqax ta' l-età obbligatorja għall-iskola, jew sa tmiem dak il-perijodu itwal li jista' jiġi preskritt mill-Ministru b'regolamenti; u

(*ċ*) jattendi regolarment l-iskola għal kull jum skolastiku, kemm-il darba l-minuri ma jkollux raġuni ġusta u suffiċjenti sabiex ma jattendix l-iskola.

**6.** Huwa dritt ta' kull ġenitur ta' minuri li jagħti d-deċiżjoni tiegħu rigward kull materja li tolqot l-edukazzjoni li għandu jirċievi l-minuri. Dritt ta' għażla tal-ġenituri.

**7.** L-Istat ikollu d-dritt - Dritt ta' l-Istat li jirregola l-edukazzjoni.

(*a*) li jistabbilixxi *curriculum* minimu nazzjonali ta' studju għall-iskejjel kollha;

(*b*) li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi nazzjonali għall-iskejjel kollha; u

(*ċ*) li jiżgura li jiġu mħarsa il-*curriculum* minimu nazzjonali ta' studju u l-kundizzjonijiet minimi nazzjonali għall-iskejjel kollha.

---

TAQSIMA II

Kostituzzjoni u Funzjonijiet ta' Direttorati ta' l-Edukazzjoni

**8.*** Għandu jkun hemm Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni taħt ir-responsabbiltà, tmexxija u amministrazzjoni ta' Direttur Ġenerali. Il-missjoni ta' dan id-Direttorat tkun li jirregola, jistabbilixxi, jissorvelja u jiżgura *standards* u kwalità fil-programmi u s-servizzi edukattivi provduti minn skejjel, kemm ta' l-Istat kemm mhux ta' l-Istat, kif provdut f'dan l-Att. Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni. *Miżjud: XIII. 2006.6.*

**9.*** (1) Tkun il-funzjoni tad-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni li b'mod ġenerali jirregola, jiggwida, jevalwa, jivverifika, jirriċerka u jirrapporta dwar l-elementi diversi u r-riżultati tas-sistema edukattiva obbligatorja bl-iskop li jiżgura edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd u jippromwovi prattiċi tajbin f'kull attività ta' din l-edukazzjoni f'qafas kurrikulari nazzjonali ta' tagħlim tul il-ħajja. Funzjonijiet tad-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni. *Miżjud: XIII. 2006.6.*

(2) B'mod partikolari fost il-funzjonijiet u d-dmirijiet tiegħu, dan id-Direttorat għandu:

(*a*) jipproponi lill-Ministru Qafas ta' Kurrikulum Nazzjonali li jippromwovi politika u strateġija ta' tagħlim tul il-ħajja;

(*b*) jipprovdi l-linji gwida meħtieġa għall-aħjar twettiq tal-politika u servizzi edukattivi, inkluż għall-iżvilupp tal-pjan ta' kull skola, sillabi, l-istabbiliment ta' *standards*, l-assessjar ta' l-iżvilupp, u eżamijiet;

(*ċ*) jiżgura li l-iskejjel kollha jidentifikaw il-bżonnijiet tat-taħriġ edukattiv għat-twettiq tal-kurrikulum u jara li jiġi provdut żvilupp professjonali regolari u kontinwu fil-livell fejn dan jista' jsir bl-aktar mod effettiv;

(*d*) jara li jinġabru, jiġu kompilati, analizzati u riċerkati l-informazzjoni, *data* u statistika meħtieġa għat-tifsil u l-ippjanar ta' politika, strateġiji, linji gwida u direttivi fl-edukazzjoni, u, bla ħsara għal kull liġi oħra, jieħu l-passi biex dawn isiru aċċessibbli għal kull min hu

*Għadu mhux fis-seħħ.

involut u jista' jkollu interess;

(*e*) b'appoġġ għall-evalwazzjoni u l-verifika interna ta' kull skola, iwettaq kull ispezzjoni, evalwazzjoni u verifika esterna tal-programmi u servizzi edukattivi, ta' l-operat, ta' l-ambjent fiżiku ta' kull skola, u tar-riżultati miksuba minnhom, bl-iskop li jara li l-kurrikulum ikun qiegħed jiġi segwit f'kull skola, li jiġu promossi prattiċi tajbin, li tiġi żgurata l-kwalità u l-kordinament f'kull parti u f'kull livell tas-sistema edukattiva, kif ukoll biex it-tfal u l-istudenti jiġu mgħejjuna bl-aħjar mod biex jiksbu l-miri stabbiliti tat-tagħlim u l-ħiliet meħtieġa

(*f*) jevalwa u jistima l-ħidma u r-riżultati tal-Kulleġġi u l-iskejjel u ta' kull min jgħallem u jaħdem fihom;

(*g*) jkun responsabbli għall-ħarsien u t-twettiq tad-disposizzjonijiet tal-liġijiet u r-regolamenti li jittrattaw materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-edukazzjoni;

(*h*) jevalwa l-aspetti finanzjarji u ekonomiċi tas-sistema edukattiva;

(*i*) jiżgura l-applikazzjoni u l-użu l-aktar wiesgħa tas-sistemi tat-teknoloġija ta' l-informatika u l-kommunikazzjoni minn kull min hu involut fit-tagħlim u fl-edukazzjoni fl-iskejjel;

(*j*) jirċievi u jipproċessa applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' liċenza biex tiftaħ skola, jagħti parir lill-Ministru skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u jżomm reġistru bid-dettalji meħtieġa ta' l-iskejjel kollha li jkollhom liċenza mill-Ministru taħt dan l-Att;

(*k*) jara li qed jiġu osservati l-ħin kollu l-kondizzjonijiet minimi nazzjonali għall-iskejjel kollha u jinvestiga u jieħu l-passi meħtieġa dwar kull ħaġa li minħabba fiha tista' tiġi kkunsidrata mill-Ministru s-sospensjoni jew it-teħid lura ta' liċenza ta' skola;

(*l*) iwettaq kull ħaġa oħra meħtieġa biex jintlaħqu l-iskopijiet u jitwettqu d-dmirijiet ta' l-Istat li jipprovdi dan l-Att.

Direttorat għal Servizzi Edukattivi. *Miżjud: XIII. 2006.6.*

**10.*** Għandu jkun hemm ukoll Direttorat għal Servizzi Edukattivi taħt ir-responsabbiltà, tmexxija u amministrazzjoni ta' Direttur Ġenerali. Il-missjoni ta' dan id-Direttorat hi li jiżgura l-operat u l-provvista ta' servizzi b'mod effettiv u effiċjenti fil-Kulleġġi u l-iskejjel ta' l-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija.

Funzjonijiet tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi. *Miżjud: XIII. 2006.6.*

**11.*** (1) Tkun il-funzjoni ġenerali tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi li, f'kollaborazzjoni kontinwa mal-Kulleġġi u l-iskejjel, jippjana, jipprovdi u jalloka r-riżorsi umani u xort'oħra, s-servizzi, u l-għodda tat-tagħlim, sew pedagoġiċi, psiko-soċjali, maniġerjali, operattivi u oħrajn ta' appoġġ anċillari, kif meħtieġ fil-Kulleġġi, l-

*Għadu mhux fis-seħħ.

iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi ta' l-Istat, u li jinkoraġġixxi u jiffaċilita n-nisġa u l-koperazzjoni ta' bejniethom.

(2) B'mod partikolari dan id-Direttorat għandu:

(*a*) flimkien mal-Kulleġġi u l-iskejjel, jippjana, isegwi u jiżgura l-operat tal-Kulleġġi u l-iskejjel u jappoġġa bl-aktar mod sħiħ it-twettiq tal-funzjonijiet u l-miri tad-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni kif provdut f'dan l-Att, u dan bi prijorità għal servizzi u appoġġ li jiżguraw l-iżvilupp tal-potenzjal u l-ħiliet ta' l-istudenti, it-twettiq tal-Qafas tal-Kurrikulum Nazzjonali, u l-iżvilupp ta' l-identità u l-*etos* tal-Kulleġġi;

(*b*) jieħu ħsieb l-iżvilupp ta' bini, immodernizzar u manutenzjoni regolari ta' skejjel u faċilitajiet edukattivi, u jiżgura sistemi effettivi ta' *management* ta' proġetti kapitali u ta' manutenzjoni fil-bini ta' l-iskejjel;

(*ċ*) jalloka lill-Kulleġġi u lill-iskejjel il-bini, inklużi faċilitajiet sportivi, spazji oħra edukattivi u kulturali, għamara, tagħmir, laboratorji tat-teknoloġija, tax-xjenza, tal-komunikazzjoni u l-informatika, u għodda oħra li jkollhom bżonn bl-iskop li jsir l-akbar użu minnhom bħala għodda ta' tagħlim u għat-tagħlim;

(*d*) fil-limiti ta' dak li hu possibbli jippostja l-istudenti fi skejjel skond il-bżonnijiet u l-potenzjal tagħhom;

(*e*) jantiċipa l-bżonnijiet ta' persunal professjonali, inklużi għalliema u riżorsi umani oħra, u jaħdem flimkien mad-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni, ma' l-Università ta' Malta, mal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija, u ma' istituzzjonijiet oħra, pubbliċi u privati, biex jiżgura t-taħriġ u l-iżvilupp ta' l-għalliema u ta' ħaddiema oħra skond il-ħtieġa;

(*f*) flimkien mal-Kulleġġi, jassigura l-ingaġġ tal-persunal professjonali, amministrattiv u ta' appoġġ fid-dawl tal-bżonnijiet ta' l-istudenti u tal-programmi partikolari ta' kull skola;

(*g*) jippromwovi, jinkoraġġixxi u jsegwi t-tmexxija demokratika ta' l-iskejjel permezz ta' Kunsilli fl-iskejjel bil-parteċipazzjoni attiva tal-ġenituri, għalliema, u studenti;

(*h*) jippromwovi, jappoġġa, jikkordina u jiżgura servizzi u inizjattivi ta' tagħlim tul il-ħajja, inklużi inizjattivi edukattivi u kulturali fil-komunità, tagħlim minn distanza u dak elettroniku, edukazzjoni għall-adulti, klassijiet ta' filgħaxija u inizjattivi oħra ta' edukazzjoni komplimentari u servizzi għal dawk b'diffikultajiet speċifiċi fit-tagħlim;

(*i*) jappoġġa u jinkoraġġixxi l-Kulleġġi u l-iskejjel fil-promozzjoni tas-servizzi tal-libreriji ta' l-iskola, ta' l-

isports, id-drama, il-mużika u attivitajiet kreattivi u kulturali fl-iskejjel;

(*j*) jippromwovi u jipprokura programmi edukattivi u kulturali fil-kuntest ta' tagħlim tul il-ħajja bil-mezzi kollha disponibbli ta' komunikazzjoni ta' massa, inkluż tagħlim minn distanza;

(*k*) f'kollaborazzjoni mal-Kulleġġi jiżgura l-provvista ta' servizzi effettivi ta' *counsellors*, ħaddiema soċjali, psikoloġi u professjonisti oħra skond il-bżonn ta' l-istudenti u l-familji tagħhom;

(*l*) flimkien mal-Kulleġġi u l-iskejjel jipprovdi r-riżorsi meħtieġa għal programmi ta' edukazzjoni inklużiva u speċjali u għal skemi oħra relatati ma' bżonnijiet individwali edukattivi;

(*m*) jiżgura l-provvista u l-kordinament ta' servizzi ta' gwida vokazzjonali u ta' karriera, inkluż it-twettiq ta' programmi li jressqu lejn xulxin id-dinja tax-xogħol u dik ta' l-edukazzjoni u jassisti fl-istadji ta' transizzjoni, inklużi dawk mill-iskola għax-xogħol;

(*n*) jiżgura l-provvista ta' servizzi meħtieġa biex jiġu trattati b'mod effettiv kwistjonijiet ta' mgieba tajba u dixxiplina, abbuż tat-tfal, ibbullijar, u abbuż ta' sustanzi;

(*o*) jippromwovi s-saħħa fiżika u mentali ta' l-istudenti permezz ta' informazzjoni u tagħlim dwar is-saħħa, servizzi ta' programmi ta' *screening* mediku, u programmi dwar stili ta' ħajja b'saħħitha;

(*p*) jiżgura l-provvista ta' programmi, servizzi u riżorsi umani meħtieġa għal ambjent bla perikli u fiż-żgur fl-iskejjel, kemm għall-istudenti, għall-għalliema, u kull min ikun fl-iskola, inkluża l-provvista ta' servizz ta' trasport għall-iskejjel meħtieġ għall-istudenti;

(*q*) jappoġġa l-Kulleġġi fl-organizzazzjoni ta' inizjattivi u proġetti speċjali, inklużi dawk 'l barra mill-ħin ta' l-iskola;

(*r*) iqis u jiddiskuti il-pjani ta' żvilupp tal-Kulleġġi u l-iskejjel fit-tħejjija tal-*business plan* tad-Direttorat, jiffaċilita l-formulazzjoni ta' l-estimi tal-Kulleġġi, jalloka l-finanzi meħtieġa fil-limiti ta' l-estimi ġenerali tal-Gvern, u jiżgura li l-fondi jkunu qegħdin jiġu applikati skond prijoritajiet identifikati minn qabel;

(*s*) ikun ultimament responsabbli li jiżgura l-osservanza meħtieġa mill-Kulleġġi u l-iskejjel tal-*policies*, proċeduri u regolamenti finanzjari u ta' verifika tal-Gvern;

(*t*) jikkomunika l-qafas u l-linji gwida kif approvati mill-Ministru dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal impjegat mill-Kulleġġi u l-iskejjel u jżomm l-informazzjoni, r-*records* u d-dokumentazzjoni

meħtieġa tal-persunal imsemmi u ta' transazzjonijiet finanzjarji, inklużi dawk relatati mal-ħlas ta' salarji;

(*u*) jamministra l-għajnuna ta' l-Istat lil skejjel li mhumiex ta' l-Istat;

(*v*) jiżgura l-akbar applikazzjoni u użu possibbli tas-sistemi ta' teknoloġija ta' l-informatika fit-tmexxija u l-operat tal-Kulleġġi u l-iskejjel;

(*w*) jiżgura servizz ta' *customer care* fuq livell nazzjonali għall-istudenti, ġenituri, u persunal ta' l-iskejjel ta' l-Istat u mhux ta' l-Istat u jipprovdi gwida u proċeduri ċari dwar kif isiru u jiġu trattati l-ilmenti b'mod effettiv fil-livell l-aktar proprju;

(*x*) iwettaq kull funzjoni oħra li tista' tkun meħtieġa biex jintlaħqu l-iskopijiet u jitwettqu d-dmirijiet ta' l-Istat li jipprovdi dan l-Att.

Dmirijiet komuni għad-Direttorati. *Miżjud: XIII. 2006.6.*

**12.*** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet preċedenti, kull Direttorat għandu wkoll:

(*a*) iżomm djalogu effettiv ma' kull min hu involut fis-sistema edukattiva u jimmira għall-konsensus l-aktar wiesgħa possibbli dwar kull materja rilevanti għall-edukazzjoni;

(*b*) jikkopera ma' l-istituzzjonijiet lokali u barranin, u jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-aħjar parteċipazzjoni fi programmi, boroż ta' studju, u skambji internazzjonali ta' studenti u persunal, b'mod partikolari fl-istituzzjonijiet u l-programmi ta' l-Unjoni Ewropea;

(*ċ*) jżomm informati u aġġornati lil kull min hu involut fil-funzjonijiet tad-Direttorati bil-politika, strateġija u prijoritajiet tal-Gvern għall-edukazzjoni tal-pajjiż, u jara li dawn qed jiġu segwiti u implimentati;

(*d*) b'mod ġenerali jagħti pariri lill-Ministru fuq kull kwistjoni dwar l-edukazzjoni u jaqdi kull funzjoni oħra li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jassenjalu bħal dawk taħt din il-liġi jew kull liġi oħra.

Rispett għad-diversità ta' istituzzjonijiet edukattivi. *Miżjud: XIII. 2006.6.*

**13.*** Id-Direttorati għandhom, bla ħsara għall-funzjonijiet tagħhom, jirrispettaw id-diversità ta' istituzzjonijiet, servizzi u programmi edukattivi, u jiddjalogaw u jikkollaboraw ma' kulleġġi, skejjel, aġenziji u istituzzjonijiet oħra, pubbliċi u privati, lokali u barranin, dwar *policies*, inizjattivi u proġetti biex jiżguraw li s-sistema kollha fil-pajjiż topera b'mod effettiv.

Ħatra ta' Diretturi Ġenerali. *Miżjud: XIII. 2006.6.*

**14.*** Id-Diretturi Ġenerali tad-Direttorati msemmija fl-artikoli preċedenti f'din it-Taqsima ta' dan l-Att jinħatru mill-Prim Ministru għal perjodu ta' tliet snin taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif stabbilit fl-ittra tal-ħatra. Il-ħatra ta' Direttur Ġenerali ssir wara sejħa pubblika li għaliha jkunu jistgħu japplikaw persuni li jkollhom il-kwalifiki, l-esperjenza edukattiva u l-kwalitajiet meħtieġa għat-tmexxija ta' dawn id-Direttorati. Meta

*Għadu mhux fis-seħħ.

jagħlqilha ż-żmien tal-kariga persuna tista' terġa' tinħatar għal perjodu jew perjodi ulterjuri.

Id-Diretturi Ġenerali jkunu responsabbli għall-uffiċjali, eċċ. *Miżjud: XIII. 2006.6.*

**15.*** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, it-tmexxija eżekuttiva, l-amministrazzjoni, u l-kontroll amministrattiv ta' l-uffiċjali u l-impjegati tad-Direttorati għandhom ikunu r-responsabbilità tad-Diretturi Ġenerali.

Skambju ta' informazzjoni bejn id-Direttorati. *Miżjud: XIII. 2006.6.*

**16.*** (1) Kull Direttorat jista' jitlob, jiġbor u jivverifika kull informazzjoni, *data* u statistika, skond kif ikun meħtieġ għall-qadi tal-funzonijiet tiegħu.

(2) Direttorat għandu jkollu aċċess għal kull informazzjoni li jista' jkollhom Direttorat ieħor, Kulleġġi u skejjel, u għandu d-dritt jitlob u jikseb kull tagħrif li jinħtieġ għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu minn studenti, ġenituri, persunal u minn istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi u privati, u dan it-tagħrif għandu jingħatalhu fi żmien raġonevoli mid-data tat-talba.

(3) Kull Direttorat għandu jkollu aċċess għal statistika u tagħrif ieħor ta' natura ekonomika u soċjali kif meħtieġ biex ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu skond dan l-Att.

Kumitat Permanenti għall-Edukazzjoni. *Miżjud: XIII. 2006.6.*

**17.*** (1) Għandu jkun hemm kumitat li jkun magħruf bħala l-Kumitat Permanenti għall-Edukazzjoni, presedut mill-Ministru, biex jiddiskuti u jevalwa l-politika, l-istrateġija u d-direzzjoni u l-iżviluppi fil-qasam ta' l-edukazzjoni u biex jiffaċilita u jiżgura l-kollaborazzjoni u l-kordinament effettiv bejn l-entijiet imwaqqfa taħt dan l-Att, l-aġenziji tagħhom, u istituzzjonijiet oħra edukattivi pubbliċi u privati, u jissorvelja u jsegwi l-implimentazzjoni tal-politika u ta' l-istrateġija edukattiva adottata mill-Gvern.

(2) Il-Kumitat għandu jkun kompost kif muri fl-Iskeda IV, u l-Ministru jista' b'regolamenti jemenda din l-Iskeda, u jipprovdi għal kull materja oħra jew proċedura li jidhirlu meħtieġ għall-aħjar twettiq tal-funzjonijiet tal-Kumitat.

Spettorat Edukattiv. *Miżjud: XIII. 2006.6.*

**18.*** (1) Id-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni għandu jkollu Spettorat Edukattiv li jipprovdi servizz professjonali ta' appoġġ, gwida, sorveljanza, ispezzjonar, evalwazzjoni, u rappurtaġġ dwar il-proċess tat-tagħlim fl-iskejjel, dwar l-applikazzjoni tal-kurrikulum, sillabi, pedagoġija, assessjar u eżamijiet, u dwar l-amministrazzjoni, u li tiġi żgurata u verifikata l-kwalità fil-Kulleġġi u l-iskejjel.

(2) Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat imsemmi fis-subartikolu preċedenti għandu jkollu dawk l-Uffiċjali Edukattivi u uffiċjali oħra kif meħtieġ biex jitwettqu l-funzjonijiet ta' l-Ispettorat Edukattiv, u dawk il-funzjonijiet l-oħra li għandhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni ġenerali ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu, kif ukoll biex iwettqu dak ix-xogħol meħtieġ biex tiġi żgurata u verifikata l-kwalità fil-Kulleġġi u fl-iskejjel, u biex iwettqu dawk id-dmirijiet li jistgħu jiġu assenjati lilhom mid-Direttur Ġenerali.

*Għadu mhux fis-seħħ.

**19.**[*] (1) Uffiċjali bi kwalifiċi relevanti kif jista' jkun meħtieġ u awtorizzati bil-miktub kif imiss mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni, ikollhom is-setgħa li jidħlu f'kull kulleġġ, skola, klassi jew post fejn ikun qed isir it-tagħlim, u jispezzjonaw u jirrappurtaw dwar il-proċess tat-tagħlim, l-ambjent fiżiku, u l-osservanza tal-kondizzjonijiet, standards, *policies* u regolamenti stabbiliti u magħmulin bis-saħħa ta'dan l-Att.

Setgħa ta' dħul u ta' spezzjoni. *Miżjud: XIII. 2006.6.*

(2) Kulleġġi, skejjel u istituzzjonijiet edukattivi, pubbliċi u privati, għandhom jipprovdu l-informazzjoni u l-aċċess li dawn l-uffiċjali jitolbu skond kif jidhrilhom meħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tad-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni.

**20.** (1) Kull persuna jkollha d-dritt li tapplika lill-Ministru biex jagħtiha liċenza biex tiftaħ skola.

Liċenzi biex jinfetħu skejjel. *Emendat: XIII. 2006.7.*

(2) Il-Ministru għandu jagħti l-liċenza msemmija fis-subartikolu (1) meta -

(*a*) il-persuna li tapplika tkun il-Knisja Kattolika jew kull għaqda volontarja oħra, reliġjuża jew xort'oħra, li ma tkunx twaqqfet bl-iskop li tagħmel profitt; u

(*b*) l-iskola tkun konformi mal-kundizzjonijiet minimi nazzjonali:

Iżda applikazzjoni għal-liċenza taħt dan l-artikolu ma titqiesx li saret mill-Knisja Kattolika jekk ma tkunx iffirmata mill-Isqfijiet Ordinarji ta' Malta jew awtorizzata bil-miktub minnhom.

(3) Fil-każ ta' kull applikazzjoni oħra għal-liċenza taħt dan l-artikolu u li ma tkunx applikazzjoni li taqa' taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-Ministru jista' jagħti l-liċenza jekk fil-fehma tiegħu jkun fl-interess pubbliku li jagħmel hekk.

(4) Kull min japplika għal-liċenza taħt dan l-artikolu bil-ħsieb li jiftaħ skola li tkun enti morali bi statut għalih, għandu jiddikjara dan il-ħsieb fl-applikazzjoni tiegħu li magħha għandu jkun hemm kopja ta' l-istatut, u f'dan il-każ l-għotja ta' liċenza lil min japplika titqies prova konklusiva li l-iskola hija enti morali.

(5) Kull liċenza li tingħata taħt dan l-artikolu għandha tkun f'isem il-kap ta' skola fil-kwalità tiegħu persunali jew bħala rappreżentant ta' korp ta' persuni skond il-każ u għal dan l-iskop, min japplika għal-liċenza għandu jniżżel fl-applikazzjoni il-partikolaritajiet tal-kap ta' skola u jekk il-liċenza għandhiex tingħata f'isem dak il-kap ta' skola fil-kwalità tiegħu persunali jew bħala rappreżentant ta' korp ta' persuni:

Iżda l-kap ta' skola li f'ismu tkun il-liċenza jkun responsabbli persunalment li jiżgura li l-obbligazzjonijiet kollha marbuta ma' dik il-liċenza jkunu mħarsa f'kull żmien, kemm jekk il-liċenza tkun f'ismu fil-kwalità tiegħu persunali, kif ukoll jekk tkun f'ismu bħala rappreżentant ta' korp ta' persuni.

(6) Id-deċiżjoni tal-Ministru li jilqa' jew jiċħad applikazzjoni

*Għadu mhux fis-seħħ.

għal-liċenza għandha tiġi notifikata bil-miktub lil min ikun applika u dan fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-Ministru jirċievi l-applikazzjoni.

(7) Meta l-kap ta' skola li f'ismu hemm liċenza taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jibqax kap ta' skola għal raġuni, tkun xi tkun, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-subartikolu:

(*a*) meta l-liċenza hija f'isem dak il-kap ta' skola fil-kwalità tiegħu persunali, għandha ssir applikazzjoni mill-ġdid għal-liċenza skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu;

(*b*) meta l-liċenza hija f'isem dak il-kap ta' skola bħala rappreżentant ta' korp ta' persuni, dak il-korp għandu javża bil-miktub u mingħajr dewmien lill-Ministru bil-bdil f'dik il-kariga u jagħti l-partikolaritajiet tal-persuna li assumiet dik il-kariga u minn hemm 'il quddiem il-liċenza titqies li hija f'isem dik il-persuna bħala rappreżentant ta' dak il-korp ta' persuni.

(8) Meta ebda applikazzjoni kif meħtieġ bis-subartikolu (7)(*a*) jew ebda avviż kif meħtieġ bil-paragrafu (*b*) ta' dak is-subartikolu ma jsir jew jingħata fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-kap ta' skola li f'ismu hija l-liċenza ma jibqax f'dik il-kariga, dik il-liċenza titqies li ġiet imħassra fid-data li fiha jagħlaq dak il-perijodu ta' tliet xhur.

(9) Min japplika għal-liċenza taħt is-subartikolu (2) jista' jappella lit-Tribunal Skolastiku meta -

(*a*) l-applikazzjoni tiegħu tiġi miċħuda; jew

(*b*) ma jkunx ġie notifikat bil-miktub bid-deċiżjoni tal-Ministru kif maħsub fis-subartikolu (6).

(10) Appell taħt is-subartikolu (9) għandu jsir bil-miktub fi żmien xahrejn mid-data li fiha d-deċiżjoni li biha ġiet miċħuda l-applikazzjoni tkun ġiet notifikata lil min ikun applika jew mid-data li fiha jagħlaq il-perijodu ta' tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (6), skond il-każ.

Dritt tal-Ministru li jissorvelja l-iskejjel.
*Emendat: XIII. 2006.7.*

**21.** Il-Ministru, għall-finijiet ta' din il-liġi, jkollu d-dritt li jispezzjona kull skola u jkollu d-dritt li jissorvelja l-amministrazzjoni ta' kull skola.

Il-Ministru jirrappreżenta lill-Istat.
*Emendat: XIII. 2006.7.*

**22.** Kull dritt vestit fl-Istat u kull dover impost fuq l-Istat bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandu jiġi eżerċitat jew imwettaq mill-Ministru.

TAQSIMA III

Il-Professjoni ta' l-Għalliema

**23.*** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att f'din it-Taqsima, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

Tifsir. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

"għalliem" tfisser persuna mħarrġa fl-għerf tal-proċess edukattiv u fl-użu tal-ħiliet pedagoġiċi b'mod li jkollha l-ħila toħloq ambjent li jimmotiva lil kull student u tirnexxilha tgħallmu b'mod effettiv billi tqanqallu l-aspirazzjonijiet tiegħu għall-ogħla valuri fil-ħajja u tgħinu jiżviluppa l-ħiliet kreattivi u ta' ħsieb skond l-età, l-iżvilupp fiżiku u intelletwali, u skond il-potenzjal tal-ħiliet u tat-talenti tiegħu bl-iskop aħħari li l-istudent jitħarreġ kif jitgħallem tul ħajtu:

Iżda, għall-finijiet ta' din it-Taqsima, u sakemm mhux provdut xort'oħra f'xi liġi oħra, "għalliem" ma tinkludix *Kindergarten* jew *Learning Support Assistant*, għalliem fi skola għat-tagħlim ta' lingwa bħala lingwa barranijia, jew persuna li tagħti servizz ta' tagħlim f'oqsma kulturali, sportivi, u reliġjużi, sakemm dan it-tagħlim ma jkunx qed jingħata bħala parti integrali mill-edukazzjoni obbligatorja skond il-kurrikulum fi skola liċenzjata;

"għalliem reġistrat" tfisser persuna li tkun reġistrata fir-reġistru uffiċjali ta' l-għalliema miżmum mill-Kunsill u li tkun ingħatat *warrant* li tipprattika l-professjoni ta' għalliem, skond l-artikolu 29;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill dwar il-Professjoni ta' l-Għalliema f'Malta mwaqqaf bl-artikolu 26;

"jipprattika" dwar il-professjoni ta' għalliem tinkludi li tittieħed jew li tiġi segwita l-professjoni ta' għalliem f'Malta fil-livell ta' l-edukazzjoni obligatorja marbuta bil-kurrikulum fi skola liċenzjata;

"perjodu ta' adattament" tfisser perjodu li matulu persuna tista' teżerċita l-professjoni ta' għalliem f'Malta taħt sorveljanza fi skola liċenzjata, jew b'xi mod ieħor kif jista' jiddeċiedi l-Kunsill, liema perjodu jista' jinkludi l-provdiment ta' dak it-taħriġ addizzjonali lil dik il-persuna, kif jista' jkun meħtieġ mill-Kunsill, u fi tmiem dak il-perjodu għandu jsir test ta' ħila;

"*standards* professjonali u etiċi" tinkludi *standards* li għandhom x'jaqsmu ma' l-imġieba ta' membru tal-professjoni ta' l-għalliema, inkluża l-imġieba ta' tali membru lejn l-istudenti tiegħu, matul jew konsegwenzjali għall-eżerċizzju tal-professjoni tegħu, u l-imġieba ta' tali membru lejn il-membri l-oħra tal-professjoni tiegħu, lejn persuni oħra li jassistu lill-għalliema fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom, u lejn is-soċjetà;

"test ta' ħila" tfisser test, kif meħtieġ mill-Kunsill skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, li l-iskop tiegħu jkun li jivvaluta l-ħila ta' persuna biex issegwi l-professjoni ta' għalliem f'Malta;

"*warrant*" tfisser *warrant* maħruġ taħt l-artikolu 24;

*Għadu mhux fis-seħħ.

"*warrant* temporanju" tfisser *warrant* mogħti taħt l-artikolu 25.

Min ikollu *warrant* biss jista' jeżerċita l-professjoni.
*Miżjud: XIII. 2006.9.*

**24.**[*] (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, ebda persuna ma għandha tipprattika l-professjoni ta' għalliem għal rimunerazzjoni jew turi ruħha li tkun professjonalment kwalifikata biex hekk tagħmel kemm-il darba ma tkunx id-detentur ta' *warrant* maħruġ taħt dan l-Att.

(2) Persuna tikkwalifika għal *warrant* taħt dan l-Att kemm-il darba -

(*a*) hija ċittadin ta' Malta, jew xort'oħra jkollha permess biex taħdem f'Malta taħt xi liġi; u

(*b*) hija ta' kondotta tajba; u

(*ċ*) jkollha kapaċità legali sħiħa; u

(*d*) tkun kisbet -

(i) Grad ta' Baċċellerat fl-Edukazzjoni; jew

(ii) Grad ta' Baċċellerat flimkien ma' Ċertifikat Post-Gradwat fl-Edukazzjoni; jew

(iii) Grad ta' Dottorat, jew Grad ta' Baċċellerat u grad ta' *Masters*, flimkien ma' ċertifikat ta' kors pedagoġiku organizzat mid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi mwaqqaf bl-artikolu 10 jew minn xi istituzzjoni oħra rikonoxxuta mill-Kunsill; jew

(iv) xi kwalifika professjonali oħra li l-Kunsill jidhirlu li tkun komparabbli; u

(*e*) tissodisfa lill-Kunsill li jkollha esperjenza adegwata fil-prattika tal-professjoni ta' għalliem taħt sorveljanza fi skola liċenzjata, jew b'xi mod ieħor kif jista' jiddeċiedi l-Kunsill, għal żmien aggregat ta' mill-anqas sentejn skolastiċi fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti ta' dak iż-żmien fuq bażi *part-time* wara li tkun temmet dak il-grad jew kwalifika professjonali oħra msemmija fil-paragrafu preċedenti, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-prattika ta' għalliem tali biex jikseb l-esperjenza msemmija għandha tkun meqjusa prattika skond dan l-Att.

(3) Iċ-ċertifikat Post-Gradwat fl-Edukazzjoni, Grad ta' Baċċellerat, *Masters* u Dottorat msemmija fil-paragrafu (*d*)(i), (ii) u (iii) fis-subartikolu preċedenti għandhom ikunu ċertifikat Post-Gradwat fl-Edukazzjoni, Grad ta' Baċċelerat, *Masters* u Dottorat mill-Università ta' Malta.

(4) Il-Ministru jista' jippreskrivi, minflok xi waħda mill-ħtiġiet stabbiliti taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, ħtiġiet oħra skond xi trattat jew ftehim internazzjonali jew multinazzjonali li Malta tkun parti fih jew skond id-disposizzjonijiet ta' xi leġislazzjoni li tinġieb fis-seħħ bis-saħħa ta' xi trattat jew ftehim bħal dawk.

*Għadu mhux fis-seħħ.

(5) Mingħajr preġudizzju għal xi disposizzjoni magħmula bl-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki, jew taħtu, meta t-tul tal-kors li jkun iwassal għall-kwalifika professjonali li jkollu l-applikant ikun anqas mittul tal-kors li jwassal għal Grad mogħti mill-Università ta' Malta, jew meta l-esperjenza msemmija fis-subartikolu (2)(*e*) tkun ta' anqas minn sentejn, il-Kunsill jista' jeħtieġ lill-applikant li jagħmel dak il-perjodu ta' adattament li ma jkunx itwal mid-doppju tad-differenza, skond ma jista' jiġi speċifikat mill-Kunsill. Il-Kunsill jista' wkoll jgħaddi lill-applikant minn test ta' ħila. Kap. 451.

Warrant temporanju. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

**25.*** Minkejja dak kollu li jinsab fid-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, il-Ministru jista' jagħti *warrant* temporanju li jkun validu għal sena u li jkun jista' jiġġedded lil kull persuna li, fid-diskrezzjoni tal-Ministru, għandha l-ħila meħtieġa biex tgħallem f'Malta.

Kunsill dwar il-Professjoni ta' l-Għalliem f'Malta. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

**26.*** (1) Għandu jkun hemm Kunsill li jkun magħruf bħala l-Kunsill dwar il-Professjoni ta' l-Għalliema, li jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(*a*) President maħtur mill-Ministru minn fost persuni li servew, jew li għandhom il-kwalifiki meħtieġa biex iservu, bħala maġistrat jew imħallef;

(*b*) tliet għalliema reġistrati li jkollhom mhux anqas minn tmien snin esperjenza fil-prattika ta' għalliem, maħtura mill-Ministru, u li tnejn minnhom ikunu magħżula wieħed minn fost l-uffiċjali tad-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni u ieħor minn fost l-uffiċjali tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi mwaqqfa taħt Taqsima II ta' dan l-Att;

(*ċ*) erbgħa għalliema reġistrati, li jkollhom mhux anqas minn tmien snin esperjenza fil-prattika ta' għalliem, eletti minn u minn fost l-għalliema reġistrati kollha, b'dana illi tnejn minnhom għandhom ikunu jgħallmu fil-livell primarju u t-tnejn l-oħra fil-livell sekondarju ta' l-edukazzjoni, u f'kull każ wieħed għandu jkun jgħallem fis-settur statali u l-ieħor fis-settur mhux statali ta' l-iskejjel, u għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-votazzjoni għall-elezzjoni ta' dawn il-membri għandha ssir bil-posta skond dawk il-proċeduri li jistgħu jiġu preskritti;

(*d*) żewġ għalliema reġistrati minn fost l-għalliema reġistrati li qed jippratikaw u li jkollhom mhux anqas minn tmien snin esperjenza fil-prattika ta' għalliem, nominati minn dik l-assoċjazzjoni reġistrata mal-Kunsill skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u li tissodisfa lill-Kunsill li l-maġġoranza ta' l-għalliema reġistrati huma membri tagħha;

(*e*) żewġ membri nominati mill-Università minn fost l-istaff akkademiku permanenti tal-fakultà responsabbli

*Għadu mhux fis-seħħ.

għall-edukazzjoni u t-taħriġ ta’ l-għalliema;

(*f*) ġenitur nominat minn assoċjazzjonijiet ta’ ġenituri:

Iżda dwar l-ewwel ħatriet, "għalliem" tfisser kull persuna li hi kwalifikata li tkun reġistrata taħt dan l-Att:

Iżda wkoll għall-fini tal-paragrafu (*d*), l-assoċjazzjoni jew assoċjazzjonijiet li għandhom jagħmlu n-nomini dwar l-ewwel ħatra għandhom ikunu dik l-assoċjazzjoni jew dawk l-assoċjazzjonijiet li għandhom il-kwalifiki biex ikunu eventwalment reġistrati taħt dan l-Att.

(2) In-nomini magħmula skond is-subartikolu preċedenti għandhom, għall-ewwel darba, isiru fi żmien ġimgħatejn minn talba bil-miktub magħmula għal hekk mill-Ministru, u għal kull nomina sussegwenti, fi żmien xahar minn meta tinħoloq xi vakanza, jew meta l-vakanza tirriżulta wara li jiskadi ż-żmien tal-kariga, dik in-nomina għandha ssir fi żmien xahar qabel dik l-iskadenza. Fin-nuqqas ta’ xi nomina bħal dik, il-Ministru għandu jagħmel il-ħatra minn fost l-għalliema jew ġenituri skond il-każ.

(3) Il-membri tal-Kunsill għandhom jibqgħu fil-kariga għal tliet snin.

(4) Il-membri tal-Kunsill, wara li jintemm iż-żmien tal-ħatra tagħhom, ikunu eleġibbli biex jerġgħu jinħatru, iżda ma jistgħux iservu l-Kunsill għal iktar minn tliet perjodi konsekuttivi.

(5) Fil-każ li xi membru tal-Kunsill ibattal il-kariga tiegħu qabel ma jintemm iż-żmien tal-ħatra, il-persuna maħtura minfloku għandha tinħatar għaż-żmien li jifdal tal-ħatra oriġinali.

(6) L-għadd ta’ membri preżenti meħtieġ biex ikun hemm kworum fil-laqgħat tal-Kunsill għandu jkun nofs il-membri tiegħu u membru wieħed aktar, imma sakemm ikun hemm kworum, il-Kunsill jista’ jaġixxi minkejja kull vakanza fost il-membri tiegħu.

(7) Il-Ministru għandu wkoll jaħtar uffiċjal pubbliku biex jagħmilha ta’ segretarju tal-Kunsill, imma s-segretarju ma jkollux vot.

(8) Il-President tal-Kunsill ikollu kemm vot oriġinali kemm, fil-każ ta’ voti ndaqs, vot deċiżiv.

(9) Bla ħsara għal dak li ntqal hawn qabel u għal dak li jista’ jiġi preskritt, il-Kunsill jista’ jagħmel ir-regoli tiegħu u xort’oħra jirregola l-proċeduri tiegħu.

(10) Il-laqgħat tal-Kunsill għandhom jiġu msejħa mill-President u l-Kunsill għandu jiltaqa’ kemm jista’ jkun ta’ spiss skond kif meħtieġ, imma mill-anqas darba kull xahar.

(11) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, il-Kunsill jista’ jikkonsulta ruħu ma’ dawk il-persuni li jidhrulu xierqa. Għal dak l-iskop, il-Kunsill jista’ jistieden lil kull persuna bħal dawk biex tattendi għal-laqgħat tal-Kunsill.

(12) Il-Kunsill għandu jżomm kopja vera u korretta tal-proċedimenti tiegħu kollha u l-Kunsill għandu jagħti lill-Ministru kull informazzjoni mitluba minnu.

**27.*** (1) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u għall-funzjonijiet l-oħra tiegħu, il-Kunsill għandu jirregola l-prattika tal-professjoni ta' l-għalliema f'Malta, u partikolarment għandu -

Funzjonijiet tal-Kunsill. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

(*a*) jżomm taħt attenzjoni u jivvaluta l-i*standards* ta' l-edukazzjoni, tat-taħriġ u ta' l-idoneità għat-tagħlim ta' kull persuna li tagħżel li tipprattika l-professjoni ta' għalliem;

(*b*) jagħti pariri lill-Ministru dwar dawn l-i*standards*, it-taħriġ inizjali u kontinwu ta' l-għalliema, il-profiċjenza, l-esperjenza u l-kwalifiki meħtieġa biex wieħed jikseb u jżomm *warrant* taħt dan l-Att;

(*ċ*) jikkonsidra u jagħti pariri lill-Ministru dwar kwistjonijiet ta' komparabilità u għarfien ta' kwalifiki ta' għalliem;

(*d*) jippromowovi u jinkoraġġixxi inizjattivi li jiżguraw programm ta' taħriġ u żvilupp professjonali kontinwu għad-detenturi ta' *warrant*;

(*e*) jeżamina applikazzjonijiet għal *warrant* biex persuna tipprattika l-professjoni ta' għalliem u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru dwar l-għoti jew ir-rifjut ta' *warrant*;

(*f*) iżomm reġistru uffiċjali ta' l-għalliema reġistrati u reġistru ieħor ta' l-għalliema li jkunu ingħataw *warrant* temporanju taħt l-artikolu 25, u jinnota fih kull sospensjoni, tħassir u reintegrazzjoni ta' *warrant*;

(*g*) iżomm reġistru uffiċjali tas-soċjetajiet kollha ta' l-għalliema;

(*h*) iżomm dak it-tagħrif li jista' jkun meħtieġ dwar assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-għalliema f'Malta u li jkunu reġistrati taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*i*) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru, wara konsultazzjoni ma' l-assoċjazzjonijiet reġistrati taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, dwar kodiċi ta' *standards* professjonali u etiċi li jista' jkun preskritt għall-imġieba professjonali ta' l-għalliema li fost ħwejjeġ oħra għandu jinkludi referenzi għar-rispett lejn u l-promozzjon ta' valuri fondamentali tal-ħajja kif imnaqqxa fil-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-pajjiż;

(*j*) jinvestiga kull allegazzjoni ta' mġieba professjonali ħażina, negliġenza serja jew inkompetenza minn xi għalliem;

(*k*) jagħti pariri lill-Ministru dwar kull ħaġa li l-Kunsill ikun mitlub mill-Ministru biex jagħti l-fehma tiegħu, inkluż pariri dwar persuni li jagħmlu xogħol ta' għalliema b'*warrant* temporanju; u

(*l*) jaqdi dawk il-funzjonijiet l-oħra li jistgħu joriġinaw

*Għadu mhux fis-seħħ.

minn dan l-Att jew minn xi liġi oħra, jew li jistgħu jkunu lilu assenjati mill-Ministru.

(2) Il-Kunsill għandu, sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-aħħar ta' kull sena, jippubblika fil-Gazzetta lista ta' persuni jew soċjetajiet li fil-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena kienu reġistrati għall-ewwel darba fir-reġistru ta' l-għalliema jew fir-reġistru ta' soċjetajiet ta' l-għalliema.

(3) Il-Kunsill għandu, fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, jagħti każ ta' l-interess pubbliku, u jagħmel u jippublika rapport kull sena dwar l-attivitajiet tiegħu ġenerali.

*Warrants.*
*Miżjud: XIII. 2006.9.*

**28.*** (1) Kull persuna li tkun trid tikseb *warrant* biex tipprattika l-professjoni ta' għalliem f'Malta għandha tippreżenta applikazzjoni quddiem il-Kunsill flimkien ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti b'sostenn ta' l-applikazzjoni, inkluż ċertifikati maħruġa mill-awtorità kompetenti dwar komparabilità ta' kwalifiki u ċertifikati ta' l-awtentiċità tagħhom skond kif il-Kunsill jista' jiġi bżonn.

(2) Il-Kunsill għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Ministru għall-ħruġ ta' *warrant* hekk kif ikun sodisfatt li l-applikant jissodisfa l-ħtiġiet minimi stabbiliti taħt dan l-Att.

(3) Meta, wara l-perjodu ta' adattament skond kif ikun meħtieġ, il-Kunsill ikun sodisfatt li l-applikant ikun temm b'suċċess it-taħriġ tiegħu, il-Kunsill għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Ministru għall-ħruġ ta' *warrant*.

(4) Għall-fini li jiġi stabbilit jekk applikant ikunx temm b'suċċess it-taħriġ tiegħu kif hawn qabel imsemmi, il-Kunsill jista' jgħaddi lill-applikant minn test ta' ħila taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu.

(5) Il-Kunsill għandu regolarment jiġbed l-attenzjoni ta' l-għalliema reġistrati dwar l-obbligu tagħhom li perjodikament jagħmlu programmi ta' żvilupp professjonali kontinwu u ta' aġġornament meħtieġa għall-i*standards* u l-idoneità għat-tagħlim.

(6) Il-Kunsill għandu wkoll perjodikament jitlob l-għalliema reġistrati jipprovdulu t-tagħrif meħtieġ li juri liema programmi ikunu segwew.

(7) Kull meta jista' jkun il-każ, il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni ta' għalliem reġistrat li jkun qed jonqos fl-obbligu tiegħu kif imsemmi f'dan l-artikolu u għandu jagħtih żmien raġonevoli biex jottempra ruħu ma' dan l-obbligu.

(8) Meta għalliem reġistrat jibqa' jinjora t-talba tal-Kunsill biex isegwi programmi ta' żvilupp professjonali kontinwu u ta' aġġornament, il-*warrant* tad-detentur jista' jiġi sospiż sakemm id-detentur ta' *warrant* iġib prova li jkun qed jissodisfa l-ħtiġiet ta' l-obbligu msemmi f'dan l-artikolu.

*Għadu mhux fis-seħħ.

**29.*** Il-Kunsill għandu jikkunsidra u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar applikazzjoni għal *warrant* għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' għalliem malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattikkabli, imma f'ebda każ aktar tard minn erba' xhur minn meta jirċievi l-applikazzjoni. Meta jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Ministru, il-Kunsill għandu fl-istess ħin javża lill-applikant bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, flimkien mal-motivazzjonijiet li fuqhom dawn kienu ibbażati.

Il-Kunsill jikkunsidra applikazzjoni għal *warrant*. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

**30.*** (1) Ebda persuna ma tikkwalifika li tikseb jew ma għandha żżomm *warrant* skond dan l-Att jekk dik il-persuna tkun insabet ħatja minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali:

Telfien ta' *warrant*. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

(*a*) ta' xi delitt li għalih hemm piena ta' iktar minn sena priġunerija; jew

(*b*) li abbużat mill-fiduċja ta' l-istudenti jew talli għamlet użu minn vjolenza fuqhom; jew

(*ċ*) ta' xi delitt li minħabba fih dik il-persuna fil-fehma tal-Kunsill tista' ma tkunx idonea li tipprattika ta' għalliem fi skola.

(2) Meta persuna titlef il-*warrant* wara li tkun insabet ħatja skond ma hemm fis-subartikolu ta' qabel dan, għandu jingħata avviż ta' dak it-telfien mill-Ministru fil-Gazzetta u dan it-tagħrif jitwassal mill-Kunsill lill-persuna skwalifikata, kemm il-darba l-persuna ma tkunx ġiet interdetta bis-sentenza nnifisha, u lill-Prinċipal tal-Kulleġġ u lill-Kap ta' skola li jimpjegawh meta jkun il-każ.

**31.*** (1) Il-Kunsill għandu jinvestiga kull allegazzjoni ta' mġieba professjonali ħażina, negliġenza serja jew inkompetenza dwar xi għalliem.

Il-Kunsill jista' jagħmel inkjesti. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-frażijiet "mġieba professjonali ħażina", "negliġenza serja", jew "inkompetenza", jinkludu dawn li ġejjin:

(*a*) qerq jew frodi fl-applikazzjoni jew il-proċess tal-kisba ta' *warrant*;

(*b*) ksur tal-Kodiċi ta' Etika preskritt taħt dan l-Att;

(*ċ*) nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti dwar *standards* jew prattika professjonali;

(*d*) prattika jew assunzjoni professjonali li dwarha l-persuna ma tkunx kwalifikata jew il-persuna inkwistjoni ma tkunx awtorizzata li tipprattika skond il-*warrant* li jkollha;

(*e*) imġieba li tista' tkun ta' ħsara għall-professjoni ta' l-għalliema;

(*f*) wiri ta' nuqqas ta' ħila fil-prattika tal-professjoni ta' l-għalliema jew fit-twettiq ta' dmir jew obbligazzjoni fil-prattika ta' għalliema.

(3) Kull għalliem li jkun is-suġġett ta' xi investigazzjoni li ssir

*Għadu mhux fis-seħħ.

mill-Kunsill għandu jingħata kull opportunità biex jagħmel id-difiża tiegħu u jġib il-provi favur tiegħu u għal dak l-iskop jista' jkun assistit minn avukat jew minn xi persuna oħra li jagħżel hu.

(4) Meta jiffinalizza l-investigazzjoni l-Kunsill għandu -

(*a*) jekk ir-riżultanzi jkunu favur l-għalliem, itemm il-każ; jew

(*b*) jekk isib lill-għalliem ħati ta' mġieba professjonali ħażina, negliġenza serja jew inkompetenza, jagħmel rapport dwar ir-riżultanzi u jissottomettih lill-Ministru flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu għall-imposizzjoni ta' xi penali minn dawn li ġejjin:

(i) is-sospensjoni jew it-tħassir tal-*warrant* taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu rakkomandati;

(ii) is-sospensjoni jew it-tħassir tar-reġistrazzjoni ta' soċjetà ta' għalliema;

(iii) l-imposizzjoni ta' xi kondizzjonijiet li għandhom ikunu marbuta ma' *warrant*;

(iv) ċanfira;

(v) ħlas li jkopri l-ispejjeż ta' l-investigazzjoni;

(vi) ordni li xi drittijiet li jintalbu għal servizzi mogħtija ma jitħallsux, jitnaqqsu jew jitħallsu lura.

(5) Mat-tħassir tal-*warrant* ta' għalliem il-Kunsill għandu jaqta' isem dik il-persuna minn fuq ir-reġistru uffiċjali ta' għalliema.

(6) Id-deċiżjoni tal-Kunsill li biha jiċħad talba għal *warrant* jew li biha jiġi sospiż jew imħassar *warrant* għandha tiġi notifikata bil-miktub lill-persuna li tkun applikat jew lid-detentur ta' *warrant*, skond il-każ, u lill-Prinċipal ta' Kulleġġ u lill-kap ta' skola fejn jipprattika ta' għalliem meta jkun il-każ.

Kap. 273.

(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-membri tal-Kunsill ikollhom is-setgħat li jistgħu jingħataw lill-membri ta' Bord ta' Inkjesta taħt l-Att dwar l-Inkjesti, u għandhom imexxu l-investigazzjoni tagħhom kif provdut fl-istess Att.

Appelli.
*Miżjud: XIII. 2006.9.*

**32.*** (1) Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-Ministru, li jkun iddeċieda skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, li biha jiċħad talba għal *warrant*, jew li biha jiġi sospiż jew imħassar *warrant,* taħt id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, tista', fi żmien wieħed u għoxrin jum mill-avviż li jingħata lill-Ministru, tappella lill-Qorti ta' l-Appell fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha.

(2) Għalkemm ikun sar appell skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-*warrant* jitqies sospiż jew imħassar, skond il-każ, pendenti id-deċiżjoni finali tal-Qorti ta' l-Appell.

---

*Għadu mhux fis-seħħ.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti li jistabbilixxu d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-Reġistru tal-Qorti dwar appelli li jsiru taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm jiġu stabbiliti dawk id-drittijiet mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, id-drittijiet li għandhom jitħallsu għal appelli quddiem dik il-Qorti għandhom ikunu d-drittijiet applikabbli għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

(4) Il-Bord imwaqqaf bis-saħħa ta' l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu jagħmel regolamenti li jistabbilixxu l-forma ta' dawk l-appelli u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' dan. Kap. 12.

Il-Ministru jista' jirrestitwixxi l-*warrant*. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

**33.**[*] Il-Ministru jista', fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, u wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant, jerġa' jagħti lura l-*warrant* lil persuna li tkun skwalifikata jew li tkun tilfet il-*warrant* skond l-artikolu 30, jew iwarrab dik is-sospensjoni jew dak it-tħassir, kif rakkommandat skond l-artikolu 31, jekk l-applikant jissodisfa dawk il-ħtiġiet skond ma jistgħu jiġu preskritti. Meta l-*warrant* ta' l-għalliem ikun ġie restitwit, dak l-għalliem għandu jiġi reġistrat mill-ġdid fir-reġistru uffiċjali.

Assoċjazzjoni ta' għalliema. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

**34.*** (1) Assoċjazzjoni ta' għalliema hi assoċjazzjoni ta' għalliema mwaqqfa għall-iskop ewlieni li ġġib 'il quddiem il-prinċipji, valuri u *standards* marbuta mal-prattika tal-professjoni ta' għalliem.

(2) Assoċjazzjoni ta' għalliema tista' tagħmel applikazzjoni lill-Kunsill biex tkun reġistrata bħala assoċjazzjoni ta' għalliema għall-finijiet ta' dan l-Att.

(3) Assoċjazzjoni tkun kwalifikata biex tkun reġistrata taħt dan l-artikolu jekk iġġib prova lill-Kunsill li jkollha mill-inqas għaxar għalliema reġistrati li jkunu membri u li tkun tikkonforma ruħha ma' dawk il-kondizzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu ordnati. Assoċjazzjoni għandha, flimkien ma' l-applikazzjoni, tippreżenta lista ta' membri u kull tagħrif ieħor li l-Kunsill jista' jeħtieġ biex jipproċessa l-applikazzjoni.

(4) Il-Kunsill ikollu s-setgħa li jeħtieġ mingħand assoċjazzjoni li tkun reġistrata taħt dan l-artikolu biex tipproduċi dawk ir-*records* u tagħrif dwar l-assoċjazzjoni u l-membri tagħha skond ma l-Kunsill jista' raġonevolment jeħtieġ minn żmien għal żmien.

Soċjetajiet ta' għalliema. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

**35.*** (1) Żewġ detenturi ta' *warrant* jew iktar jistgħu jiffurmaw soċjetà ċivili, f'dan l-Att msejħa "soċjetà ta' għalliema", li jkollha bħala skop waħdieni l-prattika tal-professjoni ta' għalliema u dawk is-setgħat li huma meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet tas-soċjetà.

(2) Ħadd, barra minn detentur ta' *warrant*, ma jista' jkun soċju f'soċjetà ta' għalliema.

(3) Kull soċjetà bħal dik għandha, meta tkun iffurmata kif imiss skond il-liġi u mal-ħlas tad-dritt ordnat, tkun reġistrata mal-Kunsill u hekk kif tiġi reġistrata s-soċji għandhom, sakemm is-

*Għadu mhux fis-seħħ.

soċjetà tibqa' hekk reġistrata, ikunu awtorizzati jaġixxu f'isem u għas-soċjetà li jkollha l-jedd li tuża l-isem "Għalliema" bħala parti minn isimha.

(4) Kull soċjetà bħal dik għandha tagħti lill-Kunsill dak it-tagħrif li jkun raġonevolment meħtieġ mill-Kunsill jew skond ma jista' jiġi ordnat, u għandha tagħti avviż lill-Kunsill dwar kull tibdil rilevanti f'xi tagħrif mogħti qabel lill-Kunsill fi żmien ħmistax-il jum wara d-data li fiha jkun sar it-tibdil.

Kondizzjonijiet li japplikaw għal soċjetà. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

**36.*** Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra jew ta' kull ftehim ieħor kuntrarju, id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għal soċjetà ta' għalliema taħt dan l-Att:

(*a*) is-soċji jkunu responsabbli *in solidum* għal kull għemil u nuqqas ta' kull wieħed minnhom fil-qadi tad-dmirijiet professjonali tagħhom, għaż-żamma ta' *standards* u mġieba professjonali u b'mod ġenerali fit-twettiq ta' l-obbligi tagħhom taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra applikabbli, u għandhom ikunu wkoll responsabbli *in solidum* għal kull telf jew danni li jirriżultaw minn dan;

(*b*) kull għemil jew ħaġa li tista' ssir minn detentur ta' *warrant* tista' ssir minn xi wieħed jew iżjed mis-soċji f'isem is-soċjetà; u kull għemil jew ħaġa li ssir f'isem is-soċjetà għandha ssir minn xi wieħed jew iżjed mis-soċji;

(*ċ*) ir-responsabbilitajiet u l-obbligi għal kull ħaġa li tkun saret jew li tkun naqset milli ssir matul il-perjodu li fih il-persuna kienet soċju f'soċjetà ta' għalliema ma għandhomx jieqfu, dwar dik il-persuna, minħabba li din tkun irtirat, mietet jew għal xi raguni oħra li minħabba fiha ma tibqax aktar soċju.

Applikabilità ta' artikoli għal soċjetajiet. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

**37.*** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 30, 31 u 32 għandhom japplikaw għal soċjetajiet ta' għalliema *mutatis mutandis* bħalma dawn japplikaw għal għalliema.

Reati u multi. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

**38.*** (1) Kull persuna li, sabiex tikseb *warrant* jew reġistrazzjoni ta' soċjetà ta' għalliema taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħti xi tagħrif ħażin jew xort'oħra taġixxi b'mod qarrieqi jew bi frodi tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn elf lira jew priġunerija għal mhux iżjed minn tnax-il xahar jew dik ilmulta u priġunerija flimkien.

(2) Kull persuna li tinsab ħatja ta' xi reat ieħor kontra xi disposizzjoni ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira, jew priġunerija għal żmien tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien u fil-każ ta' reat kontinwat, multa ta' ħames liri għal kull jum li matulu jkompli ir-reat, sa massimu ta' elfejn lira.

(3) Kull persuna li, meta ma tkunx id-detentur ta' *warrant* jew

*Għadu mhux fis-seħħ.

*warrant* temporanju maħruġ taħt dan l-Att, teżerċita l-professjoni ta' għalliem jew tagħmel xi xogħol ta' tagħlim bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

(4) Kull persuna li tuża l-kliem "Għalliema" dwar soċjetà ta' għalliema meta dik is-soċjetà ma tkunx reġistrata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew b'xi mod li jkun tagħmel użu minn xi isem billi timplika b'mod qarrieqi l-eżistenza ta' soċjetà ta' għalliema li jkunu reġistrati kif hawn qabel imsemmi, tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u bla ħsara għal dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu magħmulin, persuna ma titqiesx li tkun qed tikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jekk dik il-persuna teżerċita l-professjoni ta' għalliem waqt perjodu ta' adattament jew meta tkun qed tagħmel taħriġ, f'kull każ taħt sorveljanza fi skola liċenzjata jew b'xi mod ieħor kif jiddeciedi l-Kunsill.

(6) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5), ebda persuna jew organizzazzjoni oħra ma għandha timpjega lil xi persuna barra minn għalliem reġistrat jew għalliem li jkollu *warrant* temporanju għall-fini li jeżerċita l-professjoni ta' għalliem.

(7) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li jistabbilixxu reati jkunu bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra li jistabbilixxu reati u pieni dwar l-istess attijiet jew ommissjonijiet u ma għandhomx, b'mod partikolari, jolqtu l-applikazzjoni ta' xi piena ogħla taħt xi liġi oħra.

Multi amministrattivi. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

**39.*** Meta, wara inkjesta taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31, il-Kunsill isib għalliem ħati ta' xi ksur ta' mġieba professjonali jew tal-Kodiċi ta' Etika, il-Kunsill jista' jimponi dawk il-multi amministrattivi li jirrakkomanda lill-Ministru u li dan jista' jippreskrivi.

Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

**40.*** Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Kunsill, jagħmel regolamenti li ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, biex jagħti effett aħjar lil kull waħda minn dawk id-disposizzjonijiet u b'mod ġenerali biex jirregola l-professjoni ta' l-għalliema, u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, dawk ir-regolamenti jistgħu b'mod partikolari jinkludu disposizzjonijiet dwar -

(*a*) it-twaqqif ta' *standards*, prattiċi, proċeduri u dmirijiet fl-eżerċizzju tal-professjoni ta' għalliema li għandhom ikunu mħarsa minn għalliema, kemm b'mod ġenerali kemm f'oqsma ta' attività partikolari;

(*b*) l-imġieba professjonali u l-kodiċi ta' etika ta' għalliema u l-livelli ta' kompetenza u integrità li għandhom jinżammu mill-professjoni;

(*ċ*) il-ħtiġiet, l-kondizzjonijiet u l-frekwenza dwar programmi ta' żvilupp professjonali kontinwu biex

*Għadu mhux fis-seħħ.

ikun jista' jinżamm *warrant*;

(*d*) ix-xogħol li jista' jsir u s-servizzi li jistgħu jingħataw skond il-*warrant*, u l-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu marbuta ma' dak il-*warrant*;

(*e*) id-drittijiet li jistgħu jinġabru mill-Kunsill b'konnessjoni mal-ħruġ ta' *warrant*, għal kull reġistrazzjoni taħt dan l-Att, kif ukoll dawk id-drittijiet annwali u perjodiċi li l-Kunsill jista' jidhirlu meħtieġa għall-ħidma tiegħu skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*f*) id-drittijiet li jistgħu jinġabru minn għalliema għas-servizzi professjonali tagħhom;

(*g*) il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każijiet ta' mġieba professjonali ħażina;

(*h*) l-ingaġġ ta' persuni biex jaħdmu fi skola bis-saħħa ta' *warrant* temporanju;

(*i*) il-formoli, ċertifikati ta' kondotta u ħwejjeġ oħra konnessi ma' l-applikazzjoni għal *warrant*, test biex tiġi stabbilita l-kapaċità legali, il-proċeduri konnessi man-nomini ta' membri għall-Kunsill, u dwar kull proċedura oħra li tista' tkun adottata mill-Kunsill;

(*j*) il-ħatra, komposizzjoni u proċeduri ta' kumitati jew sotto-kumitati li l-Kunsill jista' jħoss il-ħtieġa li jaħtar għal xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu;

(*k*) kull ħaġa oħra li tkun meħtieġa jew awtorizzata b'dan l-Att li tiġi ordnata.

Riservi.
*Miżjud: XIII. 2006.9.*

**41.**[*] (1) Kull persuna li fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima tkun id-detentur ta' *warrant* permanenti miksub taħt it-Taqsima II ta' dan l-Att qabel id-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima għandha titqies li hi detentur ta' *warrant* bl-istess drittijiet u obbligi daqslikieku dak il-*warrant* ġie mogħti skond id-disposizzjonijiet u l-kondizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

(2) Persuna titqies li tibqa' eliġibbli għal *warrant* permanenti taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att qabel ma ġie emendat kemm il-darba fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima:

(*a*) tkun diġà iskritta f'kors li jwassal għal grad ta' *Masters* mill-Università jew għal grad komparabbli, u kienet tkun eliġibbli li tapplika għal *warrant* permanenti taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11(3)(*a*) qabel ma ġie emendat; jew

(*b*) tikkwalifika għal *warrant* permanenti taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11(3)(*b*) qabel ma ġie emendat; jew

(*ċ*) tkun qed tipprattika l-professjoni ta' għalliem f'xi skola bis-saħħa ta' *warrant* temporanju u tkun ilha hekk tipprattika għal mhux anqas minn tmien snin

*Għadu mhux fis-seħħ.

skolastiċi u hi eliġibbli li tapplika għal *warrant* permanenti taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11(3)(*d*) qabel ma ġie emendat minħabba li tkun għallmet fi skola f'Malta għall-perjodu ta' mhux anqas minn hmistax-il sena u fl-opinjoni tal-Ministru tkun ta' ħila akkademika meħtieġa, tibqa' tikkwalifika għal *warrant* daqslikieku hi kwalifikata taħt id-disposizzjoniet ta' din it-Taqsima wara li tkun għalqet ħmistax il-sena tipprattika.

Detentur jista' jirritorna l-*warrant*. *Miżjud: XIII. 2006.9.*

**42.*** Detentur ta' *warrant* jista' jirritorna l-*warrant* lill-Ministru u jitlob li ismu jitneħħa mir-reġistru ta' l-għalliema.

---

*Emendat: XIII. 2006.10.*

TAQSIMA IV

Dmir ta' l-istat li jipprovdi Edukazzjoni

Edukazzjoni primarja. *Emendat: XIII. 2006.10.*

**43.** (1) Ikun id-dmir ta' l-Istat li jipprovdi għall-edukazzjoni primarja ta' l-ulied ta' ċittadini Maltin meta dawk l-ulied ikunu ta' età obbligatorja għall-iskola.

(2) Għall-għan imsemmi fis-subartikolu (1), il-Ministru għandu, sa fejn possibbli, jżomm skola f'kull belt jew raħal u għandu jipprovdi trasport għal studenti li joqogħdu f'inħawi li huma 'l bogħod mill-iskola.

(3) L-Istat jista' jipprovdi skejjel għal tfal żgħar li huma taħt l-età obbligatorja għall-iskola.

Edukazzjoni sekondarja. *Emendat: XIII. 2006.10.*

**44.** Ikun id-dover ta' l-Istat li jipprovdi għall-edukazzjoni sekondarja ta' l-ulied ta' ċittadini Maltin meta dawk l-ulied ikunu tfal li temmew l-edukazzjoni primarja tagħhom.

Ċentri ta' riżorsi. *Emendat: XIII. 2006.10.*

**45.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 58, ikun id-dover ta' l-Istat li jipprovdi ċentri ta' riżorsi, b'funzjoni speċjalizzata li tipprovdi għal tfal bi bżonnijiet edukattivi individuwali li jistgħu jibbenefikaw aktar jekk ikunu f'ċentri bħal dawk milli fi skejjel regolari, għal dak iż-żmien kif jista' jkun adatt skond il-bżonnijiet tagħhom.

(2) Minuri jitqies li għandu bżonnijiet edukattivi speċjali meta dak il-minuri għandu diffikultajiet speċjali ta' xorta fiżika, sensorja, intelletwali jew psikoloġika.

Dritt ta' azzjoni. *Emendat: XIII. 2006.10.*

**46.** Kull persuna li jidhrilha li ġiet aggravata bin-nuqqas ta' l-Istat li jwettaq id-doveri mposti fuqu bl-artikoli 16, 17 u 18 tista' taġixxi kontra l-Ministru għal dikjarazzjoni ta' l-aggravju li batiet.

Dritt tal-Ministru li jistabbilixxi il-*curriculum*. *Emendat: XIII. 2006.10.*

**47.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ikun id-dover tal-Ministru li jistabbilixxi l-*curriculum* għal skejjel ta' l-Istat u jista' jistabbilixxi *curricula* differenti għal skejjel ta' l-Istat differenti.

(2) Ikun id-dover tal-Ministru li jipprovdi għall-edukazzjoni u

*Għadu mhux fis-seħħ.

tagħlim tar-reliġjon kattolika fi skejjel ta' l-Istat u li jistabbilixxi l-*curriculum* għall-edukazzjoni u tagħlim ta' dik ir-reliġjon f'dawk l-iskejjel, skond ma jkunu ddisponew f'dan ir-rigward l-Isqfijiet Ordinarji ta'Malta.

(3) Kunsill ta' skola jista' jagħmel talba lill-Ministru biex idaħħal fil-*curriculum* ta' dik l-iskola korsijiet ta' studji b'żieda ma' dawk stabbiliti mill-Ministru u l-Ministru jista' jilqa' dik it-talba.

(4) Il-ġenituri ta' minuri għandhom id-dritt jagħżlu li l-minuri ma jirċevix tagħlim tar-reliġjon kattolika.

Dmir ta' l-Istat biex jipprepara liċ-ċittadini għax-xogħol.
*Emendat: XIII. 2006.10.*

**48.** Ikun id-dmir ta' l-Istat li, wara li jkun ipprovda għall-edukazzjoni ta' ċittadini Maltin biex ikunu jistgħu jiffurmaw il-ġudizzju indipendenti tagħhom, jistabbilixxi dawk il-faċilitajiet skolastiċi li l-Istat jidhirlu meħtieġa biex jipprovdi lil dawk iċ-ċittadini bl-opportunità li jikkwalifikaw fis-snajja', mestieri, attivitajiet artiġjanali, tekniċi jew kummerċjali, u fil-professjonijiet biex b'hekk iħejji, jgħallem, u jagħti sens ta' dixxiplina lil dawk iċ-ċittadini għax-xogħol fil-komunità.

## TAQSIMA V

### Kulleġġi ta' l-Iskejjel ta' l-Istat

Kulleġġi.
*Miżjud: XIII. 2006.12.*

**49.*** Bl-iskop li jitjiebu l-kwalità, l-i*standards*, l-operat, l-inizjattiva u r-riżultati ta' l-edukazzjoni fl-iskejjel ta' l-Istat, għandu jkun hemm dawk il-Kulleġġi, hekk kif il-Ministru minn żmien għal żmien jidhirlu li jkun meħtieġ f'Malta u f'Għawdex, li jinsġu fihom l-iskejjel ta' l-Istat, tal-bniet u tas-subien, u li jkunu jiżguraw esperjenza u servizzi edukattivi fi proċess sħiħ u kontinwu sa mill-edukazzjoni bikrija, u tul il-livell primarju u sekondarju. Kull Kulleġġ jkun taħt ir-responsabbiltà, tmexxija u amministrazzjoni ta' Prinċipal.

Personalità ġuridika u rappreżentanza legali tal-Kulleġġi.
*Miżjud: XIII. 2006.12.*

**50.*** (1) Kull wieħed mill-Kulleġġi mwaqqaf taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att huwa korp magħqud li jkollu personalità ġuridika u distinta u li jkun jista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jagħmel kuntratti, jikseb, iżomm u jiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu, jew li jħarrek jew li jiġi mħarrek, u li jagħmel dawk l-affarijiet u dawk l-operazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

(2) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' kull Kulleġġ imsemmi f'dan l-artikolu tvesti fil-Prinċipal rispettiv, iżda kull Prinċipal jista' jaħtar lil xi wieħed jew aktar mill-uffiċjali jew impjegati tal-Kulleġġ rispettiv, biex jidher f'ismu u għalih f'kull proċediment ġudizzjarju u fuq kull att, kuntratt, istrument jew dokument ieħor ta' liema xorta jkun.

*Għadu mhux fis-seħħ.

Funzjonijiet ta' Kulleġġ. *Miżjud: XIII. 2006.12.*

**51.*** Tkun il-funzjoni ta' kull Kulleġġ li:

(*a*) jiżgura li l-istudenti fdati lill-iskejjel fi ħdan il-Kulleġġ jirċievu d-dritt tagħhom fl-edukazzjoni skond il-potenzjal tagħhom fi proċess sħiħ, kontinwu u bla skossi ta' edukazzjoni minn età bikrija sa tmiem l-edukazzjoni obbligatorja f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja u ispirata mill-ogħla valuri uman;

(*b*) jiżgura r-responsabbiltà u l-kontabilità ta' kull min fl-iskejjel hu involut fil-proċess edukattiv ta' l-istudenti;

(*ċ*) isawwar il-karattru u l-identità tiegħu u jara li titjieb il-kwalità tas-servizz edukattiv fl-iskejjel billi jippromwovi, jikseb u jżomm riżultati u *standards* għoljin mill-membri u l-istudenti kollha tal-Kulleġġ;

(*d*) jippromwovi djalogu u kultura ta' tim fost il-Kapijiet u l-persunal ta' l-iskejjel permezz ta' ħidma flimkien, inkluż f'inizjattivi u problemi li jirrigwardaw il-Kulleġġ kollu;

(*e*) jara li l-Qafas tal-Kurrikulum Nazzjonali jiġi tradott f'kurrikulum adatt għall-istudenti tal-Kulleġġ u li dan jiġi implimentat fl-iskejjel kollha tiegħu bl-aħjar metodoloġiji, inkluż bit-tħaddim estensiv tat-teknoloġiji ta' l-informatika u l-komunikazzjoni bħala għodda pedagoġika;

(*f*) jassigura l-promozzjoni u d-disseminazzjoni ta' kultura ta' evalwazzjoni fi ħdan l-iskejjel tal-Kulleġġ, inkluża l-implimentazzjoni ta' proċess ta' verifika edukattiva interna u ta' parteċipazzjoni sħiħa fi proċessi esterni ta' assikurazzjoni ta' kwalità;

(*g*) jassigura proċess ta' żvilupp professjonali għall-għalliema u jissorvelja t-tmexxija, l-amministrazzjoni u l-kondotta ġenerali ta' l-iskejjel fi ħdan il-Kulleġġ;

(*h*) jassigura l-provvediment ta' riżorsi, servizzi u faċilitajiet meħtieġa għal kull min irid jitgħallem u kull min irid jgħallem inklużi libreriji u ċentri speċjalizzati ta' riżorsi, filwaqt li jiffaċilita kull fejn ikun opportun l-użu komuni ta' dawn ir-riżorsi, servizzi u faċilitajiet;

(*i*) jassigura li kull min jaħdem fl-iskejjel tal-Kulleġġ jaħdem b'mod effettiv sabiex jiżguraw kultura b'saħħitha ta' imġieba tajba u ta' dixxiplina kif ukoll ambjent żgur u bla perikli;

(*j*) flimkien mad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi, jiżgura r-reklutaġġ fil-ħin tar-riżorsi umani li l-iskejjel ikollhom bżonn, l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' tagħrif lill-ħaddiema ġodda u ta' żvilupp professjonali kontinwu tal-persunal kollu ta' l-iskejjel, inklużi għalliema, amministraturi, professjonisti inkarigati mis-servizzi psiko-soċjali u ta' appoġġ;

*Għadu mhux fis-seħħ.

(*k*) jassigura politika u strateġija għall-iżvilupp ta' l-iskejjel fi ħdanu bħala ċentri ta' tagħlim tul il-ħajja u ta' kultura għall-komunitajiet li minnhom ikunu ġejjin it-tfal u studenti fl-iskejjel;

(*l*) jippromwovi l-implimentazzjoni tal-politika nazzjonali ta' tisħib tal-ġenituri fl-iżvilupp ta' l-iskola u fl-esperjenza edukattiva ta' uliedhom u joħloq sħubija effettiva bejn l-iskola u d-dar;

(*m*) jassigura li l-*policies* tal-Kulleġġ jiġu segwiti w implimentati;

(*n*) jorganizza servizz effettiv ta' *customer care*, iwettaq programm effettiv ta' komunikazzjoni, u jittratta l-ilmenti ta' studenti, ġenituri u għalliema skond il-linji gwida u *policies* maħruġa mid-Direttorati;

(*o*) jippromwovi u jiffaċilita l-organizzazzjoni ta' attivitajiet komuni f'oqsma bħal sports u edukazzjoni fiżika, kultura, drama, mużika u arti, u *crafts*, ambjent, stili ta' ħajja b'saħħithom, kreattività u imprenditorija;

(*p*) jassigura l-kordinazzjoni ta' ħidma ta' riċerka, inkluż *action research*, sew bejn l-iskejjel tal-Kulleġġ sew bejn il-Kulleġġi;

(*q*) jippromwovi kuntatt ma' ċentri għall-ħarsien tat-tfal żgħar biex jiffaċilita transizzjoni bla skossi bejn it-trobbija bikrija u d-dħul fiċ-ċentri tal-kindergarten u l-iskejjel;

(*r*) jippromwovi u jinkoraġġixxi kultura u mentalità sħiħa favur il-kreattività, l-imprenditorija, il-proattività u l-attitudni pożittiva għall-bidla.

Prinċipal ta' Kulleġġ. *Miżjud: XIII. 2006.12.*

**52.*** (1) Kull Kulleġġ għandu jkollu Prinċipal li jkun l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Kulleġġ u li jkun iwieġeb lid-Diretturi Ġenerali dwar il-qadi tal-funzjonijiet tiegħu u tal-Kulleġġ skond il-materja rispettiva, u lill-Bord tal-Kulleġġ fejn jispetta lill-Bord skond il-funzjonijiet tiegħu.

(2) Il-Prinċipal għandu jiġi maħtur mill-Ministru fuq bażi ta' kuntratt definit li jista' jiġġedded, bi proċess ta' għażla, wara sejħa pubblika mnedija mid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi, u li għaliha jistgħu japplikaw persuni li jkollhom il-kwalifiki professjonali u l-esperjenza edukattiva meħtieġa kif ukoll il-ħiliet maniġerjali u ta' tmexxija għan-nisġa u l-kordinament effettiv ta' l-iskejjel fi ħdan il-Kulleġġ.

Funzjonijiet ta' Prinċipal ta' Kulleġġ. *Miżjud: XIII. 2006.12.*

**53.*** Ikun id-dmir ta' kull Prinċipal ta' Kulleġġ li jara li l-funzjonijiet tal-Kulleġġ kif provdut fl-artikolu 51 ikunu qegħdin jitwettqu, u b'mod partikolari għandu:

(*a*) joħloq opportunitajiet sabiex il-Kapijiet, għalliema u persunal ieħor fl-iskejjel jikkontribwixxu u jiskambjaw ideat, esperjenzi u prattiċi tajbin u li jaħdmu flimkien fuq programmi, proġetti, attivitajiet u

*Għadu mhux fis-seħħ.

inizjattivi edukattivi komuni;

(*b*) iħejji pjan ta' ħidma għal tliet snin kif ukoll l-estimi annwali tal-Kulleġġ u l-iskejjel tiegħu u jqassam l-fondi allokati mid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi skond il-bżonnijiet ta' l-iskejjel fi ħdan il-Kulleġġ kif indikat fl-estimi;

(*ċ*) ikun il-*mentor* tal-Kapijiet ta' l-iskejjel sew meta mitlub sew meta meħtieġ;

(*d*) jikkollabora ma' l-uffiċjali tad-Direttorati u ma' l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, lokali u barranin, fit-taħriġ inizjali u l-iżvilupp professjonali kontinwu ta' l-għalliema u l-persunal ta' l-iskejjel;

(*e*) jippreżenta b'mod regolari rapporti dwar il-ħidma tal-Kulleġġ u jipprovdi t-tagħrif meħtieġ lill-Bord tal-Kulleġġ;

(*f*) jippresjedi l-laqgħat tal-Kunsill tal-Kapijiet ta' l-iskejjel, u fit-tħejjija ta' l-aġenda tal-Kunsill għandu jagħti konsiderazzjoni lill-proposti tal-Kapijiet ta' l-Iskejjel li l-Prinċipal jista' jidhirlu opportun li jinkludi fl-aġenda.

Bord ta' Kulleġġ. *Miżjud: XIII. 2006.12.*

**54.**[*] (1) Kull Kulleġġ għandu jkollu Bord maħtur mill-Ministru u li jkun magħmul minn mhux anqas minn ħames, iżda mhux aktar minn seba', membri u li persuna minnhom tkun maħtura President. Il-membri tal-Bord jinħatru għal tliet snin iżda meta membru jagħlaqlu ż-żmien tal-ħatra jista' jerga' jinħatar għal perjodu jew perjodi ulterjuri.

(2) Il-Ministru għandu jaħtar lill-membri tal-Bord minn fost persuni li fil-fehma tiegħu jistgħu jservu ta' kontribut validu għall-Kulleġġ u f'din l-għażla għandu jfittex taħlita ta' ħiliet u esperjenzi, bħal inizjattiva personali, impenn fl-edukazzjoni bħala ġenitur, *leadership* edukattiv jew fil-komunità, ħila fin-negozju, u spirtu ċiviku.

(3) Il-Bord tal-Kulleġġ huwa Bord konsultattiv, bil-funzjoni li jappoġġa lill-Kulleġġ jakkwista s-servizzi u r-riżorsi meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, u li jsegwi li dawn il-funzjonijiet ikunu qegħdin jitwettqu.

(4) Il-Prinċipal għandu jirrapporta regolarment lill-Bord fuq l-andament u l-ħidma tal-Kulleġġ u jindika kwistjonijiet li dwarhom ikun jinħtieġ parir. Il-Bord għandu dritt jitlob informazzjoni dwar l-operat u l-iżvilupp tal-Kulleġġ u l-Prinċipal hu fid-dmir li jipprokura t-tagħrif mitlub. Il-Bord għandu jiddiskuti l-*Business Plan* u l-Estimi Finanzjarji tal-Kulleġġ qabel ma dawn jiġu preżentati lid-Direttorati għall-konsiderazzjoni tagħhom. Il-Bord għandu jaħdem biex il-Kulleġġ ikun qrib id-dinja tax-xogħol u ta' l-ekonomija kif ukoll tal-komunitajiet li minnhom jiġu l-istudenti.

(5) Il-Prinċipal jieħu sehem bi dritt f'kull laqgħa tal-Bord filwaqt li uffiċjal tal-Kulleġġ ikun is-Segretarju, iżda dawn

*Għadu mhux fis-seħħ.

għandhom jirtiraw minn laqgħa fejn il-Bord jiddiskuti ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-imġieba u l-*performance* tagħhom. Il-Prinċipal u s-Segretarju jkollhom dejjem id-dritt li jippreżentaw il-każ tagħhom.

Kunsill ta' Kapijiet ta' Skejjel.
*Miżjud: XIII. 2006.12.*

**55.**[*] Ikun hemm f'kull Kulleġġ Kunsill tal-Kapijiet ta' l-Iskejjel li jiffurmaw il-Kulleġġ u li jkun presedut mill-Prinċipal. Il-Kunsill għandu:

(*a*) jikkoltiva spirtu ta' kolleġjalità fit-tmexxija tal-Kulleġġ bħala nisġa ta' skejjel filwaqt li jiżviluppa karattru u identità komuni;

(*b*) jidentifika l-bżonnijiet ta' taħriġ tal-persunal ta' l-iskejjel u jippjana opportunitajiet ta' żvilupp ta' persunal li jkun jista' jsir fuq livell ta' Kulleġġ għall-iskejjel tiegħu;

(*ċ*) jara li jiġu skambjati l-esperjenzi tal-Pjani ta' żvilupp ta' l-Iskola, l-*Performance Management Programmes*, u *policies* u prattiċi bil-parteċipazzjoni tal-komunità ta' l-iskola kif ikun opportun;

(*d*) jara li l-*policies* nazzjonali dwar materji ta' edukazzjoni, inklużi dawk dwar imġieba tajba u dixxiplina fl-iskejjel, ħarsien kontra l-abbuż tat-tfal u kontra l-abbuż ta' sustanzi, l-assentejiżmu, l-edukazzjoni inklużiva, u kull *policy* nazzjonali l-Ministru minn żmien għal żmien jista' jadotta, huma magħrufa sew minn kull għalliem jew ħaddiema fi skola, u li jkunu qegħdin jiġu segwiti b'mod effettiv;

(*e*) jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-iżvilupp ta' skambji u proġetti fi sħubija ma' skejjel oħra fl-Ewropa u pajjiżi oħra fid-dinja;

(*f*) jaħdem biex il-ġenituri jissieħbu u jsiru kollaboraturi attivi fl-edukazzjoni ta' uliedhom u fl-iskola u jippromwovi t-tagħlim tul il-ħajja fost il-ġenituri u l-komunità in ġenerali;

(*g*) jiżgura li l-iskejjel jużaw b'mod tajjeb flimkien r-riżorsi, faċilitajiet u servizzi u li jiżviluppaw s-sħubija meħtieġa għall-provvista ta' appoġġi partikolari jew assistenza teknika;

(*h*) jara li l-iskejjel jipparteċipaw u jappoġġaw il-ħidma ta' l-Ispettorat Edukattiv;

(i) jirċievi u jiddiskuti rapporti preżentati mill-Prinċipal jew minn xi Kap ta' Skola kif ukoll rapporti oħra li l-Prinċipal jew il-Kunsill jitlob jew jirċievi;

(*j*) iżomm *record* tal-ħidma u d-deċiżjonijiet adottati fil-laqgħat tal-Kunsill.

---

*Għadu mhux fis-seħħ.

**56.*** (1) Prinċipal ta' Kulleġġ għandu jfittex li jinseġ sħubija ma' kulleġġi jew skejjel mhux ta' l-Istat u jasal għal ftehim ta' ħidma flimkien b'risq l-edukazzjoni ta' l-istudenti.

Sħubija fil-Kulleġġi. *Miżjud: XIII. 2006.12.*

(2) Il-prinċipali jew kapijiet ta' dawk il-kulleġġi jew skejjel mhux ta' l-Istat li jilħqu ftehim ta' sħubija ma' Kulleġġ ikollhom id-dritt li jieħdu sehem fil-Kunsill tal-Kapijiet tal-Kulleġġ u li jaħdmu flimkien mal-kapijiet ta' l-iskejjel ta' l-Istat fi ħdan il-Kulleġġ fuq materji edukattivi ta' interess u benfiċċju reċiproku.

(3) Ftehim ta' sħubija bħal dak imsemmi f'dan l-artikolu għandu jipprovdi għal opportunitajiet ta' ħidma flimkien, użu ta' riżorsi komuni, u skambji ta' esperjenzi, prattika tajba u programmi edukattivi.

**57.*** (1) Il-Ministru u d-Direttorati għandhom jippromwovu l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fit-tmexxija u l-amministrazzjoni tal-Kulleġġi, f'qafas ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija ta' l-operat u s-servizzi edukattivi tal-Kulleġġi u l-iskejjel tagħhom skond il-prioritajiet, miri u strateġiji nazzjonali adottati mill-Gvern.

L-awtonomija tal-Kulleġġi. *Miżjud: XIII. 2006.12.*

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Ministru jista' jagħti dawk id-direttivi u jagħmel dawk ir-regolamenti li jidhirlu meħtieġa biex jiddelega b'mod ċar il-funzjonijiet edukattivi lill-Kulleġġi u jistabilixxi l-parametri tal-funzjoni u l-kontabilità effettiva ta' kull uffiċjal jew impjegat involut fl-eżerċizzju tad-delega, tad-deċentralizzazzjoni u l-awtonomija ta' l-applikazzjoni tal-funzjonijiet fdati lill-Kulleġġi u l-iskejjel.

**58.*** (1) Il-Ministru għandu jara li l-politika nazzjonali dwar l-edukazzjoni inklużiva qed tiġi applikata f'kull skola u li jkun hemm ir-riżorsi, l-għodda u l-faċilitajiet meħtieġa biex din tingħata b'mod effettiv.

Edukazzjoni inklużiva. *Miżjud: XIII. 2006.12.*

(2) Il-Ministru għandu jara li jkun hemm ċentri speċjalizzati ta' riżorsi li jappoġġaw il-Kulleġġi u l-iskejjel fit-twettiq tal-politika ta' edukazzjoni inklużiva, li jagħtu servizz lil studenti b'diffikultajiet speċifiċi fit-tagħlim, u oħrajn li jipprovdu servizzi ta' edukazzjoni u taħriġ lil studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali li jistgħu jiksbu d-drittijiet tagħhom edukattivi aħjar f'ċentri bħal dawn.

(3) Għall-iskopijiet tas-subartikoli preċedenti f'dan l-artikolu, il-Ministru jista' jagħti dawk id-direttivi u jagħmel dawk ir-regolamenti li fil-fehma tiegħu jkunu meħtieġa biex jipprovdi għal studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali, inkluż l-assessjar multi-dixxiplinarju tal-kondizzjoni tagħhom, il-proċess ta' *statementing*, it-tifsil u l-applikazzjoni ta' programm ta' edukazzjoni individwali, arrangamenti speċjali dwar l-assessjar, testijiet u eżamijiet ta' l-istudenti konċernati, il-programmi f'ċentri speċjalizzati ta' riżorsi jew skejjel speċjali, l-applikazzjoni ta' terapiji jew l-għoti ta' mediċini kif preskritti mill-professjonisti kompetenti skond xi liġi lil studenti waqt li dawn ikunu f'xi skola jew ċentru, mezzi għal rikonsiderazzjoni ta' u appelli minn

*Għadu mhux fis-seħħ.

deċizjoni dwar applikazzjoni għal *statementing* ta' student, u għal kull materja oħra konnessa ma' l-implimentazzjoni tal-politika dwar edukazzjoni inklużiva.

Arti, mużika, drama u sport fl-edukazzjoni. *Miżjud: XIII. 2006.12.*

**59.*** (1) Kull Kulleġġ u kull skola għandhom, sa mill-età bikrija ta' l-istudenti, jiżguraw programmi u attivitajiet ta' arti, mużika, drama u sport bl-iskop li jsawwru fl-istudenti l-imħabba u l-apprezzament għalihom, u biex jisfruttaw l-elementi kollha possibbli ta' l-arti, l-mużika, d-drama u l-isport għall-finijiet ta' l-għodda pedagoġika u l-esperjenza edukattiva għall-aħjar żvilupp tal-ħiliet, it-talenti u kull potenzjal divers ta' l-istudenti.

(2) Il-Ministru għandu jara li jkun hemm skejjel għall-edukazzjoni ta' l-arti, mużika, drama u sport, u jara wkoll li dawn jaħdmu f'nisġa effettiva bejniethom u f'koperazzjoni effettiva mal-kulleġġi, skejjel u ma' istituzzjonijiet u ċentri ta' l-arti, mużika, drama u sport imwaqqfa fil-pajjiż sew bil-liġi sew xort' oħra.

Skejjel bħala ċentri ta' tagħlim fil-komunità. *Miżjud: XIII. 2006.12.*

**60.*** Il-Ministru jista' jagħti dawk id-direttivi, jistitwixxi dawk il-programmi u jagħmel dawk ir-regolamenti li jidhirlu meħtieġa biex il-faċilitajiet tal-Kulleġġi u l-iskejjel ta' l-Istat ikunu jistgħu jintużaw bħala ċentri għal tfal żgħar, u biex ikunu jistgħu jintużaw ukoll f'kull ħin barra mill-ħin normali ta' l-iskola bħala ċentri ta' tagħlim fil-komunità għall-firxa ta' programmi ta' tagħlim tul il-ħajja u ta' appoġġ edukattiv komplimentari u supplimentari, għal kull attività ta' eżerċizzju u edukazzjoni fiżika u sportiva, u għal kull attività kulturali ta' arti, mużika u drama, għat-tfal, studenti u persuni adulti.

Kunsill ta' Skola u Kunsill ta' Studenti. *Miżjud: XIII. 2006.12.*

**61.*** (1) Il-Ministru għandu jara li f'kull Kulleġġ tiġi applikata l-politika nazzjonali ta' sħubija tal-ġenituri fil-proċess edukattiv ta' uliedhom.

(2) Kull skola, sew jekk hi skola fi ħdan Kulleġġ sew jekk le, għandu jkollha Kunsill ta' l-Iskola magħmul minn ġenituri u għalliema, u Kunsill ta' Studenti li jkunu komposti u magħżula, u li jkollhom il-funzjonijiet, dmirijiet, setgħat u proċeduri hekk kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi permezz ta' regolamenti.

Imġieba tajba u dixxiplina fl-iskejjel. *Miżjud: XIII. 2006.12.*

**62.*** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Kap u l-għalliema ta' skola, inkluż kull min b'mod dirett jew indirett għandu x'jaqsam mal-proċess edukattiv ta' l-istudenti fl-iskola, għandhom ikunu responsabbli għat-tagħlim u l-edukazzjoni ta' l-istudenti u biex tinżamm id-dixxiplina fl-iskola u jkunu jirrispondu għal dan lill-Prinċipal, lillufficjali tad-Direttorati, u lill-Ministru.

(2) Il-ġenituri għandhom l-ewwel dmir biex jiżguraw il-motivazzjoni ta' uliedhom għall-edukazzjoni u d-disposizzjoni għall-osservanza ta' mgieba tajba u dixxiplina, u għal dan l-iskop huma obbligati li jikkoperaw bis-sħiħ u b'rispett mal-Kap u l-għalliema.

(3) Il-Ministru jista', biex jiżgura l-aħjar effett u implimentazzjoni tad-dmirijiet imsemmija f'dan l-artikolu, jagħmel

*Għadu mhux fis-seħħ.

regolamenti u *policies* u jagħti direttivi dwar diffikultajiet emozzjonali u ta' imġieba li jiltaqgħu magħhom l-istudenti, inkluż biex jipprovdi għas-servizzi u r-riżorsi meħtieġa, għat-twaqqif ta' żoni ta' appoġġ fit-tagħlim fl-iskola u ta' ċentri ta' appoġġ fit-tagħlim barra mill-iskola, għat-trasferiment ta' student mill-klassi u l-iskola regolari għal dawn iż-żoni u ċentri, għas-sospensjoni u l-esklużjoni ta' student mill-klassi u l-iskola bħala parti minn proċess ta' dixxiplina u integrazzjoni mill-ġdid, għal mezzi ta' appell u ta' rikonsiderazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar dixxiplina meħuda minn awtoritajiet kompetenti, għall-adozzjoni minn Kulleġġ u skola tal-kodiċi ta' dixxiplina, u għal kull ħaġa oħra anċillari għal dan skond kif ikun meħtieġ.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, ir-regolamenti u l-kodiċi ta' dixxiplina msemmija fis-subartikolu ta' qabel ta' dan l-artikolu jistgħu jinkludu disposizzjonijiet dwar imgieba u dixxiplina li jirrigwardaw lill-għalliema, lil kull min jaħdem jew jidħol fi skola, u lill-ġenituri.

---

## TAQSIMA VI

*Miżjuda: XIII. 2006.13.*

### Twaqqif u Funzjonijiet tal-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla

Tifsir. *Miżjud: XIII. 2006.13.*

**63.** Bla ħsara għad-disposizzjoniiet ta' dan l-Att f'din it-Taqsima, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"akkreditament ta' programmi jew ta' istituzzjoni" tirriferi għall-proċess li bih, bl-għajnuna ta' assigurazzjoni interna u ta' verifika esterna tal-kwalità, jiġu akkreditati istituzzjonijiet u programmi ta' edukazzjoni u taħriġ, u li juri li hemm l-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti li jkunu ntlaħqu *standards* nazzjonali u internazzjonali;

"approvazzjoni" tinkludi l-proċess amministrattiv skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra għal-liċenzjar u rappurtaġġ perjodiku meħtieġ dwar it-twaqqif ta' istituzzjonijiet jew il-kisba jew il-manteniment ta' status speċifiku minn xi istituzzjoni, dwar deċizjoni jekk kors jew programm jikkwalifikax għal grad akkademiku, jew jekk istituzzjoni għandhiex id-dritt li tagħti kwalifiki nazzjonali u gradi;

"awtorizzazzjoni" tirreferi għad-deċizjoni uffiċjali li programm edukattiv u ta' taħriġ jagħti d-dritt għall-prattika ta' professjoni, sengħa jew xogħol partikolari;

"edukazzjoni avvanzata" tfisser *further education* u tinkludi kull edukazzjoni formali għal persuni ta' età aktar mill-età obbligatorja għall-iskola u li tista' twassal sal-livell 4 ta' l-*ISCED* jew 5 tan-*NQF*<

"edukazzjoni ogħla" tinkludi l-attivitajiet u programmi ta' tagħlim, taħriġ u riċerka ta' livell terzjarju, u fir-rigward tat-tagħlim tinkludi l-livelli li jwasslu sa Diploma, Baċċellerat, *Masters*, u Dottorat, u tinkludi wkoll edukazzjoni provduta minn universitajiet, istituzzjonijiet, kulleġġi, u *franchises* ta'

edukazzjoni ogħla li jipprovdu korsijiet li jwassalu sal-livell ISCED 5 jew aktar, jew NQF 6 jew aktar; u "settur ta' edukazzjoni ogħla" għandha tiftiehem skond hekk;

"evalwazzjoni" tirreferi għall-proċess ta' assessjar perjodiku dwar it-titjib ta' l-azzjonijiet, strutturi, programmi, riżultati, ċertifikazzjoni, sistemi ta' kontabilità u akkreditar ta' l-istituzzjonijiet jew korsijiet;

"istituzzjoni għal edukazzjoni avvanzata" tirreferi għal kull skola, kulleġġ jew istitut, pubbliku jew privat, li jipprovdi edukazzjoni avvanzata, inkluża edukazzjoni ġenerali jew vokazzjonali, u tinkludi skola sekondarja ogħla, skola jew kulleġġ għas-*sixth form*, kulleġġ vokazzjonali, u *franchise* ta' korsijiet ta' edukazzjoni avvanzata; u "settur ta' edukazzjoni avvanzata" għandha tiftiehem skond hekk;

"istituzzjoni għal edukazzjoni ogħla" tirreferi għal kwalunkwe istitut, pubbliku jew privat, li jipprovdi edukazzjoni ogħla, u "settur ta' edukazzjoni ogħla" għandha tiftiehem skond hekk;

"istituzzjonijiet" tfisser istituzzjonijiet ta' edukazzjoni avvanzata jew ta' edukazzjoni ogħla;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla mwaqqfa bl-artikolu 64;

"li tiġi żgurata l-kwalità" tirreferi għal sistemi -

(*a*) li jiggarantixxu l-kwalità ta' edukazzjoni avvanzata u edukazzjoni ogħla f'kuntest ekonomiku, soċjali u kulturali, fuq livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali;

(*b*) li jiżguraw l-użu ta' kejl xieraq bħala għodda għat-titjib ta' min jitgħallem u min jgħallem, tat-taħriġ u tar-riċerka; u

(*ċ*) li jikkomunikaw ir-riżultat ta' dan il-proċess f'qafas intern u estern ta' kontabilità;

"livell *ISCED*" tfisser livell ta' l-*International Standard Classification of Education (ISCED)* adottata fid-29 Sessjoni tal-Konferenza Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, Xjenza u Kultura (*UNESCO*) fl-1997;

"livell *NQF*" tfisser il-livelli ta' kwalifiki u kompetenzi adottati mir-Regolamenti dwar il-Kunsill Malti għall-Kwalifiki u li bejniethom jiffurmaw il-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki, *National Qualifications Framework, NQF*;

L.S. 343.26

"marka-bażi" tirreferi għal punt ta' riferenza biex tqabbel riżultati bejn suġġetti, programmi, temi jew istituzzjonijiet u li jwassal għal skambju ta' esperjenza u ta' l-aħjar prattika;

"rikonoxximent" tfisser il-proċess ta' l-għoti ta' status uffiċjali lil ħiliet u, jew kompetenzi permezz ta' l-għoti ta' ċertifikati jew permezz ta' l-għotja ta' komparabiltà, krediti, tisħiħ ta' ħiliet u, jew kompetenzi miksuba;

"verifika tal-kwalità" tirreferi għall-proċess ta' evalwazzjoni esterna tal-mekkaniżmi li jiżguraw il-kwalità interna, adottata minn

istituzzjoni għall-użu tagħha biex kontinwament issegwi u ttejjeb il-ħidma u s-servizzi tagħha dwar suġġett, programm, tema, jew l-istituzzjoni nnifisha.

Twaqqif tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla. *Miżjud: XIII. 2006.13.*

**64.** (1) Għandu jkun hemm Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla li permezz ta' djalogu strutturat:

(*a*) tivverifika l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla,

(*b*) tinforma lill-pubbliku dwar il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp sostennibbli tas-setturi ta' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla f'Malta biex jintlahqu l-bżonnijiet tas-soċjetà, u

(*ċ*) tagħti pariri lill-Gvern dwar kull materja li għandha x'taqsam mas-settur ta' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla.

(2) Il-ħwejjeġ u x-xogħol tal-Kummissjoni huma taħt id-direzzjoni tal-Kummissjoni u jitmexxew mill-membri tal-Kummissjoni, u għal dan l-iskop, il-Kummissjoni tkun rappreżentata mill-President li jkun jista' jitkellem u jaġġixxi għannom tagħha.

Skop u funzjonijiet tal-Kummissjoni. *Miżjud: XIII. 2006.13.*

**65.** Il-Kummissjoni għandha:

(*a*) tifformula prinċipji gwida għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla, u tipproponi viżjoni, objettivi u miri strateġiċi ċari u sostennibbli għas-settur ta' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(*b*) tirriċerka, tanalizza, tirrevedi u, permezz tal-Ministru, tagħti pariri lill-Gvern dwar l-iżvilupp, l-ippjanar u t-tmexxija tal-politika ta' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(*ċ*) tirrakkomanda lill-awtorità kompetenti sistemi u *policies* ta' evalwazzjoni, approvazzjoni, akkreditament, awtorizzazzjoni u rikonoxximnet ta' istituzzjonijet u programmi li jiżguraw il-kwalità tagħhom;

(*d*) tirrakkomanda *policies* ta' finanzjar, u ta' sistemi alternattivi ta' finanzjar, tas-settur ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla, filwaqt li tindirizza l-kwistjoni ta' l-adegwatezza ta' dan il-finanzjament u tal-kontabilità tas-settur;

(*e*) tipproponi *policies* relatati ma' l-istudenti dwar għazliet sostenibbli, aċċess ekwu u mobilità fl-istituzzjonijiet, appoġġ finanzjarju, servizzi ta' informazzjoni u gwida dwar passaġġi ta' żvilupp għall-istudenti;

(*f*) tirrakkomanda *policies* relatati mar-riċerka, l-innovazzjoni, l-proprjetà intellettwali, u t-trasferiment ta' l-għerf;

(*g*) tfassal *policies* relatati mad-dimensjoni internazzjonali ta' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla u ma' l-espansjoni

u d-diversifikazzjoni tal-provvediment tagħhom;

(*h*) tagħti pariri, u fejn ikun il-każ tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhrilha meħtieġa, lill-Gvern u lill-istituzzjonijiet, dwar kull materja jew kwistjoni oħra relatata ma' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla.

Dmirijiet tal-Kummissjoni. *Miżjud: XIII. 2006.13.*

**66.** Fil-qadi ta' dmirijietha l-Kummissjoni għandha:

(*a*) tiżviluppa u tippromwovi djalogu strutturat fost l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla u dawk involuti b'mod rilevanti fl-iżvilupp soċjo-ekonomiku, inklużi l-istudenti u l-organizzazzjonijiet tagħhom;

(*b*) iżżomm djalogu regolari ma' esperti internazzjonali dwar *policies*, strategiji u żviluppi settorjali li jkunu qegħdin iseħħu;

(*ċ*) tiġbor l-informazzjoni, *data* u statistika skond kif meħtieġ għall-qadi tal-funzjonijiet tagħha;

(*d*) tippubblika studji u rapporti tematiċi li tqis importanti dwar:

(i) strateġija nazzjonali dwar l-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(ii) indikaturi ewlenin dwar ir-rizultati ta' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla f'Malta; u

(iii) kejl tar-riżultati mqabbel ma' żviluppi f'pajjizi oħra;

(*e*) tikkompila u tibgħat lill-Ministru rapport annwali, mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara l-għeluq tas-sena finanzjarja, dwar il-ħidma tagħha f'dik is-sena;

(*f*) iżżomm u tippubblika reġistru aġġornat ta' l-istituzzjonijiet u l-programmi awtorizzati u akkreditati f'Malta;

(*g*) taġixxi fuq kull talba speċifika magħmula lilha mill-Ministru dwar l-iskopijiet u l-funzjonijiet tagħha kif imfissra f'dan l-Att.

Poteri tal-Kummissjoni. *Miżjud: XIII. 2006.13.*

**67.** (1) Il-Ministru għandu jikkonsulta mal-Kummissjoni dwar kull tibdil propost f'leġislazzjoni li jkollha x'taqsam ma' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla.

(2) Il-Kummissjoni tista' taġixxi fuq inizjattiva tagħha u tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet lill-Gvern li jidhirlha xierqa fuq dan is-settur ta' l-edukazzjoni.

Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess sħiħ għal kull informazzjoni meħtieġa. *Miżjud: XIII. 2006.13.*

**68.** (1) Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess sħiħ għal kull informazzjoni disponibbli għall-istituzzjonijiet pubbliċi ta' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla u għandha d-dritt titlob kull tagħrif li jinħtieġilha sew minn istituzzjonijiet pubbliċi u privati u dan it-tagħrif għandu jingħatalha fi żmien raġonevoli mid-data meta jintalab.

(2) Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għal statistika u *data*

ekonomika u soċjali kif meħtieġ biex il-Kummissjoni u s-Segretarjat tagħhom jkunu jistgħu jwettqu il-funzjonijiet tagħhom skond dan l-Att.

Kompożizzjoni tal-Kummissjoni. *Miżjud: XIII. 2006.13.*

**69.** (1) Il-Kummissjoni tkun komposta minn mhux anqas minn seba' u mhux aktar minn disa' membri nominati mill-Ministru u maħtura mill-Prim Ministru għall-perjodu ta' tliet snin u l-membri għandhom ikunu eliġibbli biex jerġgħu jiġu maħtura wara li jiskadi ż-żmien tal-ħatra tagħhom. Il-membri kollha jservu fil-Kummissjoni fil-kapaċità personali tagħhom.

(2) Il-Prim Ministru għandu jaħtar minn fost il-membri President u Viċi President. F'każ li l-President ikun imsiefer jew għal xi raġuni oħra, għal xi żmien, ma jkunx f'pożizzjoni li jwettaq il-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, il-Viċi President għandu jaġixxi ta' President u għandu jwettaq is-setgħat u l-funzjonijiet tal-President.

(3) Il-membri tal-Kummissjoni għandhom ikunu persuni li, fl-opinjoni tal-Ministru, jipposjedu kwalitajiet ta' mexxej, u jkollhom għarfien ta' l-edukazzjoni avvanzata u ogħla fil-kuntest ta' l-iżvilupp soċjo-ekonomiku in ġenerali.

(4) Persuna ma tkunx eliġibbli li tiġi maħtura jew li tokkupa l-kariga ta' membru tal-Kummissjoni jekk:

(*a*) tkun membru tal-Kamra tad-Deputati; jew

(*b*) tkun imħallef jew maġistrat li jkun qiegħed jokkupa dik il-kariga; jew

(*ċ*) tkun legalment inkapaċitata; jew

(*d*) tkun iddikjarata fi stat ta' falliment jew tkun għamlet kompożizzjoni jew ftehim mal-kredituri tagħha; jew

(*e*) tkun instabet ħatja ta' xi reat kontra dan l-Att jew li jaffettwa l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi jew li tkun bil-ħsieb laqgħet għandha proprjetà akkwistata b'serq jew frodi; jew

(*f*) ikollha xi interess finanzjarju jew xort'oħra f'xi intrapriża jew attività li tista' taffettwa l-qadi tal-funzjonijiet tagħha bħala membru fil-Kummissjoni:

Iżda l-Ministru jista' jwarrab l-iskwalifika ta' persuna taħt dan il-paragrafu jekk tali persuna tiddikjara li jkollha interess u dik id-dikjarazzjoni u dak it-twarrib ta' skwalfika jiġu pubblikati fil-Gazzetta.

(5) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-post ta' membru tal-Kummissjoni jiġi meqjus vakanti:

(*a*) meta jiskadi ż-żmien tal-ħatra tiegħu, jew

(*b*) jekk jinqalgħu ċirkostanzi li, f'każ li din il-persuna ma tkunx membru tal-Kummissjoni, tkun skwalifikata milli tinħatar bħala tali.

(6) Membru tal-Kummissjoni jista' jiġi mneħħi mill-kariga tiegħu mill-Prim Ministru għal raġuni li jkun inkapaċi li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, sew minħabba mard mentali jew fiżiku, sew għal raġunijiet oħra li minħabba fihom il-membru ma

jibqax idoneu li jokkupa dik il-kariga jew minħabba f'imġieba ħażina.

(7) Membru tal-Kummissjoni jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu permezz ta' ittra indirizzata lill-Prim Ministru. Jekk xi membru jirriżenja jew jiġi mneħħi mill-kariga tiegħu mill-Prim Ministru jew jekk il-post ta' xi membru tal-Kummissjoni jsir b'xi mod vakanti, il-Prim Ministru jista' jaħtar persuna kwalifikata għal din il-ħatra; u kull persuna hekk maħtura tibqa' tokkupa dik il-kariga sakemm tiskadi l-ħatra tal-persuna li tkun qegħda tissostitwixxi u tkun eliġibbli biex terga' tiġi maħtura.

(8) Membru tal-Kummissjoni li jkollu xi interess dirett jew indirett f'xi kuntratt magħmul jew propost li jsir mill-Kummissjoni, sakemm dan l-interess ma jkunx ta' xorta li minħabba fih il-membru jista' jiġi skwalifikat milli jkompli f'dik il-kariga, għandu jiżvela x-xorta ta' l-interess tiegħu fl-ewwel seduta tal-Kummissjoni wara li jkun sar jaf bil-fatti rilevanti. Dan l-iżvelar għandu jitniżżel fil-minuti tas-seduta tal-Kummissjoni, u dak il-membru għandu jirtira mis-seduta waqt li dak il-kuntratt ikun qiegħed jiġi diskuss. Dak l-iżvelar għandu jiġi mgħoddi lill-Ministru mingħajr dewmien. Meta l-interess tal-membru jkun tali li jista' jwassal li jitneħħa mill-kariga tiegħu, il-membru għandu immedjatament jirrapporta l-fatt lill-Ministru u, mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (4)(*f*), joffri r-riżenja tiegħu.

(9) Kull assenza jew vakanza fost il-membri tal-Kummissjoni, jew kull parteċipazzjoni fil-laqgħat tagħha minn xi persuna li ma jkollhiex jedd tagħmel dan, ma tinvalidax il-proċeduri tal-Kummissjoni, sakemm ikun hemm kworum ta' mhux anqas minn nofs l-għadd tal-membri tal-Kummissjoni.

(10) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u tar-regolamenti magħmulin taħtu, il-Kummissjoni tista' taħtar kumitati u b'mod ġenerali tirregola l-proċeduri tagħha nnifisha.

(11) Il-Kummissjoni għandha taħtar Segretarju li jżomm il-minuti u *record* tal-laqgħat u tad-deċiżjonijiet tagħha.

(12) Il-Kummissjoni għandha tieħu l-prekawzjonijiet kollha biex tittratta tagħrif dwar kwistjonijiet kummerċjali bl-aktar mod konfidenzjali fir-relazzjonijiet tagħha ma' istituzzjonijiet kemm pubbliċi kemm privati.

(13) Il-Ministru, wara li jikkonsulta lill-President tal-Kummissjoni, jista' jagħmel regolamenti dwar il-proċeduri li l-Kummissjoni għandha tadotta fil-ħidma tagħha.

Segretarjat tal-Kummissjoni. *Miżjud: XIII. 2006.13.*

**70.** (1) Il-Kummissjoni għandha twaqqaf Segretarjat li jwieġeb lill-Kummissjoni biex isegwi u jesegwixxi d-deċizjonijiet tagħha, jipprovdi kull informazzjoni u l-appoġġ amministrattiv, tekniku, u ta' riċerka meħtieġa mill-Kummissjoni biex twettaq il-funzjonijiet tagħha.

(2) Is-Segretarjat għandu jipprepara pjan ta' azzjoni annwali għall-konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Kummissjoni. Il-pjan għandu jfisser il-*policies* ta' tmexxija u operat li l-Kummissjoni tkun ser tadotta u juri l-ħidma u l-attivitajiet tal-Kummissjoni u s-

Segretarjat.

Hatra u dmirijiet ta' Kap Uffiċjal Eżekuttiv u uffiċjali tas-Segretarjat. *Miżjud: XIII. 2006.13.*

**71.** (1) L-ingaġġ u t-temm ta' l-ingaġġ ta' l-uffiċjali u l-impjegati tal-Kummissjoni u s-Segretarjat għandha tkun il-funzjoni tal-Kummissjoni li taġixxi permezz tal-President wara konsultazzjoni xierqa mal-Kap Uffiċjal Ezekuttiv.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u għal kull direttiva tal-Kummissjoni, it-tmexxija eżekuttiva u l-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni tal-Kummissjoni u tas-Segretarjat, u l-kontroll amministrattiv ta' l-uffiċjali u impjegati, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Kap Uffiċjal Ezekuttiv.

(3) Il-Kap Uffiċjal Eżekuttiv għandu jkun responsabbli wkoll għall-implimentazzjoni ta' l-għanijiet u l-funzjonijiet tal-Kummissjoni, u mingħajr pregudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi għandu jiżviluppa dawk l-istrateġiji, politika, u regolamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-għanijiet tal-Kummissjoni, jipprovdi informazzjoni u jagħtiha pariri dwar kull materja skond ma jara li jkun meħtieġ jew spedjenti, u jwettaq dmirijiet oħra lilu assenjati minn żmien għal żmien mill-Kummissjoni.

(4) Il-Kap Uffiċjal Eżekuttiv jiġi maħtur mill-Kummissjoni, bl-approvazzjoni tal-Ministru, taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Kummissjoni tistabilixxi bi qbil mal-Ministru.

(5) Il-Kap Uffiċjal Eżekuttiv jirrapporta lill-President u lill-Kummissjoni u jattendi l-laqgħat tagħha meta jkun mistieden.

---

TAQSIMA VII

*Emendat: XIII. 2006.14.*

L-Università ta' Malta

Twaqqif mill-ġdid, għanijiet, funzjonijiet u setgħat ta' l-Università ta' l-Istudji. *Emendat: XVIII. 1997.2; XIII. 2006.14.*

**72.** L-Università ta' l-Istudji ta' Malta qiegħda b'dan l-Att tiġi mwaqqfa mill-ġdid taħt l-isem ta' Università ta' Malta u bil-funzjonijiet u setgħat li ġejjin:

(*a*) li tipprovdi għall-istruzzjoni f'dawk l-oqsma ta' tagħlim, u tieħu ħsieb tipprovdi għal riċerka u għall-avvanz u tixrid tal-għerf, kif tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi;

(*b*) li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għad-dħul fl-Università u f'xi kors ta' studju li tipprovdi hi;

(*ċ*) li tipprovdi għal proċeduri xierqa biex jiġu identifikati l-persuni li laħqu l-profiċjenza neċessarja fid-diversi oqsma ta' studju;

(*d*) li tagħti gradi, diplomi, ċertifikati jew distinzjonijiet akkademiċi oħra;

(*e*) li twaqqaf fakultajiet, dipartimenti, u taqsimiet oħra akkademiċi ta' l-Università;

(*f*) li tistitwixxi karigi akkademiċi u xort'oħra kif meħtieġ minn żmien għal żmien u taħtar persuni għal dawk il-karigi;

(*g*) li twaqqaf u żżomm kif imiss libreriji, laboratorji u faċilitajiet oħra meħtieġa għat-tagħlim, riċerka, sperimentazzjoni, u tixrid ta' l-għerf u x-xjenza kif ukoll it-twaqqif ta' skemi ta' verifika akkademika u li jiżguraw il-kwalità;

(*h*) li twaqqaf entitajiet bl-istatut tagħhom u tissorvelja l-amministrazzjoni ta' dawk l-entitajiet kif ukoll ta' dawk l-entitajiet l-oħra li jkunu diġà stabbiliti jew li jistgħu jinħolqu minn oħrajn fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja;

(*i*) li tamministra l-fondi li jiġu votati mill-Kamra tad-Deputati biex jitwettqu l-programmi tagħha u dawk il-fondi l-oħra li tista' tirċievi jew tiġġenera minn għejun oħra;

(*j*) li tagħti valur lill-gradi u distinzjonijiet akkademiċi barranin;

(*k*) li tagħmel statuti, regolamenti u *bye-laws* skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; u

(*l*) li tagħmel dak kollu meħtieġ sabiex jitwettqu l-għanijiet tagħha.

Finanzjament u kontroll tal-finanzi ta' l-Università.
*Sostitwit: XVIII. 1997.3.*
*Emendat: XIII. 2006.14.*

**73.** (1) Il-finanzi ta' l-Università għandhom joħorġu minn ftehim li perjodikament isir bejn l-Università u l-Gvern li jistipula, fost ħwejjeġ oħra, l-għoti ta' fondi lill-Università mill-Gvern.

(2) L-ammont ta' fondi li għandhom jiġu mdaħħla fil-ftehim għandu jiġi stabbilit in relazzjoni mal-bżonnijiet ta' l-Università biex twettaq l-iskopijiet tagħha determinati fil-kontest tal-bżonnijiet tal-pajjiż kif jifhimhom il-Gvern.

(3) Il-ftehim stipulat bejn il-Gvern u l-Università u kull estensjoni jew sostituzzjoni tiegħu, għandu jitqiegħed meta għadu abbozz fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, u għandu jiġi konkluż biss wara li jiġi diskuss fil-Kamra tad-Deputati f'seduta allokata għal hekk, fi żmien mhux iżjed minn tmienja u għoxrin jum minn meta jkun imqiegħed.

(4) L-Università għandha f'kull sena finanzjarja tara li jiġu mħejjija u għandha taddotta estimi tad-dħul u infiq tagħha għas-sena ta' wara.

(5) L-Università għandha tara li jinżammu kontijiet sew u dokumentazzjoni oħra dwar l-operazzjonijiet u t-transazzjonijiet tagħha, u għandha tara li jiġi ppreparat rendikont tal-kontijiet tagħha dwar kull sena finanzjarja.

(6) Il-kontijiet ta' l-Università għandhom jiġu verifikati minn awditur jew awdituri maħtura mill-Kunsill minn żmien għal żmien.

(7) L-Università għandha tara, mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja, li kopja tar-rendikont tal-kontijiet verifikati tagħha flimkien ma' rapport ta' l-attivitajiet tagħha matul dik is-sena, jintbagħat lill-Ministru flimkien ma' kopja tar-rapport ta' l-awditur jew awdituri dwar dak ir-rendikont u l-Ministru għandu bla dewmien iqiegħed dawk ir-rendikonti u

rapporti fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati biex il-Kamra tieħu nota tagħhom u tiddiskutihom f'mhux iżjed minn żewġ seduti normali, allokati apposta, fi żmien tmien ġimgħat mit-tqegħid tagħhom mill-Ministru.

Korpi ta' tmexxija u uffiċjali ta' l-Università.
*Emendat: X. 1991.2; XVIII. 1997.4; XIII. 2006.14.*

**74.** (1) Il-korpi ta' tmexxija ta' l-Università jkunu dawn li ġejjin:

(*a*) il-Kunsill;

(*b*) is-Senat;

(*ċ*) il-Bordijiet tal-Fakultajiet.

(2) L-Uffiċjali prinċipali ta' l-Università jkunu dawn li ġejjin:

(*a*) il-Kanċillier;

(*b*) il-Pro-Kanċillier;

(*ċ*) ir-Rettur;

(*d*) il-Pro-Retturi;

(*e*) is-Segretarju;

(*f*) id-Dekani u l-Viċi Dekani tal-Fakultajiet.

(3) Il-Kanċillier jiġi maħtur għal żmien seba' snin mill-President ta' Malta li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru mogħti wara li jkun ikkonsulta l-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

(4) Il-Kanċillier ikun l-ogħla uffiċjal ta' l-Università u jkun responsabbli li jiżgura li l-Università tikkonforma mal-liġi.

(5) Il-Kanċillier jippromulga l-istatuti, regolamenti u *bye-laws* tal-korpi ta' tmexxija ta' l-Università u jista' jibgħat lura għal darba waħda lill-korp ta' tmexxija li jkun, dawn l-istatuti, regolamenti jew *bye-laws* li fil-fehma tiegħu ma jkunux skond il-liġi; il-Kanċillier, f'ċirkostanzi speċjali, ikollu wkoll is-setgħa li jlaqqa' l-Kunsill, is-Senat u l-Bordijiet tal-Fakultajiet.

(6) Il-Pro-Kanċillier jiġi maħtur mill-Kanċillier wara l-approvazzjoni tal-Ministru għal żmien ta' mhux iktar minn ħames snin.

(7) Kull meta l-kariga ta' Kanċillier tkun temporanjament vakanti, u sakemm jiġi maħtur Kanċillier ġdid, u kull meta d-detentur tal-kariga jkun assenti minn Malta jew ikun bil-vakanzi jew għal xi raġunijiet ma jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet mogħtija lilu b'dan l-Att, dawk il-funzjonijiet għandhom jiġu moqdija mill-Pro-Kanċillier li għandu jkompli jaqdi dawk il-funzjonijiet għalkemm ikun għalaq iż-żmien tal-ħatra tiegħu.

(8) Il-Pro-Kanċillier għandu wkoll jaqdi l-funzjonijiet ta' Kanċillier kull meta l-Kanċillier jitolbu bil-miktub biex jagħmel dan.

(9) Il-Pro-Kanċillier ikun il-president *ex officio* tal-Kunsill.

(10) (*a*) Ir-Rettur jiġi elett mill-Kunsill għal żmien ħames snin u jkun l-uffiċjal akkademiku u amministrattiv prinċipali ta' l-Università.

(*b*) L-elezzjoni għall-ħatra ta' Rettur għandha ssir tliet

xhur qabel egħluq it-terminu tal-kariga tar-Rettur, jew jekk għal xi raġuni tinħoloq vakanza, l-elezzjoni għandha ssir mhux aktar minn ħmistax-il ġurnata wara li tinħoloq dik il-vakanza.

(*ċ*) L-elezzjoni għandha ssir f'laqgħa tal-Kunsill imsejjħa għal dak l-iskop. Kull membru tal-Kunsill ikollu dritt jinnomina kandidat għall-kariga ta' Rettur. Jekk ikun hemm aktar minn żewġ kandidati, il-membri tal-Kunsill għandhom juru l-preferenza tagħhom permezz ta' vot wieħed trasferribli. Qabel ma ssir votazzjoni, il-Kunsill għandu jiddetermina kif meħtieġ id-dettalji proċedurali ta' kif issir l-elezzjoni.

(11) Ir-Rettur ikun responsabbli għal-tmexxija ta' kuljum ta' l-Università, ikun il-president *ex officio* tas-Senat u tal-Bordijiet tal-Fakultajiet, u r-rappreżentanza legali ta' l-Università tkun vestita fih.

(12) Il-Pro-Retturi għandhom jiġu maħtura mir-Rettur għal żmien sena u għandhom kif delegati mir-Rettur jaqdu l-funzjonijiet tar-Rettur fl-istess ċirkostanzi li l-Pro-Kanċillier ikollu jaqdi l-funzjonijiet ta' Kanċillier taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu. Wieħed mill-Pro-Retturi magħżul minn żmien għal żmien mir-Rettur, għandu wkoll jaqdi l-funzjonijiet tar-Rettur fl-istess ċirkostanzi li l-Pro-Kanċillier ikollu jaqdi l-funzjonijiet ta' Kanċillier taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (8).

(13) Is-Segretarju jkun it-tieni l-ogħla uffiċjal amministrattiv ta' l-Università u jiġi maħtur mill-Kunsill għal żmien ħames snin.

(14) Id-Dekan ta' Fakultà jiġi elett għal żmien erba' snin mill-persunal akkademiku ta' dik il-fakultà u minn fost il-kapijiet tad-dipartimenti ta' dik il-fakultà u jkun il-president *ex officio* tal-Bord tal-Fakultà meta r-Rettur ma jkunx preżenti.

Kap. 385.

(15) L-Ombudsman ta' l-Università għandu jiġi maħtur għal żmien ħames snin mill-Ombudsman maħtur taħt l-Att dwar l-Ombudsman, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Ombudsman Parlamentari". Hu għandu l-obbligu li jinvestiga u jirrapporta fuq kull ilment minn studenti jew impjegati ta' l-Università dwar affarijiet relatati ma' l-Università kif ukoll ilmenti minn persuni li jkunu ġew miċħuda d-dħul fl-Università, u li jissuġġerixxi rimedju. Persuni li jkollhom ilment, li jkunu eżawrew dan ir-rimedju, jistgħu jġibu l-ilment tagħhom quddiem l-Ombudsman Parlamentari. L-Ombudsman ta' l-Università għandu jirċievi dak is-salarju u *allowances*, li jkunu piż fuq il-Fond Konsolidat, kif jista' jiġi determinat mill-Ministru.

(16) L-Ombudsman ta' l-Università jista' jitneħħa mill-kariga biss mill-Ombudsman Parlamentari wara parir mill-Kunsill ta' l-Università, u dan minħabba inabilità ppruvata li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu jew imġieba ħażina ppruvata, liema parir jingħata permezz ta' indirizz mill-Kunsill għal dak il-għan li jkollu l-appoġġ tal-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri tiegħu.

(17) Il-Viċi-Dekan ta' Fakultà jiġi maħtur mir-Rettur għal żmien

sena, wara li jkun ikkonsulta mad-Dekan tal-Fakultà rispettiva.

(18) Il-Viċi-Dekan, barra minn dawk il-funzjonijiet li jistgħu jiġu delegati lilu mid-Dekan, għandu jaqdi l-funzjonijiet ta' Dekan fl-istess ċirkostanzi li l-Pro-Kanċillier ikollu jaqdi l-funzjonijiet ta' Kanċillier taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (8).

Leġislazzjoni sussidjarja. *Emendat: XIII. 2006.14.*

**75.** (1) L-Università jkollha s-setgħa li tagħmel statuti, regolamenti, u *bye-laws* sabiex tipprovdi għall-amministrazzjoni tagħha u għall-amministrazzjoni ta' l-attivitajiet tagħha u ta' l-entitajiet maħluqa minnha.

(2) L-istatuti jagħmilhom il-Kunsill u jkunu jorbtu lill-Università kollha kif ukoll lill-entitajiet maħluqa minnha.

(3) Ir-regolamenti jagħmilhom is-Senat u għandhom jipprovdu għall-ħwejjeġ ta' natura akkademika u jorbtu lill-Università kollha.

(4) Il-*bye-laws* jagħmluhom il-Bordijiet tal-Fakultajiet u għandhom jipprovdu għall-ħwejjeġ ta' natura akkademika u jorbtu lill-fakultà rappreżentata mill-Bord tal-Fakultà li għamlet dawk il-*bye laws*.

(5) Il-Kunsill ma jista' jagħmel ebda statut li jipprovdi għal xi ħaġa ta' natura akkademika, u meta jkun għamel statut bħal dan ma jistax jemendah jew iħassru, kemm-il darba l-Kunsill ma jitlobx il-parir tas-Senat dwar dak l-istatut jew dwar dik l-emenda jew dak it-tħassir, iżda jekk dak il-parir ma jingħatax fiż-żmien stabbilit mill-Kunsill, li f'ebda każ ma għandu jkun inqas minn wieħed u għoxrin ġurnata mid-data li ssir dik it-talba, il-Kunsill ikun jista' jagħmel dak l-istatut jew jemendah jew iħassru mingħajr dak il-parir.

(6) L-istatuti, ir-regolamenti u l-*bye-laws* li jsiru mill-korpi ta' tmexxija kompetenti ta' l-Università skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att ikunu bla effett kemm-il darba ma jiġux promulgati mill-Kanċillier u ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern iżda meta dawk l-istatuti, regolamenti jew *bye-laws* jiġu hekk promulgati u pubblikati huma jkollhom is-saħħa ta' liġi; b'dan li l-leġislazzjoni sussidjarja hawn imsemmija, kemm jista' jkun malajr wara li ssir, għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

(7) Kull setgħa mogħtija b'dan l-Att għall-egħmil ta' statuti, regolamenti jew *bye-laws* mill-korp ta' tmexxija kompetenti ta' l-Università għandha tiftiehem li tinkludi setgħa, eżerċitabbli bl-istess mod u suġġetta għall-istess kunsens u kundizzjonijiet, jekk ikun hemm, għar-rexissjoni, revoka, emenda, jew bdil ta' l-istatuti, regolamenti jew *bye-laws*, u dik is-setgħa tkun eżerċitabbli mingħajr ħsara għall-egħmil ta' statuti, regolamenti jew *bye-laws* ġodda.

Kostituzzjoni tal-Kunsill ta' l-Università. *Emendat: II. 1995.2; XVIII. 1997.5; XIII. 2006.14.*

**76.** Il-Kunsill ta' l-Università jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(*a*) il-Pro-Kanċillier li jkun *ex officio* president;

(*b*) ir-Rettur li jkun *ex officio* viċi-president;

(*ċ*) erba' membri li jirrappreżentaw lis-Senat;

(*d*) żewġ membri eletti mill-persunal akkademiku minn fost dawk minnhom li ma jkunux membri tas-Senat;

(*e*) żewġ membri eletti mill-persunal mhux akkademiku u minn fostu;

(*f*) żewġ membri eletti mill-istudenti ta' l-Università u minn fosthom;

(*g*) membru maħtur mill-Ministru u membru maħtur mill-President tal-Fondazzjoni ta' Studji Teoloġiċi;

(*h*) għadd ta' membri maħtura mill-Prim Ministru, minn fost rappreżentanti minn ta' quddiem fl-oqsma ta' l-ekonomija industrijali jew soċjali, biex jirrappreżentaw l-interess ġenerali tal-pajjiż, liema għadd qatt ma għandu jkun iżjed mill-għadd tal-membri kollha msemmija fil-paragrafi (*ċ*), (*d*), (*e*), (*f*) u (*g*).

Funzjonijiet tal-Kunsill.
*Emendat:*
*XIII. 2006.14.*

**77.** Il-Kunsill ikun l-ogħla korp ta' tmexxija ta' l-Università u jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(*a*) li jamministra u jikkontrolla l-proprjetà, mobbli u immobbli, ta' l-Università;

(*b*) li jwaqqaf u jneħħi karigi ta' natura akkademika jew xort'oħra;

(*ċ*) li jwaqqaf, jamministra u jneħħi istituti u entitajiet oħra;

(*d*) li jagħmel statuti skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*e*) li jagħti ħatriet għal karigi, ta' natura akkademika jew xort'oħra, skond proċeduri stabbiliti mill-istatuti;

(*f*) li jħallas il-pagi jew salarji tal-membri kollha tal-persunal akkademiku u mhux akkademiku skond skali li jistabbilixxi bl-approvazzjoni tal-Ministru;

(*g*) li jistabbilixxi fakultajiet, dipartimenti u istituti għall-ippjanar kif imiss tax-xogħol akkademiku u tal-kollaborazzjoni interdixxiplinari, wara li jieħu in konsiderazzjoni d-direzzjonijiet mogħtija mill-Ministru skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*h*) li jaħtar kapijiet ta' dipartimenti għal żminijiet li ma jkunux ta' iżjed minn erba' snin wara li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tad-dipartimenti konċernati;

(*i*) li jaħtar eżaminaturi Maltin jew barranin skond statuti u proċeduri stabbiliti minn qabel u jieħu ħsieb li jitħallsu;

(*j*) li jagħmel dak kollu li ma hux vestit f'korp ta' tmexxija ieħor ta' l-Università.

Kostituzzjoni tas-Senat.
*Emendat:*
*XVIII. 1997.6;*
*XIII. 2006.14.*

**78.** Is-Senat ta' l-Università jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(*a*) ir-Rettur li jkun *ex officio* president;

(*b*) il-Pro-Retturi, li minnhom wieħed kif jista' jiġi minn żmien għal żmien determinat mir-Rettur, ikun il-Viċi-president;

(*ċ*) id-Dekani tal-Fakultajiet kollha;

(*d*) rappreżentant ta' kull fakultà elett mill-persunal akkademiku ta' dik il-fakultà u minn fostu;

(*e*) erba' membri eletti mill-istudenti ta' l-Università u minn fosthom;

(*f*) żewġ rappreżentanti tal-Ministru maħtura minnu minn fost il-lawrjati ta' l-Università;

(*g*) żewġ membri maħtura mid-diretturi ta' l-istituti u ta' l-entitajiet l-oħra mwaqqfa mill-Università;

(*h*) il-Librar.

Funzjonijiet tas-Senat.
*Emendat: XIII. 2006.14.*

**79.** Is-Senat ikollu d-direzzjoni ġenerali tal-ħwejjeġ akkademiċi ta' l-Università u jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(*a*) li jirregola b'regolamenti l-istudji, riċerka, id-dokumentazzjoni u l-eżamijiet fl-Università;

(*b*) li jagħmel regolamenti skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*ċ*) li jiddeċiedi lil min għandhom jingħataw gradi, diplomi u distinzjonijiet akkademiċi oħra;

(*d*) li jistabbilixxi b'regolamenti l-kundizzjonijiet għad-dħul fl-Università;

(*e*) li jagħti għarfien lil gradi, diplomi, ċertifikati u distinzjonijiet ta' universitajiet jew istituti ta' edukazzjoni għolja barranin;

(*f*) li jagħti parir lill-Kunsill dwar kull ħaġa ta' natura akkademika wkoll meta ma tkunx ta' natura għal kollox akkademika;

(*g*) li jagħti parir lill-Gvern dwar kull ħaġa fl-oqsma tat-tagħlim, xjenza u teknoloġija riferita lilha mill-Gvern;

(*h*) li jitratta minn kull ħaġa oħra ta' natura akkademika li tinqala' fl-amministrazzjoni ta' l-Università.

Kostituzzjoni tal-Bordijiet tal-Fakultajiet.
*Emendat: II.1995.3; XIII. 2006.14.*

**80.** Il-Bord ta' kull Fakultà jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(*a*) ir-Rettur li jkun *ex officio* president;

(*b*) id-Dekan tal-Fakultà li jkun *ex officio* viċi president;

(*ċ*) il-kapijiet tad-dipartimenti kollha tal-Fakultà;

(*d*) rappreżentant ta' kull dipartiment tal-Fakultà li jiġi elett mill-persunal akkademiku tad-dipartiment u minn fosthom;

(*e*) żewġ membri eletti mill-istudenti tal-Fakultà u minn fosthom;

(*f*) żewġ membri maħtura mill-Ministru biex

jirrappreżentaw l-interessi ta’ barra l-Fakultà u li, fil-fehma tal-Ministru, jistgħu jagħtu sehem effettiv lill-amministrazzjoni tajba tal-Fakultà, b’dan iżda illi fil-każ tal-Fakultà tat-Teoloġija ż-żewġ membri għandhom jinħatru mill-Fondazzjoni ta’ Studji Teoloġiċi biex jirrappreżentaw l-interessi ta’ l-istess Fondazzjoni.

Funzjonijiet tal-Bordijiet tal-Fakultajiet.
*Emendat: XIII. 2006.14.*

**81.** (1) Il-Bord tal-Fakultà jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(*a*) li jmexxi b’mod unitarju u b’konsultazzjoni x-xogħol akkademiku tal-Fakultà;

(*b*) li jistabbilixxi l-istudji, it-tagħlim u r-riċerka fil-Fakultà u li jipprovdi għall-amministrazzjoni, pubblikazzjoni u tixrid tax-xogħol akkademiku tal-Fakultà u li jqassam ix-xogħol f’dawn l-attivitajiet;

(*ċ*) li jagħmel *bye-laws* li jolqtu lill-Fakultà skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att;

(*d*) li jħejji pjanijiet għall-iżvilupp tal-Fakultà u jippreżentahom għall-approvazzjoni tas-Senat u tal-Kunsill.

(2) Il-*bye-laws* li jagħmel il-Bord tal-Fakultà għandhom jintbagħtu lis-Senat għall-approvazzjoni tiegħu u ma għandhomx jinġiebu quddiem il-Kanċillier biex jiġu promulgati kemm-il darba ma jkunux ġew hekk approvati mis-Senat.

Setgħat tar-Rettur.
*Emendat: XIII. 2006.14.*

**82.** (1) Ir-Rettur, bla ħsara għas-setgħat vestiti fil-korpi ta’ tmexxija ta’ l-Università bid-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att, ikollu s-setgħat kollha meħtieġa għall-amministrazzjoni ta’ kuljum ta’ l-Università u jkollu s-setgħa li jiddeċiedi fuq kull ħaġa urġenti ta’ natura akkademika jew xort’oħra, iżda kull deċiżjoni bħal dik imsemmija li tolqot xi setgħa jew funzjoni vestita b’dan l-Att f’korp ta’ tmexxija ta’ l-Università għandha tiġi reġistrata mis-Segretarju u tinġieb quddiem dak il-korp ta’ tmexxija fl-ewwel laqgħa tiegħu wara dik id-deċiżjoni.

(2) Ir-Rettur, bħala l-uffiċjal vestit bit-tmexxija immedjata ta’ l-Università, jeżerċita l-awtorità fuq l-għalliema, l-eżaminaturi, l-istudenti, il-kandidati għall-eżamijiet, u fuq l-impjegati kollha ta’ l-Università, u jżomm id-dixxiplina u jieħu ħsieb li jiġu mħarsa għal kollox id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att u l-istatuti, ir-regolamenti u l-*bye-laws*.

(3) Ir-Rettur jagħti l-gradi, diplomi, ċertifikati u distinzjonijiet oħra ta’ l-Università.

(4) Ir-Rettur ikollu s-setgħa li jlaqqa’ l-Kunsill, is-Senat u l-Bordijiet tal-Fakultajiet.

(5) Ir-Rettur għandu jiżgura li dawk l-elezzjonijiet meħtieġa bid-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att fil-fatt isiru mingħajr dewmien bla bżonn u jkun responsabbli li jipprovdi għall-proċeduri ta’ dawk l-elezzjonijiet.

(6) Ir-Rettur ikun responsabbli għall-ippjanar u l-koordinament tax-xogħol tal-korpi w istituzzjonijiet differenti ta’ l-edukazzjoni

għolja u għat-twettiq tad-deċiżjonijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Università.

Disposizzjonijiet komuni għall-korpi ta' tmexxija ta' l-Università.
*Emendat: XVIII. 1997.7; XIII. 2006.14.*

**83.** (1) Kull persuna li għandha kariga f'korp ta' tmexxija ta' l-Università għandha żżomm dik il-kariga għal żmien sentejn kemm-il darba ma hux espressament provdut xort'oħra x'imkien ieħor f'dan l-Att:

Iżda kull persuna li jkollha kariga f'korp ta' tmexxija ta' l-Università għandha tkompli żżomm dik il-kariga, minkejja li jkun temm iż-żmien tagħha, sakemm issir l-elezzjoni jew il-ħatra ta' persuna oħra biex tieħu post dik il-persuna.

(2) Il-*quorum* għal-laqgħat ta' kull korp ta' tmexxija ta' l-Università jkun wieħed aktar minn terz tal-membri ta' dak il-korp; iżda l-*quorum* tal-Kunsill ikun tmienja.

(3) Kull korp ta' tmexxija ta' l-Università jista' jaġixxi nonostanti kull vakanza fost il-membri tiegħu u l-*quorum* jinħadem daqs li kieku ma kien hemm ebda vakanza bħal dik.

(4) Kull kwistjoni mressqa għal deċiżjoni f'xi laqgħa ta' xi korp ta' tmexxija ta' l-Università għandha tiġi deċiża b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u li jivvotaw, u jekk fuq xi kwistjoni bħal dik il-voti jkunu maqsuma ndaqs il-membru li jkun jippresjedi għandu jkollu u għandu jeżerċita vot deċisiv.

Fakultà tat-Teoloġija.
*Miżjud: II.1995.4. Emendat: XIII. 2006.14.*

**84.** Għandu jkun hemm fl-Università, Fakultà tat-Teoloġija li tkun regolata b' dak il-Ftehim iffirmat fis-26 ta' Settembru 1988 u kull Ftehim li jista' minn żmien għal ieħor ikun fis-seħħ bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede fuq il-materja, u d-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima fejn mhux kompatibbli ma' xi Ftehim bħal dak ma għandhomx japplikaw u għandhom japplikaw minflok id-disposizzjonijiet ta' dak il-Ftehim. Kopja tal-Ftehim hi riprodotta bit-Taljan u bil-Malti fl-Iskeda III li tinstab ma' dan l-Att u kopja ta' kull Ftehim li jista' f'kull żmien ikun fis-seħħ kif imsemmi f'dan l-artikolu għandu jiġi pubblikat fil-Gazzetta. Il-Ftehim u kull Ftehim li jkun fis-seħħ ikollu l-istess saħħa bħal leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħt l-artikolu 31 u għandha bl-istess mod titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

---

## TAQSIMA VIII

*Miżjuda: XIII. 2006.15.*

### Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija

Tifsir.
*Miżjud: XIII. 2006.15.*

**85.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, f'din it-Taqsima, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"Bord tal-Gvernaturi" tfisser il-Bord tal-Gvernaturi mwaqqaf bl-artikolu 92;

"Bord ta' Studji" tfisser il-Bord ta' Studji ta' l-Istitut imwaqqaf bl-artikolu 98;

"*Bureau*" tfisser il-*Bureau* Amministrattiv imwaqqaf bl-artikolu 96;

"Direttur Amministrattiv" tfisser il-persuna maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi biex taqdi d-dmirijiet kif imfisser fl-artikolu 105;

"Istitut" tfisser kull Istitut mwaqqaf bis-saħħa ta' l-artikoli 90(*d*) u 93;

"Kulleġġ" f'din it-Taqsima tfisser il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija inkorporat bl-artikolu 86;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill ta' l-Istituti mwaqqaf bl-artikolu 91;

"President" tfisser il-President tal-Bord tal-Gvernaturi maħtur bis-saħħa ta' l-artikolu 91(2) u kull persuna li temporanjament taġixxi f'dik il-kariga;

"Prinċipal" tfisser il-Prinċipal tal-Kulleġġ maħtur mill-Bord tal-Gvernaturi biex jaqdi d-dmirijiet imfissra fl-artikolu 91(2) u kull persuna li temporanjament taġixxi f'dik il-kariga.

Inkorporazzjoni tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

**86.** Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija, mwaqqaf b'att pubbliku fil-11 ta' Awissu, 2000, qiegħed b'dan jerġa' jiġi mwaqqaf u inkorporat f'dan l-Att biex iwettaq il-missjoni li jipprovdi studji u taħriġ għall-edukazzjoni floqsma vokazzjonali u professjonali.

Personalità ġuridika u rappreżentanza legali tal-Kulleġġ. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

**87.** (1) Il-Kulleġġ huwa korp magħqud li jkollu personalità ġuridika u distinta u li jkun jista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jagħmel kuntratti, jikseb, iżomm u jiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu, jew li jħarrek jew li jiġi mħarrek, u li jagħmel dawk l-affarijiet u dawk l-operazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eserċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

(2) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Kulleġġ tvesti fil-Prinċipal, iżda l-Bord tal-Gvernaturi jista' jaħtar lil xi wieħed jew aktar mill-membri tiegħu jew mill-uffiċjali jew impjegati tal-Kulleġġ, biex jidher f'ismu u għalih f'kull proċediment ġudizzjarju u fuq kull att, kuntratt, istrument jew dokument ieħor ta' liema xorta jkun.

Lingwi uffiċjali. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

**88.** Il-Malti u l-Ingliż huma l-lingwi uffiċjali tal-Kulleġġ. L-amministrazzjoni tal-Kulleġġ tista' tuża kull wieħed miż-żewġ ilsna għal skopijiet uffiċjali.

Skop tal-Kulleġġ. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

**89.** (1) Il-Kulleġġ għandu b'mod ġenerali jiżgura li jkun hemm sistema ta' istituzzjonijiet edukattivi li jkunu miftuħa għal kulħadd, u li jistabbilixxi dawk il-faċilitajiet u programmi ta' edukazzjoni u taħriġ u ta' esperjenza prattika u ta' xogħol li jidhirlu meħtieġa biex jipprovdi lil kulħadd bl-opportunità li jikkwalifika fis-snajja, mestieri, attivitajiet artiġjanali, tekniċi jew kummerċjali, u fil-professjonijiet skond il-bżonn soċjo-ekonomiku fil-pajjiż, f'qafas kurrikulari ta' tagħlim tul il-ħajja u ta' żvilup sħiħ tal-persuna.

(2) Il-Kulleġġ għandu jorganizza t-tagħlim u t-taħriġ tiegħu fil-livelli meħtieġa, inklużi l-livelli stabbiliti mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki.

(3) Il-Kulleġġ għandu jiżgura l-ogħla kwalità fil-livelli kollha, u għandu jara li kull min itemm b'suċċess it-tagħlim u t-taħriġ li

jwassal għal ċertifikazzjoni ta' kwalunkwe livell ikollu l-bażi edukattiva meħtieġa biex jissodisfa l-istandards stabbiliti qabel ma jkun jista' jimxi għal-livell li jmiss.

(4) Il-Kulleġġ għandu, f'dawk l-oqsma fejn dan jista' jsir u skond il-possibilitajiet tal-Kulleġġ, jiżgura aċċess għal kulħadd fl-ewwel livell indipendentement mill-kwalifiki akkademiċi, u għandu jkollu programmi apposta biex jgħin lil dak li jkun jikseb il-bażi edukattiva meħtieġa biex ikun jista' jkompli u jtemm b'suċċess dak il-livell skond l-istandards stabbiliti, u għal dan l-iskop il-Kulleġġ għandu jakkredita livell ta' edukazzjoni u taħriġ miksuba diġà bl-esperjenza.

(5) Il-Kulleġġ għandu jipprovdi programmi ta' tagħlim u taħriġ biex jgħin persuni jiksbu kwalifiki skond il-bżonnijiet tagħhom, inkluż permezz ta' tagħlim mill-bogħod u ta' programmi oħra li jingħataw b'kull mezz effettiv u minn kull post adatt skond l-iskop tal-programm partikolari.

(6) B'mod partikolari il-Kulleġġ għandu:

(*a*) jippromwovi l-viżjoni li Malta tħaddan bħala ċentru ta' attività kulturali, industrijali, kummerċjali u ta' servizzi għar-reġjuni kollha fid-dinja u b'mod partikolari għar-reġjun ewro-mediterranju;

(*b*) iħarreġ l-istudenti tiegħu fil-ħila li japprezzaw u jisfruttaw l-isfidi u l-opportunitajiet li l-proċess mgħaġġel ta' l-ekonomija internazzjonali qed iġib miegħu frott ta' l-avvanzi fl-oqsma tal-komunikazzjoni, it-teknoloġija ta' l-informazzjoni u x-xjenza;

(*ċ*) jxettel kultura ta' kreattività, innovazzjoni, imprenditorjalità, eċċellenza u flessibilità sostnuti mill-valuri ta' impenn, dedikazzjoni u integrità tax-xogħol u l-professjoni li wieħed iwettaq;

(*d*) irawwem fl-istudenti impenn favur is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u favur il-professjonaliżmu;

(*e*) jirrispondi b'mod u fil-ħin rilevanti għall-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol billi f'kull livell ta' l-esperjenza edukattiva u ta' taħriġ jinseġ sħubija effettiva mas-setturi ekonomiċi, industrijali u tas-servizzi, fl-għarfien li l-biċċa l-kbira ta' l-impriżi huma ta' daqs żgħir jew medju;

(*f*) jiżgura t-twettiq tal-prinċipji ta' edukazzjoni inklużiva billi jipprovdi aċċess ekwu għal kulħadd b'rispett sħiħ għad-diversità;

(*g*) jagħti l-importanza meħtieġa lir-riċerka u żvilupp fl-oqsma ta' l-arti applikata, x-xjenza u t-teknoloġija;

(*h*) juri li l-edukazzjoni akkademika u dik vokazzjonali huma parti integrali minn proċess ta' edukazzjoni għall-iżvilupp sħiħ tal-bniedem, u li għaldaqstant għandu jkollhom parità fl-istima;

(*i*) jiżviluppa kurrikulum ta' studju u taħriġ mibni fuq il-

kunċett ta' tagħlim tul il-ħajja u li jwassal għal ċertifikati li jkunu ibbażati fuq tagħrif u kompetenzi meħtieġa fis-suq tax-xogħol;

(*j*) jiżgura li l-kwalità u l-istandards tal-korsijiet u ċertifikati mogħtija huma rikonoxxuti fuq livelli nazzjonali u internazzjonali;

(*k*) jiggwida ruħu mill-politika u l-istrateġija nazzjonali li l-Gvern jadotta minn żmien għal żmien f'kull qasam;

(*l*) jieħu sehem sħiħ fi programmi ta' skambji bilaterali u reġjonali u b'mod partikolari fil-programmi edukattivi u ta' taħriġ ta' l-Unjoni Ewropea li Malta tkun minn żmien għal żmien imsieħba fihom.

(7) Il-Kulleġġ għandu jaħdem f'kordinament proattiv ma' l-entitajiet l-oħra edukattivi msemmija f'dan l-Att, mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, mal-korpi kostitwiti, *trade unions*, u l-aġenziji l-oħra nazzjonali li għandhom sehem fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-pajjiż.

Setgħat u funzjonijiet tal-Kulleġġ.
*Miżjud: XIII. 2006.15.*

**90.** Il-Kulleġġ għandu:

(*a*) permezz ta' tagħlim u taħriġ fis-suġġetti ta' l-arti, tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-ħiliet tekniċi u tas-snajja, jiggwida lill-istudenti tiegħu fl-iżvilupp tal-ħiliet, kompetenzi u profiċjenza meħtieġa għall-eżerċizzju ta' mestieri, professjonijiet u vokazzjonijiet fis-setturi ekonomiċi, industrijali u tas-servizz;

(*b*) waħdu, jew flimkien ma' istituzzjonijiet oħra, sew pubbliċi kif ukoll privati, lokali jew barranin, jorganizza dawk il-korsijiet ta' tagħlim u taħriġ li jidhirlu meħtieġa jew spedjenti;

(*ċ*) waħdu, jew flimkien ma' istituzjonijiet jew għaqdiet oħra, jorganizza dawk l-attivitajiet kulturali, sportivi u pastorali għall-aħjar formazzjoni u arrikiment tal-personalità ta' l-individwu;

(*d*) iwaqqaf dawk l-Istituti u dawk l-entijiet, skejjel, dipartimenti, ċentri u programmi li jidhirlu meħtieġa, u jissorvelja l-amministrazzjoni tagħhom;

(*e*) bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 89(4), jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għad-dħul fl-Istituti u f'xi programm ieħor ta' studju u taħriġ u ta' esperjenza prattika jew ta' xogħol, jagħmel ir-regolamenti meħtieġa għall-eżamijiet u l-modalità ta' tagħlim u taħriġ f'dawn il-korsijiet;

(*f*) jipprovdi għal proċeduri xierqa biex jiġu ċertifikati l-persuni li laħqu l-profiċjenza neċessarja fid-diversi oqsma ta' studju u taħriġ;

(*g*) jagħti dawk il-gradi, diplomi, ċertifikati jew distinzjonijiet oħra li jidhirlu xierqa lil kandidati li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti wara li segwu l-korsijiet ta' studji meħtieġa;

(*h*) jistitwixxi l-karigi tat-tagħlim u t-taħriġ jew xort'oħra kif meħtieġ minn żmien għal żmien u jaħtar persuni għal dawk il-karigi;

(*i*) jwaqqaf u jżomm kif imiss libreriji, laboratorji, *workshops,* servizzi u faċilitajiet oħra meħtieġa għat-tagħlim, taħriġ, sperimentazzjoni, riċerka u tixrid ta' l-għerf, xjenza u teknoloġija;

(*j*) jwaqqaf skemi interni ta' verifika li jiżguraw il-kwalità ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-użu effettiv tar-riżorsi;

(*k*) jagħmel regolamenti dwar il-ħidma u l-imġieba ta' l-istudenti, għalliema u persuni oħra li jkunu inkarigati jagħtu servizzi fil-Kulleġġ, sew jekk ingaġġati b'kuntratt ta' servizz indefinit jew definit, sew jekk b'kuntratt għal servizz, sew jekk sekondati jew mislufa lilu minn entijiet governattivi, pubbliċi jew privati;

(*l*) jamministra l-proprjetà, ir-riżorsi u l-fondi mgħoddija lilu minn żmien għal żmien mill-Gvern biex jitwettqu l-programmi tal-Kulleġġ, kif ukoll dawk il-fondi l-oħra li jista' jirċievi jew jiġġenera minn għejjun oħra;

(*m*) jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex iwettaq l-għanijiet tiegħu skond dan l-Att.

Korpi ta' tmexxija u uffiċjali tal-Kulleġġ. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

**91.** (1) Il-korpi ta' tmexxija tal-Kulleġġ huma dawn li ġejjin:

(*a*) il-Bord tal-Gvernaturi;

(*b*) il-Kunsill ta' l-Istituti;

(*ċ*) il-*Bureau* Amministrattiv;

(*d*) il-Bordijiet ta' Studji ta' l-Istituti;

(*e*) l-Uffiċċju ta' Sħubija *(Partnership Office).*

(2) L-uffiċjali ewlenin tal-Kulleġġ huma:

(*a*) il-President tal-Bord tal-Gvernaturi;

(*b*) il-Prinċipal;

(*ċ*) il-Viċi Prinċipali;

(*d*) ir-Reġistratur;

(*e*) id-Direttur Amministrattiv;

(*f*) il-Kapijiet ta' l-Istituti;

(*g*) il-Kap ta' l-Uffiċċju tas-Sħubija;

(*h*) il-Librar; u

(*i*) il-Kontrollur Finanzjarju.

(3) Jista' jkun hemm uffiċjali oħra skond kif jista' jiġi stabbilit minn żmien għall-ieħor mill-Bord tal-Gvernaturi. Dawn l-uffiċjali jkunu responsabbli lejn il-Prinċipal fil-qadi tad-dmirijiet rispettivi tagħhom.

Kompozizzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi.
*Miżjud: XIII. 2006.15.*

**92.** (1) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jkun kompost minn mhux anqas minn seba’ iżda mhux aktar minn disa’ membri maħtura mill-Ministru għal perjodu ta’ tliet snin u l-membri għandhom ikunu eliġibbli biex jerġgħu jiġu maħtura wara li jiskadi ż-żmien tal-ħatra tagħhom. Il-membri kollha jservu fil-Bord fil-kapaċità personali tagħhom.

(2) Il-Ministru għandu jaħtar minn fost il-membri President u Viċi President. F’kaz li l-President ikun imsiefer jew għal xi raġuni oħra, għal xi żmien, ma jkunx f’posizzjoni li jwettaq il-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, il-Viċi President għandu jaġixxi ta’ President u għandu jwettaq is-setgħat u l-funzjonijiet tal-President.

(3) Il-Prinċipal għandu dritt jattendi għal-laqgħat tal-Bord mingħajr id-dritt għall-vot, iżda għandu jirtira minn kull laqgħa fejn jiġu diskussi materji konnessi mar-rendiment tax-xogħol tiegħu jew mal-kuntratt tax-xogħol.

(4) Il-membri tal-Bord tal-Gvernaturi għandhom ikunu persuni b’kompetenza jew esperjenza fil-qasam ta’ l-edukazzjoni, tat-taħriġ vokazzjonali, ta’ l-ekonomija, tas-setturi ta’ l-industrija u s-servizzi u dak soċjali, u li, fl-opinjoni tal-Ministru, ikollhom kwalitajiet ta’ mexxej, u jkunu jagħrfu l-importanza ta’ l-edukazzjoni vokazzjonali u tat-taħriġ fil-kuntest ta’ l-iżvilupp soċjo-ekonomiku in ġenerali.

(5) Membru tal-Bord tal-Gvernaturi jista’ jiġi mneħħi mill-kariga tiegħu mill-Ministru għal raguni li jkun inkapaċi li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, sew minħabba mard mentali jew fiżiku, sew għal raġunijiet oħra li minħabba fihom il-membru ma jibqax idoneu li jokkupa dik il-kariga jew minħabba f’imġieba ħażina.

(6) Membru tal-Bord jista’ jirriżenja mill-kariga tiegħu permezz ta’ ittra indirizzata lill-Ministru. Jekk xi membru jirriżenja jew jiġi mneħħi mill-kariga tiegħu mill-Ministru jew jekk il-post ta’ xi membru tal-Bord isir b’xi mod vakanti, il-Ministru jista’ jaħtar persuna kwalifikata għal din il-ħatra; u kull persuna hekk maħtura tibqa’ tokkupa dik il-kariga sakemm tiskadi l-ħatra tal-persuna li tkun qegħda tissostitwixxi u tkun eliġibbli biex terġa’ tiġi maħtura.

(7) Membru tal-Bord tal-Gvernaturi li jkollu xi interess dirett jew indirett f’xi kuntratt magħmul jew propost li jsir mill-Bord tal-Gvernaturi, jew xi interess finanzjarju jew xort’oħra f’xi intrapriża jew attività li tista’ taffettwa l-qadi tal-funzjonijiet tiegħu bħala membru f’dan il-Bord, għandu jiżvela x-xorta ta’ l-interess tiegħu fl-ewwel seduta tal-Bord wara li jkun sar jaf bil-fatti rilevanti. Dan l-iżvelar għandu jitniżżel fil-minuti tas-seduta tal-Bord, u dak il-membru għandu jirtira mis-seduta waqt li dak il-kuntratt jew materja li fiha huwa jkollu dan l-interess ikun qiegħed jiġi diskuss. Tali żvelar għandu jiġi mgħoddi lill-Ministru mingħajr dewmien. Meta l-interess tal-membru jkun tali li jista’ jwassal li jitneħħa mill-kariga tiegħu, il-membru għandu immedjatament jirrapporta l-fatt lill-Ministru u joffri r-riżenja tiegħu u dan mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Ministru li jneħħi lil dan il-membru mill-Bord.

(8) Kull assenza jew vakanza fost il-membri tal-Bord tal-Gvernaturi, jew kull parteċipazzjoni fil-laqgħat tagħha minn xi persuna li ma jkollhiex jedd tagħmel dan, ma jinvalidawx il-proċeduri tal-Bord, sakemm ikun hemm kworum ta' mhux anqas minn nofs l-għadd tal-membri tal-Bord u wieħed.

(9) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u tar-regolamenti magħmulin taħtu, il-Bord tal-Gvernaturi jista' jaħtar kumitati u b'mod ġenerali jirregola l-proċeduri tiegħu nnifsu.

(10) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jaħtar Segretarju li jżomm il-minuti u *record* tal-laqgħat u tad-deċiżjonijiet tiegħu.

(11) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jieħu l-prekawzjonijiet kollha biex jittratta tagħrif dwar kwistjonijiet kummerċjali bl-aktar mod konfidenzjali fir-relazzjonijiet tiegħu ma' istituzzjonijiet kemm pubbliċi kemm privati.

(12) Il-Ministru, wara li jikkonsulta lill-President tal-Bord tal-Gvernaturi, jista' jagħmel regolamenti dwar il-proċeduri li l-Bord għandu jadotta fil-ħidma tiegħu.

Funzjonijiet u setgħat tal-Bord tal-Gvernaturi. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

**93.** (1) Il-Bord tal-Gvernaturi jkun l-ogħla korp ta' tmexxija tal-Kulleġġ u jkollu d-dmir li jwettaq l-għanijiet u jeżerċita s-setgħat tal-Kulleġġ kif indikat fid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u b'mod partikolari jkollu l-funzjoni li:

(*a*) jakkwista, jamministra u jikkontrolla r-riżorsi, faċilitajiet u l-proprjetà, mobbli u immobbli, tal-Kulleġġ;

(*b*) jistabilixxi Istituti, dipartimenti, ċentri, programmi u enti oħra edukattivi u ta' taħriġ għat-twettiq kif imiss tax-xogħol edukattiv u ta' taħriġ u tal-kollaborazzjoni interdixxiplinari;

(*ċ*) iqassam bejn id-diversi Istituti u enti oħra edukattivi u ta' taħriġ fi ħdanu r-riżorsi kemm bħala fondi, kif ukoll bħala imkejjen, faċilitajiet, servizzi, tagħmir u nies, illi jkunu f'idejn il-Kulleġġ;

(*d*) jissorvelja l-infieq u l-amministrazzjoni tal-Kulleġġ f'kull livell u japprova l-proposti annwali ta' l-Estimi sabiex dawn jiġu ippreżentati lill-Ministru fiż-żmien indikat;

(*e*) jaħtar il-Prinċipal u, wara li jisma l-pariri tiegħu, jaħtar ukoll lil-Viċi Prinċipali, il-Kapijiet ta' l-Istituti u ta' enti edukattivi u ta' taħriġ oħra, fuq bażi ta' kuntratt definit, u jistabilixxi, u jneħħi, kull kariga ta' xorta akkademika, teknika jew ta' kull xort'oħra;

(*f*) jagħmel statuti, regoli u proċeduri oħra skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*g*) jaħtar eżaminaturi Maltin jew barranin skond statuti u proċeduri stabbiliti minn qabel, u jieħu ħsieb li jitħallsu għas-servizz tagħhom;

(*h*) jara li jinżammu u jitjiebu l-livelli akkademiċi u ta' taħriġ, u li jwaqqaf u jissorvelja skemi interni ta'

verifika edukattiva li jiżguraw il-kwalità;

(*i*) jidħol f'kull ftehim li jidhirlu meħtieġ mas-setturi ta' l-attività ekonomika fil-pajjiż u ma' istituzzjonijiet f'Malta u barra biex jintlaħqu aħjar l-iskopijiet tal-Kulleġġ;

(*j*) jagħmel dak kollu meħtieġ biex jilħaq l-iskop tal-Kulleġġ u biex jesegwixxi s-setgħat u l-funzjonijiet tal-Kulleġġ li ma humiex diġà vestiti f'korp ieħor ta' tmexxija tal-Kulleġġ;

Iżda l-Istituti, Dipartimenti, ċentri, programmi jew enti oħra ta' edukazzjoni u taħriġ kif imsemmi fil-paragrafu (*b*) jistgħu jitwaqqfu mill-Bord tal-Gvernaturi, wara konsultazzjoni mal-Kunsill ta' l-Istituti, u t-twaqqif, l-istatut u r-regoli tagħhom għandu jitqies li jkunu daħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru jista' jistabilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

(2) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu wkoll japprova l-kurrikulum u s-sillabi li jiġu ppreżentati mill-Istituti u kull enti edukattiva u ta' taħriġ fi ħdanu u, fejn jidhirlu meħtieġ, jibgħathom lura lil dawk l-Istituti jew enti konċernati bil-pariri tiegħu għat tibdil indikat.

(3) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu, fejn jiġi hekk approvat mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jiċċertifika il-ħiliet għall-eżerċizzju ta' mestieri, vokazzjonijiet u professjonijiet, kif ukoll ta' profiċjenza fi snajja, teknika, teknoloġija, jew f'kull attività oħra kummerċjali jew ekonomika.

(4) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jara li l-gradi, diplomi, distinzjonijiet, u ċertifikati ta' kwalifikazzjoni tal-Kulleġġ ikunu rikonoxxuti kemm nazzjonalment kif ukoll internazzjonalment, u li, kull fejn dan japplika, jkunu relatati mal-livelli u l-istandards stabbiliti mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki.

(5) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiltaqa' għallanqas darba kull xahrejn bil-kworum għal-laqgħat ikun ta' nofs il-membri u wieħed.

Kompożizzjoni tal-Kunsill ta' l-Istituti.
*Miżjud: XIII. 2006.15.*

**94.** Il-Kunsill ta' l-Istituti jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(*a*) il-Prinċipal li jippresjedi *ex officio*;

(*b*) il-Viċi Prinċipali *ex officio*;

(*ċ*) ir-Reġistratur;

(*d*) id-Direttur Amminisrattiv *ex officio*;

(*e*) il-Kapijiet ta' l-Istituti *ex officio*;

(*f*) il-Kap ta' l-Uffiċċju ta' Sħubija *ex officio*;

(*g*) il-Librar *ex officio*;

(*h*) żewġ membri eletti mill-għalliema tal-Kulleġġ u minn fosthom;

(*i*) żewġ membri eletti mill-istudenti tal-Kulleġġ u minn fosthom;

(*j*) erba' membri maħtura mill-Ministru.

**95.** (1) Il-Kunsill ikollu d-direzzjoni ġenerali ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali u professjonali tal-Kulleġġ, u jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

Funzjonijiet tal-Kunsill. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

(*a*) li b'regolamenti jirregola l-programmi ta' studji, taħriġ, riċerka, dokumentazzjoni u l-eżamijiet fil-Kulleġġ u jistabbilixxi dawk il-gradi, diplomi, ċertifikati u distinzjonijiet għal dawk il-kandidati li jkunu jissodisfaw l-kondizzjonijiet preskritti wara li jsegwu l-korsijiet ta' studji u taħriġ meħtieġa;

(*b*) li jiddeċiedi lil min għandhom jingħataw il-gradi, diplomi, ċertifikati, u distinzjonijiet akkademiċi, vokazzjonali u professjonali oħra;

(*ċ*) li, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għad-dħul fil-Kulleġġ;

(*d*) li, fuq rakkomandazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti skond il-liġi, jagħti għarfien lil dawk il-gradi, diplomi, ċertifikati u distinzjonijiet ta' universitajiet jew istituzzjonijiet edukattivi oħra;

(*e*) li jagħti parir lill-Bord tal-Gvernaturi dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' l-edukazzjoni jew it-taħriġ vokazzjonali u professjonali;

(*f*) li jittratta dwar kull ħaġa oħra li tirreferi għall-edukazzjoni u t-taħriġ li tinqala fl-amministrazzjoni tal-Kulleġġ.

(2) Il-Kunsill għandu jiltaqa' għall-anqas darba kull sitt ġimgħat u l-kworum tal-laqgħat ikun mhux anqas minn nofs l-għadd tal-membri tal-kunsill u wieħed.

**96.** Għandu jkun hemm *Bureau* Amministrattiv tal-Kulleġġ li jkun magħmul minn dawn il-persuni kif ġej:

Komposizzjoni tal-*Bureau* Amministrattiv. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

(*a*) il-Prinċipal li jippresjedi;

(*b*) il-Viċi Prinċipali;

(*ċ*) ir-Reġistratur;

(*d*) id-Direttur Amministrattiv;

(*e*) il-Kap ta' l-Uffiċċju ta' Sħubija; u

(*f*) il-Kontrollur Finanzjarju.

**97.** Il-*Bureau* għandu jiltaqa' mill-anqas darba kull erba' ġimgħat biex:

Funzjonijiet tal-*Bureau*. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

(*a*) jara li l-*policies,* l-istrateġija, u d-deċiżjonijiet kif adottati mill-Bord tal-Gvernaturi u l-Kunsill jiġu mwettqa;

(*b*) jiżgura djalogu, kordinament u l-funzjonament effettiv tal-korpi ta' tmexxija u ta' l-istrutturi, l-uffiċjali u l-funzjonarji tal-Kulleġġ;

(*ċ*) bla ħsara għal xi disposizzjoni ta' din it-Taqsima, jieħu ħsieb, taħt id-direzzjoni tal-Prinċipal kull ħaġa li

għandha x'taqsam mal-proċess ta' l-għażla u l-ingaġġ tal-persunal li l-Kulleġġ ikun jinħtieġ minn żmien għal żmien, u jressaq għall-approvazzjoni tal-Prinċipal n-nomini tal-persuni magħżula fil-proċess ta' l-għażla;

(*d*) iħallas il-pagi, is-salarji jew ir-remunerazzonijiet tal-membri tal-persunal tal-Kulleġġ skond skali li jistabbilixxi il-Bord tal-Gvernaturi bl-approvazzjoni tal-Ministru;

(*e*) jieħu l-miżuri meħtieġa biex japplika l-proċeduri ta' dixxiplina, u l-iskemi ta' verifika u assikurazzjoni ta' kwalità fix-xogħol kollu tal-Kulleġġ;

(*f*) jara li jinżammu relazzjonijiet ħajjin u proattivi bejn il-Kulleġġ u l-isħab tiegħu f'Malta u barra minn Malta.

Komposizzjoni tal-Bord ta' Studji ta' l-Istituti.
*Miżjud: XIII. 2006.15.*

**98.** (1) Kull Istitut għandu jkollu Bord ta' Studji li jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(*a*) il-Kap ta' dak l-Istitut li jkun president *ex officio*;

(*b*) wieħed mill-Viċi Prinċipali kif jiddeċiedi l-Prinċipal li jkun viċi-president *ex officio*;

(*ċ*) il-Kapijiet tad-Dipartimenti ta' l-Istitut *ex officio*;

(*d*) membru elett minn u minn fost l-għalliema kollha ta' l-Istitut;

(*e*) membru elett minn u minn fost l-istudenti ta' l-Istitut;

(*f*) żewġ membri maħtura mill-Ministru minn fost persuni rikonoxxuti għall-kompetenza u l-esperjenzi tagħhom fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' l-Istitut partikolari;

(*g*) rappreżentanti ta' istituti barranin li magħhom il-Kulleġġ jista' jkollu ftehim ta' sħubija;

(*h*) rappreżentant magħżul mill-Ministru mis-settur ekonomiku li fil-fehma tal-Ministru jkun l-aktar konness mal-qasam ta' studji u taħriġ ta' l-Istitut partikolari;

(*i*) rappreżentant ta' korp professjonali rikonoxxut mill-Ministru fil-qasam ta' studji u taħriġ ta' l-Istitut partikolari.

(2) Il-Prinċipal ikollu d-dritt li kull meta jidhirlu xieraq isejjaħ laqgħa tal-Bord ta' Studji ta' kwalunkwe Istitut u laqgħa bħal din jippresidiha il-Prinċipal.

Funzjonijiet tal-Bord ta' Studji.
*Miżjud: XIII. 2006.15.*

**99.** (1) Il-Bord ta' Studji jkollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(*a*) li jmexxi x-xogħol edukattiv u ta' taħriġ ta' l-Istitut;

(*b*) li jistabbilixxi l-istudji, it-tagħlim, it-taħriġ u r-riċerka fi-Istitut u f'xi ċentru jew programm li jista' jkollu fi ħdanu, u li jipprovdi għall-amministrazzjoni, pubblikazzjoni u tixrid tax-xogħol akkademiku u ta' riċerka u żvilupp ta' l-Istitut u li jqassam ix-xogħol f'dawn l-attivitajiet;

(*ċ*) li jfassal u jipproponi ordinamenti li jolqtu lill-Istitut skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att;

(*d*) li jinnomina eżaminaturi Maltin jew barranin skond proċeduri stabbiliti minn qabel u approvati mill-Bord tal-Gvernaturi;

(*e*) li jħejji pjanjiet għall-iżvilupp ta’ l-Istitut u jippreżenthom għall-approvazzjoni tal-Kunsill u tal-Bord tal-Gvernaturi.

(2) L-ordinamenti li jagħmel il-Bord ta’ Studji għandhom jintbagħtu lill-Kunsill għall-approvazzjoni tiegħu u ma għandhomx jinġiebu quddiem il-Bord tal-Gvernaturi biex jiġu promulgati kemm il-darba ma jkunux ġew hekk approvati mill-Kunsill.

(3) Il-Bord ta’ Studji għandu jiltaqa’ għall-anqas kull sitt ġimgħat u l-kworum tal-laqgħat ikun ta’ ħames membri.

L-Uffiċċju ta’ Sħubija. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

**100.** Għandu jkun hemm Uffiċċju ta’ Sħubija li jkollu bħala Kap tiegħu persuna maħtura apposta mill-Bord tal-Gvernaturi u li jkun responsabbli wkoll għar-relazzjonijiet bilaterali u internazzjonali tal-Kulleġġ, inklużi dawk il-ħwejjeġ li huma relatati ma’ l-Unjoni Ewropea. Il-funzjonijiet ta’ l-Uffiċċju ta’ Sħubija huma:

(*a*) li jiżviluppa r-relazzjonijiet meħtieġa għall-akbar koperazzjoni u sinerġiji bejn il-Kulleġġ u istituzzjonijiet edukattivi u taħriġ sew pubbliċi kif ukoll privati li jkunu qed joperaw f’Malta;

(*b*) li jiżviluppa bi ftehim u miżuri adatti sħubija proattiva bejn il-Kulleġġ u l-Istituti tiegħu min-naħa, u s-setturi ekonomiċi industrijali u tas-servizzi min-naħa l-oħra;

(*ċ*) li jiżviluppa ftehim ta’ sħubija bejn kull Istitut tal-Kulleġġ min-naħa, u Università, Kulleġġ jew Istituti barrani li jkun akkwista rikonoxximent fil-qasam partikolari ta’ studji u taħriġ vokazzjonali u professjonali li għalih l-Istitut ikun responsabbli min-naħa l-oħra;

(*d*) li jiżgura sehem sħiħ fi programmi ta’ skambji lokali u internazzjonali u f’dawk ta’ l-Unjoni Ewropea li fihom Malta tieħu sehem;

(*e*) li jaħdem biex iġib għall-istudent tal-Kulleġġ boroż ta’ studju u li jamministra boroż ta’ studju li jistgħu jiġu offruti lil studenti barranin;

(*f*) li jħaddem skemi li jattiraw studenti barranin għall-korsijiet tal-Kulleġġ.

Setgħat u dmirijiet tal-President. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

**101.** (1) Il-President ikun l-ogħla uffiċjal tal-Kulleġġ u jkun responsabbli li jiżgura li l-Kulleġġ ikun jikkonforma ma’ dan l-Att.

(2) Il-President jippromulga l-istatuti, regolamenti u ordinamenti tal-korpi ta’ tmexxija tal-Kulleġġ u jista’ jibgħat lura għal darba waħda lill-korp ta’ tmexxija li jkun, dawk l-istatuti, regolamenti u ordinamenti li fil-fehma tiegħu ma jkunux skond il-liġi.

(3) Il-President ikollu wkoll is-setgħa li kull meta hekk jidhirlu bżonnjuż ilaqqa' u jippresjedi l-Bord tal-Gvernaturi, il-Kunsill, il-*Bureau* Amministrattiv u l-Bord ta' Studji.

(4) Kull meta l-kariga ta' President tkun temporanjament vakanti, u sakemm jiġi maħtur President ġdid, u kull meta d-detentur tal-kariga jkun assenti minn Malta jew ikun bil-vakanzi jew għal xi raġuni ma jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet mogħtija lilu b'dan l-Att, dawk il-funzjonijiet għandhom jiġu moqdija mill-Viċi President tal-Bord tal-Gvernaturi.

Setgħat tal-Prinċipal. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

**102.** (1) Il-Prinċipal għandu jkun il-Kap Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kulleġġ.

(2) Il-Prinċipal, bla ħsara għas-setgħat vestiti f'xi korp ta' tmexxija tal-Kulleġġ bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ikollu s-setgħa meħtieġa għat-tmexxija u għall-amministrazzjoni tal-Kulleġġ, inkluża s-setgħa li jagħmel dawk il-ħatriet meħtieġa ta' uffiċjali u impjegati akkademiċi, tekniċi, jew ta' kull xort'oħra, għal dak il-perjodu, taħt dawk il-kondizzjonijiet u skond proċeduri stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi, kif ukoll li jiddeċiedi fuq kull ħaġa urġenti ta' xorta edukattiva jew xort'oħra:

Iżda kull deċiżoni bħal dik imsemmija li tolqot xi setgħa jew funzjoni vestita b'dan l-Att f'korp ta' tmexxija tal-Kulleġġ għandha tiġi reġistrata mill-Prinċipal li tinġieb quddiem dak il-korp ta' tmexxija fl-ewwel laqgħa tiegħu wara dik id-deċiżjoni.

(3) Il-Prinċipal jeżerċita l-awtorità u l-kontroll fuq l-għalliema, l-eżaminaturi, l-istudenti, il-kandidati għall-eżamijiet, l-impjegati tal-Kulleġġ, u fuq kull min jiġi inkarigat jagħti xi servizz lill-Kulleġġ, u jżomm id-dixxiplina u jieħu ħsieb li jiġu mħarsa d-disposizzjonijiet ta' l-Att, ta' l-Istatut ta' l-Istituti, ordinamenti u regoli oħra magħmulin mill-korpi kompetenti tal-Kulleġġ.

(4) Il-Prinċipal jikkonferixxi l-gradi, diplomi, ċertifikati u distinzjonijiet oħra tal-Kulleġġ.

(5) Il-Prinċipal għandu jiżgura li, safejn jiddependi minnu, il-korpi ta' tmexxija huma regolarment kostitwiti, u li jipprovdi għall-organizzazzjoni ta' dawk l-elezzjonijiet meħtieġa b'dan l-Att, inkluż li fil-fatt dawn isiru kif stabbilit u mingħajr dewmien bla bżonn.

(6) Il-Prinċipal għandu jiżgura li l-korpi ta' tmexxija jiltaqgħu regolarment kif jistabbilixxi dan l-Att u jkun responsabbli għall-ippjanar u l-kordinament tax-xogħol tal-korpi u ta' istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni u taħriġ differenti u għat-twettiq tad-deċiżjonijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Kulleġġ.

Viċi Prinċipali. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

**103.** Il-Viċi Prinċipali għandhom jaqdu dawk il-funzjonijiet li jiddelegalhom il-Prinċipal, inklużi dawk li jaġixxu minfloku skond kif jidhirlu meħtieġ.

Ir-Reġistratur. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

**104.** Ir-Reġistratur għandu:

(*a*) igħin lill-Prinċipal fl-amministrazzjoni ta' kuljum tal-programmi akkademiċi, edukattivi u ta' taħriġ tal-Kulleġġ, u huwa jkun responsabbli għat-twettiq ta' l-

istruzzjonijiet tal-Prinċipal;

(*b*) iżomm is-siġill tal-Kulleġġ u jiffirma wkoll id-dokumenti kollha li fuqhom jiġi mqiegħed is-siġill tal-Kulleġġ;

(*ċ*) jiffirma d-dokumenti li jiċċertifikaw l-għotjiet akkademiċi u vokazzjonali mogħtija mill-Kulleġġ u jżomm *record* sħiħ tagħhom;

(*d*) jagħmilha ta' segretarju għall-Kunsill u, direttament jew permezz ta' delegat, għal Bordijiet ta' Studji;

(*e*) ikun responsabbli għar-*records* ta' l-eżamijiet kollha magħmulin mill-Kulleġġ u għal ħarsien xieraq ta' dawn ir-*records,* u li jżomm kopji aġġornati ta' l-istatuti, ir-regolamenti u l-ordinamenti;

(*f*) iżomm l-elenki tal-membri tal-Bord tal-Gvernaturi, tal-Kunsill, tal-Bordijiet ta' Studji, ta' l-eżaminaturi, u ta' l-istudenti;

(*g*) iżomm *records* ta' l-attivitajiet edukattivi u ta' taħriġ ta' kull student;

(*h*) ikun responsabbli, wara konsultazzjoni mal-Kapijiet ta' l-Istituti, għall-arranġamenti xierqa ta' l-orarju tat-tagħlim; u

(*i*) jaqdi dmirijiet oħra skond kif jista' jkun mitlub jagħmel mill-Prinċipal minħabba l-ħtiġiet tal-Kulleġġ.

Id-Direttur Amministrattiv.
*Miżjud: XIII. 2006.15.*

**105.** Id-Direttur Amministrattiv għandu, taħt id-direzzjoni tal-Prinċipal, ikun responsabbli għall-amministrazzjoni u l-operat minn jum għall-ieħor tal-Kulleġġ, l-impjegati u l-proprjetajiet mobbli u immobbli, u, kull fejn japplika, iwettaq deċiżjonijiet meħudin mill-korpi ta' tmexxija tal-Kulleġġ. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, id-Direttur Amministrattiv għandu jaqdi dawk id-dmirijiet l-oħra kif minn żmien għal żmien jiġi mitlub jagħmel mill-Prinċipal minħabba l-ħtiġiet tal-Kulleġġ.

Il-Librar.
*Miżjud: XIII. 2006.15.*

**106.** Il-Librar għandu l-inkarigu li jamministra l-Librerija u għandu:

(*a*) jkun responsabbli għall-ikkatalogar xieraq tal-kotba, kemm skond l-awtur u kemm skond is-suġġett, għall-mod kif jinżammu u għall-ħarsien tagħhom, u biex kotba li jkun nħarġu b'self jitreġġgħu lura;

(*b*) jgħin l-istudenti fit-tiftix tagħhom;

(*ċ*) jieħu ħsieb il-korrispondenza kollha li tolqot lill-Librerija;

(*d*) iżomm lista tal-mezzi viżivi u oħrajn li hemm għat-tagħlim u jikkontrolla s-self ta' dan il-materjal skond ir-regolamenti ri1evanti;

(*e*) jippreżenta rapport lill-Kumitat tal-Librerija fuq ix-xogħol tal-Librerija fi tmiem kull sena akkademika.

Finanzjament u kontroll tal-finanzi tal-Kulleġġ.
*Miżjud: XIII. 2006.15.*

**107.** (1) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu f'kull sena finanzjarja jara li jiġu mħejjija u għandu jadotta estimi tad-dħul u l-infiq tal-Kulleġġ għas-sena ta' wara.

(2) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jara li jinżammu sew kontijiet u dokumentazzjoni oħra dwar l-operazzjonijiet u t-transazzjonijiet tiegħu, u għandu jara li jiġi preparat rendikont tal-kontijiet tiegħu għal kull sena finanzjarja.

(3) Il-kontijiet tal-Kulleġġ għandhom jiġu verifikati minn awditur jew awdituri maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi minn żmien għal żmien, filwaqt li l-amministrazzjoni finanzjarja tal-Kulleġġ għandha tkun soġġetta għall-verifika min-naħa ta' l-Awditur Ġenerali.

(4) Il-Bord tal-Gvernaturi, mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja, għandu jara li kopja tar-rendikont tal-kontijiet verifikati tal-Kulleġġ, flimkien ma' rapport ta' l-attivitajiet tiegħu matul dik is-sena, jintbagħat lill-Ministru flimkien ma' kopja tar-rapport ta' l-awditur jew awdituri dwar dak ir-rendikont, u l-Ministru għandu bla dewmien iqiegħed dawk ir-rendikonti u rapporti fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

Il-Kontrollur Finanzjarju.
*Miżjud: XIII. 2006.15.*

**108.** (1) Il-Kontrollur Finanzjarju għandu taħt id-direzzjoni tal-Prinċipal ikun responsabbli għall-amministrazzjoni ta' kuljum tal-finanzi tal-Kulleġġ, u jirraporta dwar dan lill-Prinċipal jew lil Deputat Prinċipal kif delegat mill-Prinċipal.

(2) B'mod partikolari, il-Kontrollur Finanzjarju għandu -

(*a*) iħejji -

(i) l-estimi ta' kull sena tad-dħul u l-infiq;

(ii) id-dikjarazzjoni komparata ta' kull sena tad-dħul u l-infiq;

(iii) il-bilanċ ta' kull sena u dikjarazzjoni tal-kontijiet;

(*b*) ikun responsabbli għall-ġbir tad-dħul u l-flus dovuti lill-Kulleġġ;

(*ċ*) iżomm kontroll immedjat fuq l-infiq skond id-disposizzjonijiet approvati

(*d*) iżomm sistema xierqa ta' kontijiet li tħaddan l-operazzjonijiet finanzjarji kollha tal-Kulleġġ;

(*e*) ikun responsabbli għall-ordnijiet kollha, għax-xiri kollu, u għall-kontroll ta' l-imħażen u l-inventarji;

(*f*) jagħmel il-verifika tal-kontijiet u l-kontroll intern kollu li jħoss li jkun meħtieġ;

(*g*) flimkien mal-Prinċipal jew mad-Direttur Amministrattiv jiffirma l-kambjali, ċekkijiet, *bank drafts,* ittri ta' kreditu u d-dokumenti bankarji, finanzjarji u kummerċjali l-oħra kollha, bla ħsara għal kull restrizzjoni li ssir mill-Bord tal-Gvernaturi;

(*h*) jaqdi dmirijiet oħra skond kif jista' jkun mitlub jagħmel mill-Prinċipal minħabba l-ħtiġiet tal-Kulleġġ.

**109.** (1) Ħatriet ta' *staff* bi dmirijiet ta' tagħlim, ta' taħriġ u, jew ta' riċerka jsiru fil-gradi ta' professur, professur assoċjat, lettur anzjan, lettur, assistent lettur, assistent għalliem, assistent firriċerka jew fi gradi oħra approvati mill-Bord tal-Gvernaturi skond il-kwalifiki tal-persuni li jkunu qegħdin jinħatru.

Ħatriet ta' persunal bi dmirijiet formali ta' tagħlim jew ta' riċerka. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

(2) Il-postijiet jistgħu jkunu reklamati għal ħatriet fi gradi speċifiċi.

(3) Ħatra għal post bi dmirijiet formali ta' tagħlim u, jew riċerka ssir mill-Prinċipal u tiġi konfermata mill-Bord tal-Gvernaturi.

**110.** L-ilbies xieraq uffiċjali li l-uffiċjali ewlenin tal-Kulleġġ, l-għalliema, il-gradwati, l-istudenti u l-membri l-oħra tal-Kulleġġ huma mistennija li jilbsu fl-okkażjonijiet uffiċjali jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Bord tal-Gvernaturi wara konsultazzjoni mal-Kunsill.

Lbies uffiċali. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

**111.** (1) Il-gradi u d-diplomi jingħataw f'ċerimonja pubblika jew, bl-approvazzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi, f'ċerimonja privata jew *in absentia.*

L-għoti ta' gradi u diplomi. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

(2) Kandidat ikun eliġibbli biex jingħata grad jew diploma biss wara li l-Prinċipal jiċċertifika li l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Istatuti, mir-regolamenti u mill-ordinamenti rilevanti għal dak il-grad jew għal dik id-diploma jkunu ġew sodisfatti u sakemm l-obbligu u r-responsabbiltajiet l-oħra kollha tal-kandidat lejn il-Kulleġġ ikunu ġew ukoll sodisfatti.

(3) Ebda persuna ma titqies li għandha grad jew diploma tal-Kulleġġ jekk dan il-grad jew dik id-diploma ma tkunx ingħatat kif hemm imfisser fis-subartikolu (1).

**112.** (1) Kull persuna li għandha kariga f'korp ta' tmexxija tal-Kulleġġ għandha żżomm dik il-kariga għal żmien sentejn kemm il-darba mhux espressament provdut xort'oħra f'xi artikolu ieħor ta' dan l-Att:

Disposizzjonijiet komuni għall-korpi ta' tmexxija tal-Kulleġġ. *Miżjud: XIII. 2006.15.*

Iżda kull persuna li jkollha kariga f'korp ta' tmexxija tal-Kulleġġ għandha tkompli żżomm dik il-kariga, minkejja li tkun temmet iż-żmien tagħha, sakemm issir l-elezzjoni jew il-ħatra ta' persuna oħra biex tieħu post dik il-persuna.

(2) Kull korp ta' tmexxija tal-Kulleġġ jista' jaġixxi nonostanti kull vakanza fost il-membri tiegħu u l-kworum jinħadem daqs li kieku ma kien hemm ebda vakanza bħal dik.

(3) Kull kwistjoni mressqa għal deċiżjoni f'xi laqgħa ta' xi korp ta' tmexxxija tal-Kulleġġ għandha tiġi deċiża b'maġġoranza tal-voti ta' dawk preżenti u li jivvotaw, u jekk fuq xi kwistjoni bħal dik il-voti jkunu maqsuma ndaqs il-membru li jkun jippresjedi għandu jkollu u għandu jeżerċita vot deċiżiv.

*Miżjuda: XIII. 2006.17.*

TAQSIMA IX

Uffiċjali u Persunal ta' l-Entitajiet

Hatriet ta' persunal. *Miżjud: XIII. 2006.17.*

**113.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u ta' kull liġi oħra li tapplika għal dan, inkluż dan l-Att, kull entità, bi qbil mal-Ministru, tista' taħtar u timpjega dawk l-uffiċjali u impjegati oħra li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa għat-twettiq kif dovut u effiċjenti tal-funzjonijiet tagħha.

(2) Il-ħatra u l-impjieg ta' l-uffiċjali u impjegati msemmija għandhom isiru b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet hekk kif dik l-entità tista', bi ftehim mal-Ministru, minn żmien għal żmien tiddeċiedi.

Status ta' uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet ma' xi entità. *Miżjud: XIII. 2006.17.*

**114.** (1) Il-Prim Ministru jista', fuq talba ta' xi entità u bi qbil mal-Ministru, minn żmien għal żmien, jordna li xi uffiċjal pubbliku jiġi mqabbad jaqdi dmirijiet ma' xi entità f'dik il-kariga u minn dik id-data u għal tul ta' żmien li tista' tkun speċifikata fl-ordni tal-Prim Ministru.

(2) Il-perjodu li matulu ordni, kif hawn aktar qabel imsemmi, għandu japplika għal xi uffiċjal speċifikat fiha għandu, kemm il-darba l-uffiċjal ma jirtirax mis-servizz pubbliku jew jekk xort'oħra ma jibqax fil-kariga f'data li tiġi qabel, ikun dak li jista' jiġi speċifikat fl-ordni, kemm il-darba l-ordni ma tiġix revokata qabel mill-Prim Ministru.

(3) Meta xi uffiċjal jiġi mqabbad jaqdi dmirijiet ma' xi entità skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dak l-uffiċjal għandu fiż-żmien li matulu dak l-ordni jkollu effett dwaru, jkun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll ta' l-entità, imma għal kull skop ieħor għandu jibqa' u jitqies u jkun ittrattat bħala uffiċjal pubbliku.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, uffiċjal pubbliku mqabbad jaqdi dmirijiet kif hawn aktar qabel imsemmija -

(*a*) m'għandux filwaqt li dak l-uffiċjal ikun hekk imqabbad jagħmel -

(i) ikun prekluż milli japplika għal trasferiment f'xi dipartiment tal-Gvern skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' servizz marbuta mal-ħatra mal-Gvern li dak l-uffiċjal pubbliku kellu f'data meta jkun ġie hekk imqabbad jaqdi dmirijietu; jew

(ii) ikun hekk impjegat li r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet ta' servizz ikun inqas favorevoli minn dawk marbuta mal-ħatra mal-Gvern li kellu dak l-uffiċjal pubbliku fid-data meta jkun ġie mqabbad jaqdi dmirijiet kif hawn aktar qabel imsemmi jew li kienu jkunu marbuta ma' dik il-ħatra, matul il-perjodu msemmi, li kieku dak l-uffiċjal ma jkunx ġie mqabbad jaqdi dmirijietu ma' l-entità; u

(*b*) ikollu jedd li jkollu s-servizz tiegħu ma' xi entità meqjus bħala servizz mal-Gvern għall-iskop ta' kull pensjoni, gratwità jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, u ta' kull dritt jew privileġġ ieħor li dak l-uffiċjal pubbliku ikun intitolat għalih, u jkun responsabbli għal dak kollu li jkun responsabbli għalih, ħlief għall-fatt li jkun qiegħed jiġi mqabbad jaqdi dmirijiet ma' xi entità. Kap. 93. Kap. 58.

(5) Meta ssir applikazzjoni kif hemm provdut fis-subartikolu (4)(*a*)(i), għandha tingħata l-istess konsiderazzjoni għal dan daqslikieku l-applikant ma kienx ġie mqabbad jaqdi dmirijiet ma' l-entità.

(6) Kull entità għandha tħallas lill-Gvern, fejn dan japplika, dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu deċiżi mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa tal-pensjonijiet u gratwitajiet li jinqalgħu minn uffiċjal imqabbad jaqdi dmirijiet ma' xi entità kif hawn aktar qabel imsemmija matul il-perjodu li fih dak l-uffiċjal ikun hekk imqabbad jagħmel.

Offerti ta' impjiegi permanenti lil uffiċjali pubbliċi mqabbda jagħmlu dmirijiet ma' l-Entitajiet.
*Miżjud: XIII. 2006.17.*

**115.** (1) Kull entità tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, toffri lil xi uffiċjal mqabbad jaqdi dmirijiet ma' dik l-entità taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 114 impjieg permanenti magħha b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk gawduti minn dak l-uffiċjal fid-data ta' dik l-offerta.

(2) Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jkun hemm f'xi offerta magħmula kif hawn aktar qabel imsemmi m'għandhomx ikunu hekk li jitqiesu li jkunu inqas favorevoli għaliex biss ma jkunux f'kull rigward identiċi ma', jew superjuri għal dawk gawduti mill-uffiċjal involut fid-data ta' dik l-offerta, jekk dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet, kollha flimkien, fil-fehma tal-Prim Ministru jkunu joffru benefiċċji sostanzjalment ekwivalenti jew ikbar.

(3) Kull uffiċjal li jaċċetta impjieg permanenti offrut lilu minn xi entità, taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandu għall-finijiet kollha minbarra dawk ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lin-Nisa Romol u Tfal Iltiema, jitqies li jkun temm li jkun fis-servizz tal-Gvern u li jkun daħal għas-servizz ma' dik l-entità fid-data ta' dik l-aċċettazjoni u għall-finijiet ta' l-Ordinanza msemmija u ta' l-Att imsemmi, sakemm dawn japplikaw għal dak l-uffiċjal, servizz ma' xi entità jitqies li jkun servizz mal-Gvern fil-parametri tat-tifsiriet tagħhom rispettivament. Kap. 93. Kap. 58.

(4) Kull uffiċjal bħal dak kif hawn aktar qabel imsemmi li minnufih qabel ma jaċċetta impjieg permanenti ma' xi entità kellu jedd li jibbenifika taħt l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, għandu jibqa' hekk intitolat li jibbenefika kif hawn aktar qabel indikat għal kull fini bħallikieku s-servizz ma' l-entità kien servizz mal-Gvern. Kap. 58.

(5) Kull entità għandha tħallas lill-Gvern, fejn dan japplika, dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu deċiżi mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa ta'

pensjonijiet u gratwitajiet li jinqalgħu minn uffiċjal li jkun aċċetta impjieg permanenti ma' l-entità kif hawn aktar qabel imsemmi matul il-perjodu li jibda' għaddej mid-data meta dak l-uffiċjal jaċċetta.

Kap. 93.

(6) Għall-fini ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, is-salarju pensjonabbli ta' dak l-uffiċjal pubbliku meta jirtira għandu jitqies li jkun is-salarju pensjonabbli li jitħallas lil uffiċjal fis-servizz tal-Gvern fi grad u f'livell ta' żieda li jikkorrispondi mal-kariga u l-livell ta' żieda li fiha l-uffiċjal jirtira minn ma' l-entità.

(7) (*a*) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-karigi u gradi ta' salarji ma' l-entità għandhom ikunu klassifikati fil-grad li l-aktar jikkorrispondi fil-viċin u livell inkrementali fis-servizz mal-Gvern ta' Malta b'riferenza għall-*job description*, kapaċitajiet, responsabbilitajiet u fatturi oħra analogi.

(*b*) Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu *(a)* għandha ssir minn Bord magħmul minn *Chairperson* maħtur mill-Ministru responsabbli għall-finanzi u minn żewġ membri oħra, wieħed maħtur mill-Ministeru responsabbli ċentralment għall-politika dwar il-persunal fis-servizz pubbliku u l-ieħor maħtur mill-entità konċernata. Il-klassifikazzjoni għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(*ċ*) Dik il-klassifikazzjoni għandha ssir fi żmien tliet xhur minn kull aġġustament ta' salarji ta' l-impjegati fis-servizz tal-Gvern u, jew ta' l-impjegati ta' xi entità.

(*d*) Ebda kariga ma tkun klassifikata fi grad ogħla minn dik ta' Grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew dak il-grad ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta jiddeċiedi.

(*e*) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, ħadd ma jista', minħabba fi klassifikazzjoni kif hawn aktar qabel imsemmi, ikun intitolat għal drittijiet taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet hawn qabel imsemmija li jkunu anqas favorevoli minn dawk li dwarhom dik il-persuna kienet tkun intitolata qabel dik il-klassifikazzjoni.

Kap. 93.

---

*Miżjuda: XIII. 2006.18.*

## TAQSIMA X

### Disposizzjonijiet Finanzjarji

Dħul u nfieq ta' l-entitajiet. *Miżjud: XIII. 2006.18.*

**116.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, kull entità għandha hekk tmexxi l-affarijiet tagħha li, fejn ikun possibbli, u skond kemm ikun prattiku, tkopri parti min-nefqa meħtieġa għat-twettiq adatt tal-funzjonijiet tagħha mid-dħul tagħha.

(2) F'każ li xi entità jkollha xi eċċess ta' dħul fuq l-infieq, dan

l-eċċess għandu, bla ħsara għal dawk id-direttivi li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jagħti wara li jikkonsulta mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jkun applikat mill-entità għal kull formazzjoni ta' fondi ta' riserva li jiġu użati għall-finijiet tal-funzjonijiet ta' l-entità.

(3) Dawk il-fondi ta' xi entità li ma jkunux minnufih meħtieġa biex minnhom issir in-nefqa jistgħu jiġu investiti b'dak il-mod li jista' minn żmien għal żmien ikun approvat mill-Ministru.

Flus li jingħataw bil-quddiem mill-Gvern.
*Miżjud: XIII. 2006.18.*

**117.** Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara li jikkonsulta mal-Ministru, jgħaddi flus bil-quddiem lil xi entità f'dawk l-ammonti li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jaqbel li jkunu meħtieġa mill-entità għat-twettiq ta' xi funzjoni tagħha taħt dan l-Att, u jista' jgħaddi dawk il-flus bil-quddiem b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni kif hawn aktar qabel imsemmi, jidhirlu li jkun xieraq. Il-flus hekk mgħoddija bil-quddiem jistgħu hekk jingħaddu mill-Ministru responsabbli għall-finanzi mill-Fond Konsolidat, u mingħajr ebda approprjazzjoni ulterjuri ħlief għal dan l-Att, b'ordni li tkun tawtorizza lill-*Accountant General* li jgħaddi dawk il-flus bil-quddiem.

Poter ta' self jew li tiġbor kapital.
*Miżjud: XIII. 2006.18.*

**118.** (1) Għall-finijiet tat-twettiq ta' xi funzjoni tagħha taħt dan l-Att, l-entità tista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru f'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tissellef jew tikseb flus b'dak il-mod, mingħand dik il-persuna, korp, jew awtorità, u taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru, wara konsultazzjoni kif hawn aktar qabel imsemmi, jista' japprova bil-miktub.

(2) Entità tista' wkoll minn żmien għal żmien tissellef, permezz ta' *overdraft* jew xort'oħra, dawk l-ammonti li tista' teħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att:

Iżda għal kull ammont li jeċċedi tletin elf lira, tkun meħtieġa l-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru.

Tislif mingħand il-Gvern.
*Miżjud: XIII. 2006.18.*

**119.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', għal kull ħtieġa ta' xorta kapitali ta' xi entità, jikkuntrattja jew jagħmel flus disponibbli, jew jidħol f'passiv, għal dawk il-perjodi u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li huwa jista' jqis li jkunu xierqa; u kull ammont dovut dwar jew f'konnessjoni ma' xi tali self jew passività jkun nefqa fuq il-Fond Konsolidat.

(2) Avviż dwar kull self, passività jew flus li jingħataw bil-quddiem, li jsiru jew jiġu magħmulin taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jiġu mogħtija lill-Kamra tad-Deputati kemm jista' jkun malajr.

(3) Sakemm isir disponibbli xi self bħal dak imsemmi fis-subartikolu (1), jew bil-għan li xi entità tiġi provduta b'kapital attiv, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', b'ordni, u mingħajr ebda approprjazzjoni ulterjuri ħlief għal dan l-Att, jawtorizza lill-*Accountant General* li jgħaddilha flus bil-quddiem mit-*Treasury Clearance Fund* taħt dawk il-pattijiet li jistgħu jkunu speċifikati mill-Ministru malli jsir dan.

(4) Ir-rikavat ta' xi self li jsir disponibbli għall-finijiet li jingħataw flus bil-quddiem lil xi entità, u kull ammont ta' flus ieħor li jkun se jingħadda lil xi entità taħt dan l-artikolu, għandu jitħallas lil dak il-Fond imwaqqaf speċifikament għal dan il-għan.

(5) Ammonti ta' flus li l-*Accountant General* jirċievi mingħand xi entità dwar flus li jingħatawlha bil-quddiem taħt dan l-artikolu, għandhom jitħallsu f'dawk li huma ammonti li jiġu riċevuti bħala ħlas lura, fit-*Treasury Clearance Fund* u, f'dawk li huma ammonti li jiġu riċevuti bħala mgħax, fil-Fond Konsolidat.

Estimi ta' entità.
*Miżjud: XIII. 2006.18.*

**120.** (1) Kull entità għandha tara li jiġu mħejjija f'kull sena finanzjarja, u ma għandhiex aktar tard minn l-aħħar ta' Settembru ta' kull sena finanzjarja tadotta, estimi tad-dħul u infieq tagħha għas-sena finanzjarja li tiġi minnufih wara:

Iżda l-estimi ta' kull entità għall-ewwel sena finanzjarja tagħha għandhom jitħejjew u jiġu adottati f'dak iż-żmien li l-Ministru jista' jispeċifika lill-entità b'avviż bil-miktub.

(2) Fit-tħejjija ta' dawk l-estimi, l-entità għandha tqis kull fond u flus oħra li jistgħu ikunu dovuti li jitħallsu lilha mill-Fond Konsolidat matul is-sena finanzjarja rilevanti, jew bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' Att ta' approprjazzjoni jew ta' kull liġi oħra; u l-entità għandha hekk tħejji dawk lestimi b'mod li tiżgura li kull dħul totali tagħha ikun millinqas suffiċjenti biex minnu jinħarġu l-ammonti ta' flus kollha li għandhom jitħallsu kif dovut fil-kont tad-dħul tagħha inklużi, imma mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dik il-frażi, id-deprezzament.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dawk is-suriet u jkun fihom dik l-informazzjoni u dawk il-paraguni ma' l-estimi ta' qabel hekk kif il-Ministru jista' jordna.

(4) Kopja ta' l-estimi għandha, meta dawn jiġu adottati mill-entità, tintbagħat minnufih lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi. Il-Ministru għandu ma' l-ewwel opportunità li jkollu u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li jkun irċieva kopja ta' l-estimi ta' l-entità, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, japprovahom bi jew mingħajr emendi. Il-Ministru għandu jara li l-ammonti globali ta' dawn l-estimi approvati jifformaw parti integrali mill-Estimi Ġenerali tal-Gvern.

In-nefqa skond l-estimi approvati.
*Miżjud: XIII. 2006.18.*

**121.** (1) M'għandha ssir jew tiġġarrab ebda nefqa minn xi entità kemm-il darba din ma tkunx ġiet approvata kif provdut fl-artikolu 120.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) -

(*a*) sa l-iskadenza ta' sitt xhur mill-bidu ta' xi sena finanzjarja, jew sakemm issir l-approvazzjoni ta' l-estimi mill-Ministru, skond liema data tiġi l-ewwel, l-entità tista' tagħmel jew iġġarrab in-nefqa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att f'ammont li b'kollox ikun ta' mhux iżjed minn nofs l-ammont approvat għas-sena finanzjarja li tiġi minnufih qabel;

(*b*) in-nefqa approvata għar-rigward ta' xi kap jew sotto-

kap ta' l-estimi tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tiġġarrab dwar xi kap jew sotto-kap ieħor ta' l-estimi;

(*ċ*) dwar l-ewwel sena finanzjarja, l-entità tista' tagħmel jew iġġarrab nefqa li b'kollox ma tkunx teċċedi dawk l-ammonti li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara li jikkonsulta mal-Ministru, jippermetti;

(*d*) jekk dwar xi sena finanzjarja jinsab li l-ammont approvat mill-Ministru ma jkunx suffiċjenti, jew jekk tqum neċessità li ssir nefqa għal xi għan li ma jkunx hemm provdut dwaru fl-estimi, l-entità tista' tadotta estimi supplimentari għall-approvazzjoni tal-Ministru, u f'kull każ bħal dak id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li japplikaw għall-estimi għandhom, skond kemm ikun prattiku, japplikaw għall-estimi supplimentari.

Kontijiet u verfika. *Miżjud: XIII. 2006.18.*

**122.** (1) Kull entità għandha tara li jinżammu kotba ta' kontijiet u reġistrazzjonijiet oħra kif imiss dwar l-operazzjonijiet tagħha u għandha tara li titħejja dikjarazzjoni ta' kontijiet dwar kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet ta' kull entità għandhom ikunu verifikati minn awditur jew awdituri li jinħatru mill-entità u li jkunu approvati mill-Ministru:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jeħtieġ li l-kotba u reġistrazzjonijiet oħra ta' kull entità jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali li għal dan l-għan ikollu poter li jagħmel dik il-verifika fiżika u kull verifika oħra li jista' jqis li tkun meħtieġa.

(3) Wara tmiem kull sena finanzjarja, u mhux aktar tard mid-data li l-estimi ta' kull entità jintbagħtu lill-Ministru taħt l-artikolu 120(4), kull entità għandha tara li kopja tad-dikjarazzjoni ta' kontijiet verifikata kif imiss tkun mibgħuta lill-Ministru u lill-Minstru responsabbli għall-finanzi flimkien ma' kopja ta' kull rapport magħmul mill-awditur jew awdituri dwar dik id-dikjarazzjoni jew dwar il-kontijiet ta' kull entità.

(4) Il-Ministru għandu, malajr kemm jista' jkun, jara li kopja ta' kull dikjarazzjoni u rapport bħal dawk titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

Depożitu ta' kull dħul u ħlas mill-entitajiet. *Miżjud: XIII. 2006.18.*

**123.** (1) Il-flejjes kollha ta' kull entità għandhom jitqiegħdu f'bank jew banek li jinħatru bankiera mill-entità bl-approvazzjoni tal-Ministru. Dawk il-flejjes għandhom, skond kemm ikun prattiku, jitqiegħdu fil-banek minn jum għall-ieħor, ħlief għal dak l-ammont li l-entità tista' tawtorizza li żżomm biex tħallas minnu nefqiet żgħar u ta' minnufih.

(2) Il-ħlasijiet kollha li jsiru mill-fond ta' xi entità, ħlief għal nefqiet żgħar ta' mhux iżjed minn dak l-ammont li jista' jkun stabbilit mill-entità minn żmien għal żmien, għandhom isiru minn dak l-uffiċjal jew uffiċjali ta' l-entità li jistgħu jiġu maħtura jew imsemmija mill-entità għal dak l-iskop.

(3) Ċekkijiet li jiġu maħruġa u flejjes li jiġu rtirati minn xi kont tal-banek ta' xi entità għandhom ikunu iffirmati minn dak l-uffiċjal ta' l-entità li jista' jiġi maħtur jew imsemmi mill-entità għal dak l-għan u għandu jkun iġib il-kontrofirma ta' xi membru ta' l-entità jew xi uffiċjal ieħor tagħha kif jista' jkun awtorizzat minn min hu kompetenti f'dik l-entità għal dak il-għan.

(4) Kull entità għandha tagħmel disposizzjonijiet dwar:

(*a*) il-mod kif, u l-uffiċjal jew uffiċjali li għandhom is-setgħa, jawtorizzaw jew japprovaw il-ħlasijiet;

(*b*) it-titolu ta' xi kont li jinżamm fil-bank jew banek fejn għandhom jitħallsu l-flejjes ta' l-entità, u t-trasferimenti ta' fondi minn kont għall-ieħor;

(*ċ*) il-metodu li għandu jiġi adottat biex isiru ħlasijiet mill-fondi ta' l-entità u b'mod ġenerali għar-rigward ta' kull ħaġa li hija rilevanti għaż-żamma kif imiss u l-kontroll tal-kontijiet, kotba u *records* oħra u l-kontroll tal-finanzi ta' l-entità.

Kuntratti ta' provvista u ta' xogħlijiet.
*Miżjud: XIII. 2006.18.*

**124.** Kull entità m'għandhiex ħlief bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija għal raġunijiet speċjali u wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, talloka jew tidħol f'xi kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjali jew għall-eżekuzzjoni ta' xogħol, jew għall-għoti ta' servizzi lil jew għall-benfiċċju ta' xi entità, li l-entità tistma li jkun jinvolvi nefqa ta' aktar minn tliet elef lira, jew ta' xi ammont ieħor kif il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' permezz ta' regolamenti taħt dan l-artikolu jippreskrivi, ħlief wara li avviż dwar l-intenzjoni li jkollha l-entità li tagħmel dak il-kuntratt ikun ġie pubblikat u jkunu nħarġu sejħiet għal offerti kompetittivi.

---

*Emendata: XIII. 2006.19.*

## TAQSIMA XI

### Disposizzjonijiet Oħra

Reġistratur ta' l-Eżamijiet.
*Emendat: XVIII. 1997.8; XIII. 2006.19.*

**125.** Il-Ministru għandu jaħtar Reġistratur ta' l-Eżamijiet li jkun responsabbli:

(*a*) għat-tmexxija ta' l-eżamijiet fl-iskejjel kollha u fl-istituzzjonijiet kollha ta' tagħlim ta' l-Istat minn barra fl-Università;

(*b*) għat-tmexxija ta' l-eżamijiet għad-dħul fis-servizz ta' l-Istat, ta' korporazzjonijiet pubbliċi u ta' soċjetajiet kummerċjali li fihom l-Istat għandu kontroll effettiv.

Għall-finijiet tal-paragrafu (*b*), l-Istat jitqies li għandu kontroll effettiv ta' soċjetà kummerċjali meta f'dik is-soċjetà iżjed minn ħamsin fil-mija tal-kapital jew tal-voti jkunu direttament jew indirettament jappartjenu lil, jew, kontrollati mill-Istat.

**126.** (1) Fi skejjel ta' l-Istat u fl-Università, it-tagħlim kollu għandu jingħata liċ-ċittadini Maltin mingħajr ħlas. Sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju sħiħ tad-dritt tal-ġenituri għall-għażla ta' skola, l-Istat għandu, bi ftehim dwar sussidju ta' skejjel li ma humiex skejjel ta' l-Istat u li ma jkunux twaqqfu bl-iskop li jagħmlu profitt, jipprovdi gradwalment skond il-fondi pubbliċi disponibbli għall-istess gratuwità ta' tagħlim f'dawk l-iskejjel kif provdut lill-istudenti fi skejjel ta' l-Istat.

Gratuwità tat-tagħlim u sussidju f'ċerti każi.
*Emendat: XIII. 2006.19.*

(2) Il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi l-ħlasijiet li għandhom isiru għall-eżamijiet u għal korsijiet speċjali barra l-ħinijiet normali u l-ħlasijiet li għandhom jitħallsu minn studenti li ma humiex ċittadini Maltin; iżda l-Ministru jista' jeżenta lil kull persuna milli jagħmel dak il-ħlas.

(3) Il-Ministru jista' jistabbilixxi r-rati ta' stipendji li għandhom jitħallsu lill-istudenti li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom wara li jtemmu l-edukazzjoni sekondarja u jista' jimponi kundizzjonijiet għall-ħlas ta' dawk l-istipendji.

(4) Il-Ministru jista' b'regolamenti jordna li ma jintalbux ħlasijiet għat-tagħlim ta' ċittadini Maltin fi skejjel li ma humiex skejjel ta' l-Istat u li ma jkunux twaqqfu bl-iskop li jagħmlu profitt iżda, f'dan il-każ, il-Ministru għandu qabel xejn jiżgura li l-iskejjel li għalihom tapplika l-ordni jkunu f'qagħda li jissoktaw jagħtu s-servizz tagħhom u, meta minn stħarriġ flimkien ma' l-iskejjel milquta jirriżulta li jkun hekk meħtieġ, għandu jissupplimenta l-mezzi finanzjarji ta' dawn l-iskejjel minn fondi pubbliċi.

(5) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), il-Ministru jista' b'regolamenti jistabbilixxi l-ogħla ħlasijiet li jistgħu jintalbu għat-tagħlim ta' ċittadini Maltin fi skejjel li ma jkunux skejjel ta' l-Istat u l-ogħla ħlasijiet hekk stabbiliti jistgħu jkunu differenti għal skejjel differenti jew għal livelli jew oqsma differenti ta' skejjel li ma jkunux skejjel ta' l-Istat; iżda meta jagħmel regolamenti bħal dawn il-Ministru għandu jiżgura, fuq il-bażi ta' eżami oġġettiv ta' l-iskejjel li għalihom japplikaw ir-regolamenti, li dawn ikunu f'qagħda li jissoktaw jagħtu s-servizzi tagħhom u għal dan l-iskop il-Ministru, jekk ikun hekk meħtieġ, għandu jissupplimenta l-mezzi finanzjarji ta' dawk l-iskejjel minn fondi pubbliċi.

**127.** (1) Għandu jkun hemm Tribunal, li jkun magħruf bħala t-Tribunal Skolastiku, sabiex jisma' u jiddeċiedi appelli li jsiru quddiemu skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 8(9) u ta' l-artikolu 13(4).

Tribunal Skolastiku.
*Emendat: VI. 2001.19; XIII. 2006.19.*

(2) It-Tribunal Skolastiku jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(*a*) president, li jkun imħallef irtirat jew maġistrat irtirat jew persuna li tkun eżerċitat bħala avukat f'Malta għal perjodu jew perjodi, li b'kollox jammontaw, għal mhux inqas minn seba' snin maħtur mill-President ta' Malta li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru;

(*b*) membru li jirrappreżenta l-Università u l-iskejjel kollha ta' l-Istat u li jiġi elett mir-Rettur ta' l-Università flimkien mal-kapijiet ta' dawk l-iskejjel ta'

l-Istat u minn fosthom;

(*ċ*) membru li jirrappreżenta l-iskejjel kollha liċenzjati taħt dan l-Att u li jiġi elett mill-kapijiet kollha ta' dawn l-iskejjel u minn fosthom;

(*d*) membru maħtur mit-*trade union* li tirrappreżenta lill-maġġoranza ta' l-għalliema.

(3) Il-president u l-membri l-oħra tat-Tribunal Skolastiku jiġu maħtura jew eletti, skond il-każ, għal żmien ħames snin.

(4) Sabiex jiddeċiedi appelli taħt l-artikolu 8(9), it-Tribunal Skolastiku jkun magħmul mill-president u l-membri msemmija fis-subartikolu (2) (*b*) u (*ċ*).

(5) Sabiex jiddeċiedi appelli taħt l-artikolu 13(4), it-Tribunal Skolastiku jkun magħmul mill-president u l-membri msemmija fis-subartikolu (2)(*b*) u (*d*).

(6) Il-proċedimenti quddiem it-Tribunal Skolastiku għandhom ikunu skond il-prinċipji tal-ġustizzja naturali iżda salv dak li ntqal għandhom ikunu kif it-Tribunal Skolastiku jqis xieraq.

(7) Kull membru tat-Tribunal Skolastiku jista' jiġi rikużat jew għandu jastjeni fl-istess ċirkostanzi bħal imħallef tal-qrati superjuri u f'kull każ bħal dan -

(*a*) jekk il-membru rikużat jew li jastjeni jkun il-president tat-Tribunal Skolastiku, il-President ta' Malta li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru għandu jaħtar imħallef jew maġistrat ieħor biex ikun president tat-Tribunal Skolastiku flok dak il-membru għall-każ jew każijiet partikolari li għar-rigward tagħhom il-membru ikun ġie rikużat jew ikun astjena;

(*b*) jekk il-membru rikużat jew li jastjeni ma jkunx il-president tat-Tribunal Skolastiku -

(i) il-partijiet fl-appell jistgħu jaqblu dwar persuna biex tidħol flok dak il-membru fuq it-Tribunal Skolastiku u f'dan il-każ il-persuna li dwarha jkun sar qbil għandha tidħol bħala membru tat-Tribunal Skolastiku minflok dak il-membru rikużat jew li astjena għall-każ jew każijiet partikolari li għar-rigward tagħhom il-membru jkun ġie rikużat jew ikun astjena; jew

(ii) fin-nuqqas ta' qbil kif provdut fis-sub-paragrafu (i) ta' dan il-paragrafu, il-President ta' Malta li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru għandu jaħtar persuna oħra biex tkun membru tat-Tribunal Skolastiku flok dak il-membru li jkun ġie rikużat jew ikun astjena u għall-każ jew każijiet partikolari li għar-rigward tagħhom il-membru jkun ġie rikużat jew ikun astjena.

(8) Kull meta tkun meħtieġa li ssir elezzjoni tal-membri tat-Tribunal Skolastiku, jew ta' wieħed jew aktar minn dawk il-membri, il-Prim Ministru għandu jaħtar persuna bħala uffiċjal elettorali li jkollu l-funzjoni li jżomm, imexxi u jissorvelja dik l-

elezzjoni li, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu, għandha ssir f'dak il-ħin jew f'dawk il-ħinijiet u għandha titmexxa b'dak il-mod li dik il-persuna jidhrilha xieraq:

Iżda l-Prim Ministru jista' jagħmel regolamenti biex isiru dawk l-elezzjonijiet u dwar it-tmexxija u s-sorveljanza tagħhom.

Impieg ta' minuri. *Emendat: II. 2005.20; XIII. 2006.19.*

**128.** (1) Ebda persuna, mingħajr il-permess bil-miktub tal-Ministru, ma tista' timpjega minuri ta' l-età obbligatorja għall-iskola jew li xort'oħra jkun obbligat jattendi l-iskola.

(2) Il-Ministru jista' jagħti l-permess tiegħu taħt is-subartikolu (1) meta, wara li jkun għamel l-investigazzjonijiet neċessarji, jkun tal-fehma li hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex il-ġenituri tal-minuri jiġu eżentati mid-dmir tagħhom li jiżguraw li l-minuri jattendi regolarment l-iskola u meta l-Ministru jkun tal-fehma wkoll li l-impieg tal-minuri ma jkunx ta' ħsara għas-saħħa u l-iżvilupp normali tal-minuri.

(3) Meta jkun qiegħed jagħti l-permess tiegħu skond ma hemm fis-subartikolu (2), il-Ministru jista' jimponi dawk il-kondizzjonijiet li jkunu jeħtieġu lill-minuri li jattendi għal dawk il-programmi alternattivi edukattivi jew ta' taħriġ skond ma jistgħu jiġu stabbiliti, u kull permess bħal dak għandu jiġi kkunsidrat bħala li jkun ġie immedjatament irtirat jekk ma tiġix osservata xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti f'permess bħal dak.

(4) Il-Ministru jista' japprova kuntratti ta' l-apprendistat u skemi ta' taħriġ li, meta jiġu hekk approvati, ma jitqiesux impieg għall-għanijiet ta' dan l-artikolu.

Reati u pieni. *Emendat: XIII. 2006.19.*

**129.** (1) Kull ġenitur ta' minuri li -

(*a*) jonqos milli jirreġistra lil dak il-minuri fi skola Statali jew liċenzjata taħt dan l-Att għall-ewwel sena skolastika li tibda meta dak il-minuri jkun ta' l-età obbligatorja għall-iskola jew jonqos milli jieħu ħsieb li dak il-minuri jkun hekk reġistrat f'kull żmien għal kull sena skolastika matul il-perijodu kollu li l-minuri jkun ta' l-età obbligatorja għall-iskola jew jonqos milli jieħu ħsieb li dak il-minuri jkompli jkun hekk reġistrat sa tmiem is-sena skolastika li matulha l-minuri ma jibqax ta' l-età obbligatorja għall-iskola jew sa tmiem dak il-perijodu itwal li jista' jiġi preskritt mill-Ministru b'regolamenti; jew

(*b*) jonqos milli jieħu ħsieb, mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti, li dak il-minuri jattendi regolarment l-iskola għal kull jum skolastiku matul dak iż-żmien li l-minuri jkun ta' l-età obbligatorja għall-iskola u sa tmiem is-sena skolastika li matulha l-minuri ma jibqax ta' l-età obbligatorja għall-iskola u sa tmiem dak il-perijodu itwal li jista' jiġi preskritt mill-Ministru b'regolamenti;

ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, il-pieni tal-kontravvenzjonijiet flimkien ma' ammenda ta' mhux iżjed minn

lira għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat fil-każ ta' reat kontinwu:

Iżda ebda proċedimenti kriminali għal reat taħt il-paragrafu (*b*) ma għandhom jittieħdu ħlief jekk il-ġenitur, fi żmien tlett ijiem mid-data li jirċievi avviż mingħand id-Direttur ta' l-Edukazzjoni li fih jitolbu jispjega r-raġuni għala il-minuri m'attendiex l-iskola, jonqos milli jagħti spjegazzjoni tajba u suffiċjenti.

(2) Kull persuna li tiftaħ jew iżżomm skola mingħajr liċenza tal-Ministru tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-pieni tal-kontravvenzjonijiet flimkien ma' ammenda ta' mhux iżjed minn ħamsin lira għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat fil-każ ta' reat kontinwu.

(3) Kull persuna li, bi ħlas, teżerċita l-professjoni ta' għalliem fi skola mingħajr *warrant* mill-Ministru tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-pieni tal-kontravvenzjonijiet flimkien ma' ammenda ta' mhux iżjed minn għaxar liri għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat fil-każ ta' reat kontinwu.

(4) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 43 tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-pieni tal-kontravvenzjonijiet flimkien ma' ammenda ta' għaxar liri għal kull ġurnata li matulha jkompli l-impieg tal-minuri.

(5) Kull persuna li għandha liċenza biex tiftaħ u żżomm skola u li tonqos milli tiżgura li dik l-iskola tkun f'kull żmien konformi mal-kundizzjonijiet minimi nazzjonali kollha u li jkunu jgħoddu għal dik l-iskola minn żmien għal żmien, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-pieni tal-kontravvenzjonijiet flimkien ma' ammenda ta' mhux iżjed minn għaxar liri għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat fil-każ ta' reat kontinwu.

(6) Fil-każ tat-tieni kundanna jew oħrajn warajha għal reat bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu magħmul minn persuna li għandha liċenza taħt dan l-Att, il-qorti tista' fid-diskrezzjoni tagħha iżda fuq talba tal-Ministru, tħassar dik il-liċenza jew tordna li l-liċenza tiġi sospiża għal dak iż-żmien li jidhrilha xieraq:

Iżda, minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra, is-sospensjoni jew tħassir ta' *warrant* mogħti taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att tista' ssir biss b'ordni tal-Ministru skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Persuni meqjusa uffiċjali pubbliċi. *Miżjud: XIII. 2006.23.* Kap. 9.

**130.*** Għall-iskopijiet tal-Kodiċi Kriminali u ta' kull disposizzjoni ta' xorta penali, il-membri ta' xi Bord, Direttorat, Kulleġġ, Kumitat, Kummissjoni, Kunsill u kull uffiċjal jew impjegat ta' xi entità, għandhom ikunu meqjusa u jiġu trattati bħala uffiċjali pubbliċi.

Twaqqif ta' entitajiet oħra. *Miżjud: XIII. 2006.23.*

**131.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, il-Prim Ministru jista' b'Ordni fil-Gazzetta jwaqqaf entijiet oħra, inkluż dawk l-aġenziji, direttorati, dipartimenti, jew istituzzjonijiet oħra edukattivi skond kif jidhirlu meħtieġ għall-aħjar kwalità u provvista ta' servizzi ta' edukazzjoni u taħriġ fil-

*Għadu mhux fis-seħħ.

pajjiż u il-Prim Ministru jista' wkoll b'Ordni fil-Gazzetta jikkostitwixxi xi entità mwaqqfa bis-saħħa ta' dan l-Att f'korp magħqud bil-personalità ġuridika u distinta tiegħu, u l-Prim Ministru għandu f'każ bħal dan, permezz ta' regolamenti, jipprovdi għal kull materija li tkun meħtieġa għat-tmexxija effettiva ta' l-entità msemmija fl-Ordni relattiva.

Istituzzjoni għal studji turistiċi. *Miżjud: XIII. 2006.23.*

**132.*** (1) Il-Ministru għandu jara li jkun hemm istituzzjoni li tipprovdi korsijiet u programmi ta' edukazzjoni, taħriġ u esperjenza prattika ta' xogħol, fil-livell ta' edukazzjoni vokazzjonali avvanzata u ogħla, li jwasslu għal kwalifiki rikonoxxuti fis-snajja, mestieri, u professjonijiet kif jista' jkun meħtieġ fl-industrija u s-servizzi tat-turiżmu, ristoranti u *catering* f'qafas kurrikulari ta' tagħlim tul il-ħajja u ta' żvilupp sħiħ tal-persuna.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' xi liġi oħra, il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jirregola u jipprovdi għal kull materja li għandha x'taqsam ma' l-organi tat-tmexxija, l-amministrazzjoni u kontroll; mal-*policies* edukattivi, ta' taħriġ; mal-funzjonijiet, ma' ħatriet u kondizzjonijiet ta' xogħol ta' għalliema, uffiċjali u impjegati mal-finanzjament ta' l-istituzzjoni, ma' verifika interna u esterna ta' kwalità; u ma' kull ħaġa oħra li tista' tkun meħtieġa għall-aħjar andament u riżultati ta' l-istituzzjoni msemmija fis-subartikolu (1).

Penalitajiet fil-każ tat-tieni kundanna jew oħrajn ta' wara. *Emendat: XIII. 2006.19.*

**133.** (1) Fil-każ tat-tieni kundanna jew oħrajn warajha għal reat magħmul minn xi ġenitur bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 44(1), is-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili tista', fuq rikors tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni, tneħħi lil dak il-ġenitur l-awtorità tiegħu, sew "*de jure*" jew "*de facto*" fuq il-minuri u tista' taħtar tutur għal dak il-minuri.

(2) Fil-każ tat-tieni kundanna jew oħrajn warajha għal reat magħmul minn xi persuna oħra bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 44(2), il-qorti tista' tagħti s-setgħa lill-Ministru, fuq talba tiegħu, li jieħu pussess tal-bini miftuħ jew miżmum bħala skola mingħajr liċenza u dan għal dak iż-żmien li l-qorti jidhrilha meħtieġ sabiex iżżomm lil dik il-persuna milli tagħmel reat ieħor bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu.

Relazzjonijiet mal-Ministru. *Imħassar: XVIII. 1997.9. Emendat: XIII. 2006.19. Sostitwit: XIII. 2006.24.*

**134.** (1) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jagħti lil entità jew lil xi uffiċjal jew impjegat tagħha dawk id-direttivi u ordnijiet, li ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, kif il-Ministru jidhirlu opportun dwar il-politika li għandha tiġi segwita minnhom u dwar l-operat u t-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, u dwar kull ħaġa oħra li l-Ministru jkun jidhirlu li għandha x'taqsam ma' l-edukazzjoni, u l-entità, uffiċjal jew impjegat konċernat għandhom, kemm jista' jkun bla dewmien, iħarsu u jagixxu fuq dawn id-direttivi u ordnijiet u għandhom imexxu l-operat tagħhom skond dan.

(2) Kull entità għandha tagħti lill-Ministru l-faċilitajiet meħtieġa biex ikun jista' jikseb kull informazzjoni li għandha x'taqsam mal-ħwejjeġ u l-attivitajiet ta' xi entità jew uffiċjal jew

*Għadu mhux fis-seħħ.

impjegat tagħha, u għal dan il-għan għandha tforni lill-Ministru bi prospetti, kontijiet u kull informazzjoni oħra li għandha x'taqsam ma' dan, jew mal-funzjonijiet tagħhom, u tagħtih il-faċilitajiet kollha meħtieġa għall-verifika ta' kull informazzjoni mogħtija, f'dak il-mod u f'dawk iżżminijiet li l-Ministru jista' raġonevolment jeħtieġ.

Setgħa biex isiru regolamenti.
*Emendat: XIII. 2006.19.*
*Sostitwit: XIII. 2006.25.*

**135.** Il-Ministru jista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jagħmel regolamenti biex jagħti seħħ lil kull disposizzjoni ta' dan l-Att, jew biex jirregola jew xort'oħra jipprovdi dwar kull ħaġa għar-rigward tal-funzjonijiet u l-attivitajiet li jaffettwaw l-edukazzjoni skond dan l-Att, u jista' b'mod partikolari, imma mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, jagħmel regolamenti għal kull għan minn dawn li ġejjin:

(*a*) biex, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew ta' kull liġi oħra li tista' tkun tapplika, jipprovdi, skond kif meħtieġ, għal kull materja, inklużi reklami, proċess ta' applikazzjonijiet, bordijiet ta' għażla, intervisti, eżamijiet, assessjar u evalwazzjoni ta' kandidati, pubblikazzjoni ta' riżultati, konnessa mal-proċess ta' ħatra jew promozzjoni ta', jew assenjazzjoni ta' posizzjoni lil, xi uffiċjal u impjegat ta' xi entità, u biex jinkiseb dak it-tagħrif meħtieġ għar-*records* tal-persunal ta' l-entitajiet;

(*b*) biex jipprovdi għall-ħatra, kondizzjonijiet ta' l-impjieg, dmirijiet u setgħat ta' għalliema, uffiċjali u impjegati ta' l-entitajiet, kif ukoll ta' uffiċjali u impjegati ta' Dipartiment jew agenzija oħra li jista' jkollhom funzjonijiet b'kull liġi oħra li tirrigwarda s-saħħa u l-kura tat-tfal u l-istudenti, inklużi disposizzjonijiet biex jagħtu setgħa lil kull wieħed mill-imsemmija uffiċjali biex iżuru lit-tfal fi djarhom u biex jeżaminawhom jew jagħmlu stħarriġ ieħor:

Iżda f'regolamenti li jirrigwardaw uffiċjali u impjegati ta' Dipartiment jew aġenzija li taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' xi Ministru ieħor, il-Ministru għandu jagħmel dawk ir-regolamenti bl-approvazzjoni ta' dak il-Ministru l-ieħor;

(*ċ*) biex jipprovdi aħjar għad-dmirijiet u funzjonijiet ta' kapijiet, uffiċjali u impjegati u għall-assenjazzjoni ta' dmirijiet f'xi post jew f'xi entità skond il-grad jew il-pożizzjoni tagħhom u għat-trasferiment minn post għall-ieħor f'xi entità;

(*d*) biex jesiġi mill-ġenituri li jagħtu lill-Ministru, lid-Diretturi Ġenerali, u lil kull Direttur, Prinċipal, Kap ta' skola, uffiċjal jew impjegat ta' xi entità, kif ikunu debitament awtorizzati mill-Ministru jew mid-Diretturi Ġenerali jew minn Prinċipal dak it-tagħrif dwar it-tfal tagħhom li jkun meħtieġ għall-qadi kif imiss tal-funzjonijiet u d-dmirijiet ta' kull entità u l-uffiċjali tagħha, inkluż dak it-tagħrif li jista' jiġi speċifikat fir-regolamenti;

(*e*) biex jistabbilixxi, jikkomunika u jesiġi t-twettiq ta' qafas ta' kurrikulum nazzjonali ta' studji mingħajr ħsara għan-natura reliġjuża speċifika ta' xi skola;

(*f*) biex jistabbilixxi l-kwalifiki tal-professjonisti, uffiċjali u impjegati oħra ta' l-entitajiet u skejjel, il-kurrikula, it-*terms*, il-ġranet u l-ħinijiet ta' l-iskola, l-uniformi ta' l-istudenti, jum il-ġenituri, il-kondizzjonijiet minimi nazzjonali ta' skola, u kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam ma' jew li hi inċidentali għat-twettiq tal-funzjonijiet jew għat-tħaddim u l-amministrazzjoni ta' entitajiet u skejjel ta' l-Istat u għad-dixxiplina li għandha tinżamm ġo fihom;

(*g*) biex jippreskrivi dak it-tagħrif, rapporti u reżokonti li għandhom jintbagħtu lill-Ministru jew lid-Diretturi Ġenerali mill-Prinċipali, mill-Kapijiet ta' skejjel, u minn dawk l-uffiċjali u persuni l-oħra li għandhom x'jaqsmu ma' l-edukazzjoni skond ma l-Ministru jidhirlu meħtieġ li jitlob, u b'dak il-mod, f'dik il-forma, f'dak iz-żmien, u fuq dawk is-suġġetti li hu jista' jispeċifika fir-regolamenti;

(*h*) biex jistabilixxi kull dritt u ħlas li jistgħu ikollhom jinġabru minn jew taħt dan l-Att, jew għas-servizzi mogħtijin konformi mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*i*) biex jagħti direzzjoni għall-aħjar prattika ta' xi professjoni li għandha x'taqsam ma' l-edukazzjoni inkluż dwar taħriġ inizjali u żvilupp professjonali kontinwu ta' uffiċjali u impjegati ta' entitajiet, u biex jistabbilixxi marki-bażi u *standards* u jiżgura l-kwalità, inkluż biex ikun hemm proċessi interni ta' assigurazzjoni u verifika esterna ta' kwalità, inkluż fi istituzzjonijiet, skejjel u entitajiet edukattivi;

(*j*) biex jipprovdi dwar kull formola jew proċedura li jistgħu jkunu meħtieġa jew spedjenti u li dwarhom ma jkun hemm ebda proċedura speċifika f'dan l-Att;

(*k*) biex jiġu stabbiliti regoli li bihom il-Gvern jista' jirratifika u jagħti seħħ lil kull konvenzjoni internazzjonali li tirrigwarda l-edukazzjoni u li tkun digà ratifikata mill-Gvern ta' Malta; jew biex ikun hemm konformità ma' kull obbligu internazzjonali tal-Gvern ta' Malta jew mad-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea dwar xi materja jew qasam li għandu x'jaqsam ma' l-edukazzjoni u t-taħriġ;

(*l*) biex jistabbilixxi, meta ma jkunx xort'oħra provdut f'dan l-Att, jew f'xi Att ieħor, statut u regoli li jirregolaw il-missjoni, skop, funzjonijiet, setgħat u dmirijiet, il-kontabilità finanzjarja jew xort'oħra, u kull proċedura oħra li għandhom ilkoll jiġu segwiti, mwettqa u osservati minn xi entità, kumitat jew kunsill imwaqqfin b'dan l-Att jew taħtu;

(*m*) biex, bla ħsara wkoll għad-disposizzjonijiet ta' kull

liġi oħra, jagħti lil persuna li tħoss ruħha aggravata minn xi deċiżjoni ta' xi entità, aġenzija, Kunsill, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija, l-Università, jew xi korp jew organizzazzjoni mwaqqfa taħt dan l-Att, mezz u proċeduri biex jew twassal l-ilmenti u l-aggravju tagħha dwar, jew tikkontesta jew tappella minn, dik id-deċiżjoni u biex tottjeni sodisfazzjon jekk tingħata raġun;

(*n*) biex jirregola laqgħat ta' xi entità, bord, jew kumitat, inklużi proċeduri dwar kworum, teħid ta' deċiżjonjiet b'votazzjoni, żamma ta' minuti u kull ħaġa oħra ančillari għal dan;

(*o*) biex jipprovdi għal kull ħaġa inċidentali jew supplimentari, inkluża s-setgħa ta' dħul u spezzjoni ta' kull fond jew post fejn isir jew jista' jsir it-tagħlim skond dan l-Att, kif il-Ministru jidhirlu spedjenti sabiex tiġi infurzata jew tagħti aktar effett lil kull disposizzjoni ta' dan l-Att u regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu;

(*p*) biex jistabbilixxi kull ħaġa li għandha jew li tista' tiġi stabbilita taħt dan l-Att u biex jipprovdi dwar kull ħaġa oħra kif jidhirlu xieraq;

(*q*) biex jisitabbilixxi l-pieni għal kull kontravvenzjoni jew ksur ta' kull disposizzjoni ta' kull regolament magħmul taħt dan l-Att, jew għal nuqqas ta' tħaris ta' xi disposizzjoni bħal dik jew ta' xi ħtieġa magħmula taħtha:

Iżda regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jiddisponu b'mod differenti għal skopijiet jew ċirkostanzi differenti, għal klassijiet jew xorta differenti ta' skejjel, u għal klassijiet differenti ta' tfal;

Kap. 451.

(*r*) biex iġib fis-seħħ id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki u r-regolamenti kollha magħmulin taħtu, dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki ta' għalliem;

(*s*) biex jirregola aħjar l-operat u l-provvisti ta' servizzi fil-Kulleġġi u fl-iskejjel, inkluż dak kollu li għandu x'jaqsam ma' persunal, tagħmir, bini, tmexxija, l-użu ta' skejjel wara l-ħin normali ta' l-iskola, sħubija bejn Kulleġġi u skejjel Statali u mhux Statali u skambji internazzjonali, u parteċipazzjoni fil-programmi UE;

(*t*) biex jipprovdi għal proċessi ta' akkreditament, approvazzjoni, awtorizzazzjoni, evalwazzjoni u rikonoxximent, kif ukoll l-assigurazzjoni u verifika ta' kwalità ta' programmi jew ta' istituzzjoni edukattivi, u għall-aċċess u ġbir ta' informazzjoni, statistika u *data* mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla u mis-Segretarjat ta' l-istess Kummissjoni li huma mwaqqfin bl-artikoli 64 u 70 rispettivament.

**136.** (1) L-Università għandha tissuċċedi għall-proprjetà, drittijiet u obbligi ta' l-Università li kienet teżisti minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' l-artikolu 28 kif ukoll għall-proprjetà, drittijiet u obbligi ta' l-istituzzjonijiet li kienu magħrufa bl-isem ta' l-Università l-Qadima, l-Università l-Ġdida u l-Università Rjali ta' Malta. Disposizzjoni tranżitorja. *Emendat: XIII. 2006.19.*

(2) Dawk il-persuni kollha li qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att kienu impjegati ma' l-istituzzjoni magħrufa bl-isem ta' l-Università ta' Malta għandhom, mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, jitqiesu li kienu minn dejjem impjegati u għandhom jibqgħu hekk impjegati ma' l-Università:

Iżda għar-rigward ta' dawk il-persuni li, fid-data li fiha jiġi fis-seħħ dan l-artikolu, is-servizz tagħhom, għall-finijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u ta' l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, kien meqjus li hu servizz mal-Gvern, is-servizz ta' dawk il-persuni ma' l-Università ikompli, għall-finijiet ta' l-imsemmija Ordinanza u ta' l-imsemmi Att, jitqies li jkun servizz mal-Gvern skond it-tifsiriet tagħhom rispettivament. Kap. 93. Kap. 58.

(3) L-istatuti, ir-regolamenti u l-*bye-laws* imdaħħla fl-Iskeda II ta' dan l-Att jibdew iseħħu u jkollhom is-saħħa ta' liġi mal-bidu fis-seħħ ta' l-artikolu 28 u jibqgħu hekk iseħħu sakemm ma jiġux emendati jew imħassra mill-korpi ta' tmexxija kompetenti ta' l-Università skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(4) Il-persuna li kellha l-kariga ta' Rettur ta' l-istituzzjoni li kienet magħrufa bħala l-Università l-Qadima qabel ħareġ b'liġi l-Att XII ta' l-1980 li emenda l-Att dwar l-Edukazzjoni*, ikun ir-Rettur ta' l-Università mal-bidu fis-seħħ ta' l-artikolu 28. Kap. 247.

(5) Il-ħatriet kollha tal-kapijiet tad-dipartimenti u l-ħatriet u l-elezzjonijiet kollha tal-Kunsill, tas-Senat u tal-Bordijiet tal-Fakultajiet ta' l-Università għandhom isiru kemm jista' jkun malajr wara d-data tal-bidu fis-seħħ tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att u f'ebda każ iktar tard minn tliet xhur wara dik id-data; iżda, minkejja kull ħaġa li tinsab fid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 28 sa 39 (it-tnejn inklużi) ta' dan l-Att u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6), sakemm hekk isiru l-imsemmija ħatriet tal-kapijiet tad-dipartimenti u sakemm l-imsemmija Kunsill, Senat u Bordijiet jerġgħu jiġu hekk imwaqqfa jew, fil-każ li wieħed jew l-ieħor, sakemm igħaddi l-imsemmi żmien ta' tliet xhur, skond liema tkun l-ewwel data fil-każ il-wieħed jew l-ieħor, il-kapijiet tad-dipartimenti, il-Kunsill, Senat u Bordijiet tal-Fakultajiet ta' l-Università li kienet teżisti minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' l-artikolu 28, ikunu l-kapijiet tad-dipartimenti, il-Kunsill, Senat u Bordijiet tal-Fakultajiet ta' l-Università għall-finijiet ta' dan l-Att.

(6) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5), ir-Rettur imsemmi fis-subartikolu (4) ikun membru u viċi-president *ex officio* tal-Kunsill u membru u president *ex officio* tas-Senat u tal-Bordijiet tal-Fakultajiet mal-bidu fis-seħħ ta' l-artikolu 28.

---

*Revokat b'dan l-Att.

SKEDA I

(Artikolu 22)

| *Isem ta’ l-Iskola* | *Lokalità* |
|---|---|
| Agius de Soldanis | Victoria, Gozo |
| Kan Pawl Pullicino | Rabat |
| Carlo Diacono | Żejtun |
| Dun Ġużepp Zammit | Ħamrun |
| Dun Ġwann Mamo Trade School | Marsa |
| Fellenberg School of Electronics | Paola |
| Ġan Franġisk Abela | Msida |
| Ġorġ Grognet de Vassé Technical Institute | Naxxar |
| Ġużeppi Despott | Cospicua |
| Maria Assumpta | Ħamrun |
| Maria Goretti | Tarxien |
| Maria Reġina | Blata-l-Bajda |
| Mikielanġ Sapiano Technical Institute | Paola |
| Mikiel Anton Vassalli | Tal-Ħandaq |
| Ninu Cremona Complex | Victoria, Gozo |
| Salvatore Dimech School for Craftsmen | Mosta |
| Santa Tereża | Mrieħel |
| Sir Adrian Dingli | St. Andrews |
| Umberto Calosso Trade School | Sta. Venera |

SKEDA II

Statuti, Regolamenti u *Bye-Laws*
(Artikolu 48)

*Emendata:*
*A.L. 98 ta' l-1988;*
*A.L. 63 ta' l-1989;*
*A.L. 64 ta' l-1989;*
*A.L. 135 ta' l-1989;*
*A.L. 136 ta' l-1989;*
*A.L. 153 ta' l-1990;*
*A.L. 156 ta' l-1990;*
*A.L. 10 ta' l-1991;*
*A.L. 66 ta' l-1991;*
*A.L. 153 ta' l-1991;*
*A.L. 67 ta' l-1992;*
*A.L. 89 ta' l-1992;*
*A.L. 90 ta' l-1992;*
*A.L. 105 ta' l-1992;*
*A.L. 21 ta' l-1993;*
*A.L. 117 ta' l-1993;*
*A.L. 5 ta' l-1994;*
*A.L. 12 ta' l-1994;*
*A.L. 110 ta' l-1994;*
*A.L. 149 ta' l-1994;*
*A.L. 79 ta' l-1995;*
*A.L. 165 ta' l-1996;*
*A.L. 177 ta' l-1997;*
*A.L. 181 ta' l-1997;*
*A.L. 183 ta' l-1997;*
*A.L. 184 ta' l-1997;*
*A.L. 189 ta' l-1997;*
*A.L. 202 ta' l-1997;*
*A.L. 9 ta' l-1998;*
*A.L. 30 ta' l-1998;*
*A.L. 172 ta' l-1998;*
*A.L. 41 ta' l-1999;*
*A.L. 101 ta' l-1999;*
*A.L. 102 ta' l-1999;*
*A.L. 144 ta' l-2004;*
*A.L. 363 ta' l-2004;*
*A.L. 293 ta' l-2006.*

**A - STATUTI**

**Statut 1 - ĠENERALI**

**1.1 Lingwi Uffiċjali**

Il-Malti u l-Ingliż ikunu l-lingwi uffiċjali ta' l-Università. L-amministrazzjoni ta' l-Università tista' tuża kull wieħed miż-żewġ lingwi għal skopijiet uffiċjali.

**1.2 Suġġetti Obbligatorji għad-Dħul**

Il-Malti u l-Ingliż ikunu suġġetti obbligatorji għad-dħul għall-korsijiet ta' gradi u diplomi ta' l-Università.

Iżda s-Senat ikun jista' b'regolamenti jħalli li kandidati b'ċirkustanzi speċjali joffru suġġetti oħrajn minflokhom.

**1.3 Kwalifiki Meħtieġa għad-Dħul: Żmien ta' Notifikazzjoni**

L-Università tagħti notifikazzjoni fi żmien xieraq (normalment sentejn) qabel ma xi emendi fir-regolamenti li jistgħu jeffettwaw il-preparazzjoni ta' kandidat għad-dħul f'xi kors ta' studju (bħal rekwiżit ta' suġġett ġdid fir-rekwiżiti speċjali għall-kors)_jibdew iseħħu, u sentejn fil-każ ta' bidla fi grad.

**1.4 Ilbies Uffiċjali w Akkademiku**

L-ilbies xieraq għall-uffiċjali ewlenin ta' l-Università, għall-persunal akkademiku, għall-gradwati, għall-istudenti, u għall-membri l-oħra ta' l-Università jiġi stabbilit mir-regolamenti magħmulin mis-Senat.

### 1.5 Boroż ta' Studju u Premjijiet

1. Boroż ta' studju u premjijiet mogħtija mill-Università jiġu stabbiliti b'regolamenti magħmulin apposta.

2. L-għoti ta' boroż ta' studju u premjijiet ikunu wkoll stabbiliti b'regolamenti.

## Statut 2 - IL-FAKULTAJIET

L-Università jkollha għaxar Fakultajiet, li huma:

Il-Fakultà ta' l-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili

Il-Fakultà ta' l-Arti

Il-Fakultà tal-Kirurġija Dentali

Il-Fakultà ta' l-Ekonomija, il-*Management* u l-*Accountancy*

Il-Fakultà ta' l-Edukazzjoni

Il-Fakultà ta' l-Inġinerija Mekkanika u Elettrika

Il-Fakultà tax-Xjenza

Il-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

Il-Fakultà tal-Liġi

Il-Fakultà tat-Teoloġija

## Statut 3 - KORSIJIET TA' STUDJI, GRADI U DISTINZJONIJIET

### 3.1 Korsijiet ta' Studju, Gradi u Distinzjonijiet

1. L-Università għandha l-poter li tagħti gradi, diplomi u ċertifikati lil kandidati li jissodisfaw il-kondizzjonijiet preskritti wara li segwew il-korsijiet ta' studji meħtieġa, u dan skond ir-regolamenti u l-ordinamenti magħmula mis-Senat.

2. Il-korsijiet ta' studji għandhom jibdew skond kif jiddeċiedi l-Kunsill.

### 3.2 Disposizzjonijiet dwar l-Għoti ta' Grad flimkien ma' Università oħra

1. Fejn l-Università, bl-approvazzjoni tas-Senat, tagħmel ftehim ma' universitajiet oħra biex flimkien jagħtu grad, mela r-rekwiżit meħtieġ biex wieħed jikkwalifika għall-grad jista' jinkiseb jew parzjalment fl-Università u parzjalment fl-universitajiet oħra, jew kompletament f'waħda mill-universitajiet fil-ftehim, skond kif provdut fi ftehim bħal dan.

2. Il-grad jista' jingħata flimkien mill-universitajiet kollha f'ċertifikat wieħed u għandu jingħata f'waħda mill-universitajiet parteċipanti kif miftiehem bejniethom.

3. Il-programm ta' studju, inkluż il-katalgu ta' taqsimiet studju, għall-grad li ser jingħata flimkien għandu jkun approvat mill-Università u kif meħtieġ mill-universitajiet parteċipanti l-oħra.

4. Il-Bordijiet ta' l-Eżaminaturi u l-Bordijiet għall-Klassifikazzjoni tal-Grad għandhom jitwaqqfu skond id-deċiżjonijiet meħuda mill-entitajiet kompetenti ta' l-universitajiet parteċipanti u kif stipulat fil-ftehim bejniethom.

5. L-istudenti jistgħu jirreġistraw għall-grad mogħti minn aktar minn università waħda jekk ikunu aċċettati mill-universitajiet parteċipanti skond ir-regolamenti għad-dħul ta' kull waħda mill-universitajiet u skond id-disposizzjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni fil-programm ta' studju għall-grad mogħti minn aktar minn università waħda speċifikat fil-ftehim bejn l-universitajiet.

6. Il-ftehim għall-għoti tal-grad bejn l-Università u l-universitajiet l-oħra flimkien jista' jipprovdi li ċ-ċertifikat jinkludi t-titlu ekwivalenti kif normalment mogħti mill-universitajiet l-oħra barra mit-titlu tal-grad ta' l-Università.

**3.3 L-Għoti tal-Gradi u d-Diplomi**

1. Il-gradi u d-diplomi jingħataw waqt ċerimonja pubblika jew, bil-kunsens tas-Senat, privatament jew *in absentia*.

2. Kandidat ikun eliġibbli għall-għoti ta' grad jew diploma biss wara li r-Rettur ikun iċċertifika li hu ssodisfa l-kondizzjonijiet kollha preskritti mill-istatuti, regolamenti u ordinamenti rilevanti għal dak il-grad jew diploma u sakemm il-kandidat ikun issodisfa l-obbligi u r-responsabbiltajiet l-ohra kollha lejn l-Università.

3. L-ebda persuna ma tista' tkun deskritta li għandha grad jew diploma ta' l-Università ħlief jekk dan il-grad jew diploma jkunu ġew mogħtija kif preskritt fil-paragrafu 1 ta' din is-sezzjoni.

**3.4 Il-Gradi *Honoris Causa***

1. L-Università għandha wkoll il-poter li tagħti l-gradi *honoris causa* li ġejjin:

Doctor of Laws - LL.D.

Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

Doctor of Literature - D.Litt.

Doctor of Engineering - D.Eng.

Doctor of Science - D.Sc.

Doctor of Education - D.Ed.

Master of Philosophy - M.Phil.

2. Fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Senat, il-Kunsill jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jordna li jingħata grad *honoris causa* lil xi persuna li hu jidhirlu jixirqilha din id-distinzjoni.

**Statut 6 - L-UFFIĊJALI EWLENIN U UFFIĊJALI OĦRA TA' L-UNIVERSITÀ**

6.1 **L-Uffiċjali Ewlenin**

1. L-uffiċjali ewlenin ta' l-Università huma:

il-Kanċillier

il-Pro-Kanċillier

ir-Rettur

il-Pro-Rettur

is-Segretarju

id-Dekani tal-Fakultajiet

2. **Il-Kanċillier**

(skond l-artikolu 30, subartikoli (3) - (5) ta' dan l-Att)

3. **Il-Pro-Kanċillier**

(skond l-artikolu 30, subartikoli (6) - (9))

4. **Ir-Rettur**

(skond l-artikolu 30, subartikoli (10) - (11) u l-artikolu 38)

5. **Il-Pro-Rettur**

(skond l-artikolu 30, subartikolu (12))

6. **Is-Segretarju**

(skond l-artikolu 30, subartikolu (13))

Is-Segretarju għandu -

(*a*) iżomm is-siġill ta' l-Università;

(*b*) jiffirma wkoll id-dokumenti kollha li fuqhom jiġi mqiegħed is-siġill ta' l-Università;

(*ċ*) jagħmilha ta' segretarju tal-Kunsill;

(*d*) igħin lir-Rettur fil-qadi ta' dmirijietu u jsegwixxi l-istruzzjonijiet tiegħu;

(*e*) jamministra u jmexxi, taħt id-direzzjoni tar-Rettur, l-operat minn jum għal ieħor ta' l-Università, il-persunal u l-proprjetajiet mobbli, immobbli u oħrajn tagħha;

(*f*) jattendi l-laqgħat tas-Senat, tal-Bordijiet tal-Fakultà u Kumitati oħrajn ta' korpi li jmexxu l-Università, u ta' l-istituti u entitajiet oħra mwaqqfa minnha;

(*g*) iwettaq, taħt id-direzzjoni tar-Rettur, deċiżjonijiet meħudin mill-Kunsill, mis-Senat u mill-Bordijiet tal-Fakultà u, fejn dan japplika, minn istituti u entitajiet oħra mwaqqfa mill-Università;

(*h*) jaqdi dmirijiet oħra skond kif jista' jkun mitlub minħabba il-ħtiġijiet ta' l-Università.

7. **Id-Dekan ta' Fakultà**

(skond l-artikolu 30, subartikolu (14))

**6.2 L-Uffiċjali l-Oħra ta' l-Università**

1. Ikun hemm Reġistratur, Uffiċjal tal-Finanzi, Bibljotekarju u uffiċjali oħra skond kif jiddetermina l-Kunsill minn żmien għal ieħor. Dawn l-uffiċjali jkunu responsabbli quddiem ir-Rettur għat-tmexxija tad-dmirijiet rispettivi tagħhom ta' kuljum.

2. **Ir-Reġistratur**

Ir-Reġistratur:

(*a*) igħin lir-Rettur fl-amministrazzjoni akkademika ta' kuljum ta' l-Università, u jkun responsabbli għas-seħħ ta' l-istruzzjonijiet tiegħu, u jirrapporta permezz tas-Segretarju;

(*b*) jiffirma d-dokumenti li jiċċertifikaw l-*awards* akkademiċi mogħtija mill-Università u jżomm *record* sħiħ tagħhom;

(*ċ*) jagħmilha ta' segretarju għas-Senat u, direttament jew permezz ta' delegat, għall-Bordijiet tal-Fakultajiet;

(*d*) ikun responsabbli għar-*records* ta' l-eżamijiet kollha magħmula mill-Università u għall-ħarsien xieraq ta' dawn ir-*records*, u li jżomm kopji aġġornati ta' l-istatuti, ir-regolamenti u l-*bye-laws*;

(*e*) iżomm l-elenki tal-membri tal-Kunsill, tas-Senat, tal-Bordijiet tal-Fakultajiet, ta' l-għalliema, ta' l-eżaminaturi, u ta' l-istudenti;

(*f*) iżomm *records* ta' l-attivitajiet akkademiċi ta' kull student;

(*g*) ikun responsabbli, wara konsultazzjoni mad-Dekani tal-Fakultajiet, għall-arranġamenti xierqa ta' l-orarji tat-tagħlim;

(*h*) jaqdi dmirijiet oħra skond kif jista' jkun mitlub minħabba l-ħtiġijiet ta' l-Università;

(*i*) fin-nuqqas tas-Segretarju, jaqdi d-dmirijiet kollha jew uħud mid-dmirijiet tas-Segretarju meta jingħata istruzzjoni li jagħmel dan mir-Rettur.

3. **Il-Bibljotekarju**

Il-Bibljotekarju hu mistenni li jamministra l-Bibljoteka u jkun responsabbli quddiem il-Kumitat tal-Bibljoteka għall-ħarsien tar-regoli u tar-regolamenti tagħha.

Il-Bibljotekarju -

(*a*) ikun responsabbli għall-ikkatalogar xieraq tal-kotba, kemm skond l-awtur u kemm skond is-suġġett, għaż-żamma u għall-ħarsien tagħhom, u għar-ritorn ta' kotba maħruġin b'self;

(*b*) igħin lill-istudenti fit-tiftix tagħhom;

(*ċ*) jieħu ħsieb il-korrispondenza kollha li tolqot lill-Bibljoteka;

(*d*) iżomm lista tal-mezzi viżivi u oħrajn li hemm għat-tagħlim u jikkontrolla s-self ta' dan il-materjal skond ir-regolamenti rilevanti;

(*e*) jippreżenta rapport lill-Kumitat tal-Bibljoteka fuq ix-xogħol tal-Bibljoteka fi tmiem kull sena akkademika.

4. **L-Uffiċjal tal-Finanzi**

L-Uffiċjal tal-Finanzi jgħin lir-Rettur fit-tmexxija ta' kuljum tal-finanzi ta' l-Università, u jirrapporta permezz tas-Segretarju.

B'mod partikulari, l-Uffiċjal tal-Finanzi -

(*a*) iħejji -

(i) l-estimi ta' kull sena tad-dħul u l-infiq;

(ii) id-dikjarazzjoni komparata ta' kull sena tad-dħul u l-infiq;

(iii) il-bilanċ ta' kull sena u dikjarazzjoni tal-kontijiet;

(*b*) ikun responsabbli għall-ġbir tad-dħul u l-flus dovuti lill-Università;

(*ċ*) iżomm kontroll immedjat fuq l-infiq skond id-disposizzjonijiet

approvati;

(*d*) iżomm sistema xierqa ta' *accounting* li tħaddan l-operazzjonijiet finanzjarji kollha ta' l-Università;

(*e*) ikun responsabbli għall-ordnijiet kollha u għax-xiri kollu, u għall-kontroll ta' l-imħażen u l-inventarji;

(*f*) jagħmel il-verifika tal-kontijiet u l-kontroll intern kollu li jħoss li hu meħtieġ;

(*g*) flimkien mar-Rettur jew mas-Segretarju, jiffirma l-kambjali, iċ-ċekkijiet, il-*bank drafts*, l-ittri ta' kreditu u d-dokumenti bankarji, finanzjarji u kummerċjali l-oħra kollha, suġġett għal restrizzjonijiet li jsiru mill-Kunsill;

(*h*) jaqdi dmirijiet oħra skond kif jista' jkun mitlub minħabba l-ħtiġijiet ta' l-Università.

5. **Ħatriet Oħra: L-Uditur**

(1) Il-Kunsill minn żmien għal ieħor jaħtar persuna kwalifikata u xierqa, fil-prattika attiva tal-professjoni tagħha, biex tkun uditur li jżomm il-ħatra għal żmien speċifiku iżda li jista' jerġa' jinħatar.

(2) L-aċċettazzjoni ta' din il-ħatra minn uditur titqies li ġġorr magħha dmir li jissodisfa lill-Kunsill li, fil-kontijiet mistħarrġa u f'kull ċertifikat maħruġ minnu, hu nnifsu kien sodisfatt, bil-mezzi raġonevoli li kellu, dwar il-fatti u ċ-ċirkustanzi ta' kull każ, u li wara l-istħarriġ professjonali tiegħu, l-istqarrijiet fiċ-ċertifikati huma veri u eżatti u l-kontijiet iċċertifikati jew imgħoddija huma sħaħ, veri u eżatti, f'kull każ safejn jaf hu.

(3) L-Uditur jagħmel persunalment, jew iġiegħel li jsiru minn persuni kompetenti mogħtija s-setgħa minnu bil-kitba u li hu jieħu r-responsabbiltà tagħhom, żjarat u spezzjonijiet mhux mistennija f'ħin magħżul minnu, u mbagħad jirrapporta r-riżultat bil-kitba lill-Kunsill permezz tar-Rettur. Hekk ukoll hu jissottometti rapport kull sena, jew kif jingħata istruzzjonijiet mill-Kunsill minn żmien għal ieħor.

## Statut 7 - ĦATRIET U PROMOZZJONIJIET TA' *STAFF* BI DMIRIJIET FORMALI TA' TAGĦLIM U/JEW RIĊERKA

### 7.1 Ħatriet ta' *staff* bi Dmirijiet Formali ta' Tagħlim u/jew Riċerka

1. Ħatriet ta' *staff* bi dmirijiet formali ta' tagħlim u/jew riċerka jsiru fil-gradi ta' professur, professur assoċjat, lettur anzjan, lettur, assistent lettur, assistent għalliem (*teaching assistant*), assistent fir-riċerka jew fi gradi oħra approvati mill-Kunsill b'rakkomandazzjoni tas-Senat, skond il-kwalifiki tal-persuni li jkunu qegħdin jinħatru.

2. Il-postijiet jistgħu jkunu reklamati għal ħatriet fi gradi speċifiċi.

3. Ħatra għal post bi dmirijiet formali ta' tagħlim u/jew riċerka ssir mill-Kunsill b'rakkomandazzjoni ta' Bord ta' l-Għażla magħmul kif ġej:

· ir-Rettur, li jkun iċ-*chairman*;

· tliet membri ta' l-i*staff* bi dmirijiet formali ta' tagħlim u/jew riċerka maħturin mis-Senat li normalment jinkludu lill-kap tad-dipartiment konċernat (jew, fil-każ ta' post maħsub speċifikament għal istitut, jew entità oħra ta' natura simili, lid-direttur ta' dak l-istitut jew l-uffiċjal ewlieni ta' l-entità kkonċernata) u kap ta' dipartiment ieħor minn barra

l-Fakultà:

Iżda f'każ li jkun maħsub li l-maħtur għandu jagħti servizz konsiderevoli lill-Dipartiment, Istitut, jew Ċentru ieħor jew entità oħra ta' natura simili, l-uffiċjal ewlieni ta' l-entità kkonċernata għandu jieħu l-post tal-kap tad-dipartiment minn barra l-Fakultà;

- membru tal-Kunsill li ma jkunx impjegat ma' l-Università maħtur kull sena mill-Kunsill biex ikun membru tal-Bordijiet kollha ta' l-Għażla għal postijiet fi speċjalità partikolari.

**7.2 Promozzjoni ta' l-i*staff* bi Dmirijiet Formali ta' Tagħlim u/jew Riċerka**

1. Darba kull tliet snin, normalment f'Marzu/April, applikazzjonijiet għal promozzjoni mill-i*staff* bi dmirijiet formali ta' tagħlim u/jew riċerka jkunu kkunsidrati minn Bord tal-Promozzjonijiet maħtur għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin, magħmul kif ġej:

- ir-Rettur, li jkun iċ-*Chairman*;
- tliet professuri maħturin mis-Senat; u
- membru tal-Kunsill li ma jkunx impjegat ma' l-Università maħtur mill-Kunsill.

2. Ir-Rettur jista' jipproponi kull membru ta' l-i*staff* bi dmirijiet formali ta' tagħlim u/jew riċerka biex ikun ikkunsidrat mill-Bord tal-Promozzjonijiet fil-laqgħa regolari tiegħu, jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, f'kull żmien ieħor.

**7.3 Gradi ta' *Staff* bi Dmirijiet Formali ta' Tagħlim u/jew Riċerka**

1. Fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill, il-Bord ta' l-Għażla/tal-Promozzjonijiet għandu jqis dan li ġej:

(*a*) l-assistenti għalliema u l-assistenti fir-riċerka normalment għandhom ikunu gradwati ġodda li jippromettu, jew persuni b'esperjenza twila f'xi speċjalità teknika;

(*b*) l-assistenti letturi għandu jkollhom l-ewwel grad bi klassifikazzjoni tajba jew kwalifika f'livell ta' *Masters*;

(*ċ*) il-letturi għandu jkollhom kwalifika fil-livell ta' dottorat;

(*d*) il-letturi anzjani għandu jkollhom esperjenza f'xogħol akkademiku u jridu jkunu ddistingwew ruħhom fit-tagħlim, fir-riċerka jew f' xi aspett ieħor tad-doveri ta' lettur;

(*e*) il-professuri assoċjati għandhom ikunu ddistingwew ruħhom b'kontribuzzjoni sħiħa għall-għerf u għall-affarijiet ta' l-Università in ġenerali;

(*f*) il-professuri għandu jkollhom reputazzjoni stabbilita bħala awtoritajiet fost studjużi oħra fil-qasam ta' tagħlim tagħhom.

2. Qabel ma jirrakkomanda xi persuna għal xi ħatra jew promozzjoni għal grad ta' professur, Bord ta' l-Għażla jew Bord tal-Promozzjonijiet, skond il-każ, għandu jfittex il-parir espert ta' żewġ akkademiċi indipendenti fl-istess qasam ta' tagħlim.

3. L-ebda membru ta' l-i*staff* bi dmirijiet formali ta' tagħlim u/jew riċerka ma jista' jkun membru ta' Bord ta' l-Għażla jew ta' Bord tal-Promozzjonijiet li jkun qed jikkonsidra ħatriet jew promozzjonijiet għal gradi ogħla mill-grad tal-membru li jkun.

**7.4 Ħatriet ta' *Staff Part-time***

(i) Ħatriet ta' *staff* bi dmirijiet formali ta' tagħlim u/jew riċerka fuq bażi *part-time* huma ġeneralment magħmulin għal żmien speċifiku, normalment ta' erba' snin, li jista' jiġġedded għal erba' snin oħra, u wara, il-ħatra ssir permanenti sakemm jiġu segwiti l-proċeduri awditorjali ordinarji:

(ii) Il-Kunsill ta' l-Università jista', minkejja dan, jagħmel ħatriet permanenti sa l-età ta' l-irtirar mix-xogħol, suġġetti għal żmien ta' prova ta' sena.

Ħatriet *part-time* isiru f'żewġ kategoriji:

(i) Membri ta' l-i*staff* bi Dmirijiet ta' Tagħlim u Riċerka (TR). Dawk maħtura huma meħtieġa li jiddedikaw numru ta' nofs ta' nhari fil-ġimgħa għal xogħol ta' l-Università biss;

(ii) Membri ta' l-i*staff* bi Dmirijiet ta' Tagħlim biss (T). Dawn huma meħtieġa jagħmlu numru ta' sigħat fil-ġimgħa f'kuntatt ma' l-istudenti.

Barra minn hekk l-i*staff part-time* fiż-żewġ kategoriji huma meħtieġa jeżaminaw kandidati għal gradi u diplomi fis-suġġetti tagħhom, kull meta jiġu mitluba mill-Bord tal-Fakultà jew ta' l-Istitut u mis-Senat.

**7.5 Ħatra ta' *Part-time Staff* Mistieden**

1. *Part-time staff* mistieden jista' jinħatar skond il-ħtiġijiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien.

2. Il-ħatriet isiru mir-Rettur fuq ir-rakkomandazzjonijiet tad-Dekan tal-Fakultà kkonċernata, jew tad-Direttur ta' l-Istitut jew taċ-Ċentru kkonċernat, skond il-każ.

3. Il-ħatriet isiru għal perijodi ta' mhux aktar minn sena kull darba, u s-Senat u l-Kunsill għandhom jiġu nfurmati bihom fl-ewwel laqgħa.

**7.6 Kundizzjonijiet applikabbli għal ħatriet partikolari**

1. Id-dmirijiet ġenerali ta' l-i*staff* bi dmirijiet formali ta' tagħlim u/jew ta' riċerka huma dawk imniżżla taħt is-sotto-titolu "Letturi". Dawn japplikaw *mutatis mutandis* għall-gradi l-oħra kollha suġġetti għal kundizzjonijiet partikolari għal kull grad kif imniżżla hawn taħt:

(i) *Assistenti Għalliema*

(*a*) huma mistennija jkollhom l-ewwel grad bi klassifikazzjoni tajba jew kwalifiki analogi u jkunu meħtieġa jgħinu fil-programmi ta' tagħlim ta' l-Università;

(*b*) jistgħu jkunu meħtieġa jgħinu f'attivitajiet oħra bħal riċerka u xogħol ieħor relatat kif ikun meqjus neċessarju mill-awtorità kompetenti;

(*ċ*) mhumiex mistennija jagħmlu xogħol ta' riċerka fuq l-inizjattiva tagħhom għalkemm huma mħeġġa jinvolvu ruħhom f'riċerka relatata mal-qasam tat-tagħlim tagħhom.

Għalkemm m'għandhomx dritt għal *Sabbatical Leave*, l-Assistenti Għalliema jkunu mħeġġa u sa fejn hu possibbli mgħejjuna jtejbu l-perizja tagħhom fil-qasam ta' l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom. F'dan ir-rigward, l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill għal *study leave* hija mistennija li tingħata, dan sakemm jippermettu l-esiġenzi ta' l-Università fi żminijiet differenti.

(ii) *Assistenti fir-Riċerka*

(*a*) huma mistennija jkollhom l-ewwel grad bi klassifikazzjoni tajba jew kwalifiki analogi, u huma l-aktar meħtieġa li jgħinu fi programmi partikolari ta' riċerka ta' l-Università. Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll li jgħinu f'attivitajiet oħra bħal tagħlim u xogħol ieħor relatat, kif inhu meqjus xieraq mill-awtorità kompetenti;

(*b*) jistgħu jkunu meħtieġa jgħinu lill-istudenti anzjani fix-xogħol ta' riċerka li jkun qed isir taħt is-superviżjoni ta' membru ieħor ta' l-i*staff* akkademiku;

(*ċ*) mhumiex mistennija jagħmlu xogħol ta' riċerka fuq l-inizjattiva tagħhom;

(*d*) huma maħtura għal perijodu ta' żmien definit kif ikun meħtieġ mill-programm partikolari ta' riċerka li għalih ġew impjegati.

(iii) *Assistenti Letturi*

(*a*) L-Assistenti Letturi jistgħu jiġu maħtura jew fl-istennija li jipprovdu l-aktar għajnuna tutorjali, li jgħallmu f'livell tal-fondazzjoni, jew sakemm jingħataw promozzjoni għall-grad ta' Lettur kif jiksbu aktar kwalifiki. Fit-tieni każ, jingħataw l-għajnuna meħtieġa u jingħataw l-opportunità jiksbu dawn il-kwalifiki;

(*b*) Fil-każ ta' Assistenti Letturi li mhumiex qed isegwu studji fuq bażi *full-time* barra minn Malta, isiru arranġamenti fid-Dipartimenti tagħhom sabiex ikunu jistgħu jkollhom perijodi ta' żmien fejn l-ammont ta' xogħol tas-soltu jiġi mnaqqas ħalli jkunu jistgħu jagħmlu r-riċerka tagħhom.

(iv) *Letturi*

(*a*) huma mistennija li jgħallmu f'kull kors universitarju fejn is-suġġett huwa meħtieġ - inklużi l-għoti ta' konferenzi, sessjonijiet tutorjali u *seminars*, superviżjoni ta' xogħol prattiku u pjazzamenti, l-għoti ta' pariri fuq proġetti u xogħol ieħor magħmul persunalment mill-istudenti;

(*b*) li jagħmlu riċerka għal pubblikazzjoni - kemm individwali kif ukoll kollaborattiva partikolarment f'dawk l-oqsma ta' prijorità stabbiliti mill-Università;

(*ċ*) jaqsmu fil-valutazzjoni kontinwa ta' l-istudenti, l-issettjar u l-immarkar ta' karti ta' l-eżami f'perijodu ta' żmien stabbilit;

(*d*) jieħdu sehem fl-amministrazzjoni ta' l-affarijiet akkademiċi fil-livelli dipartimentali, fakultattivi, u universitarji;

(*e*) jikkontribwixxu għall-iżvilupp nazzjonali, partikolarment fil-qasam ta' l-ispeċjalizzazzjoni u permezz ta' kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet u servizzi, kemm dawk tal-gvern u li mhumiex.

(v) *Letturi Anzjani*

huma mistennija li jaqdu d-dmirijiet kollha ta' letturi bit-tmexxija mistennija skond il-kwalifiki tal-ħatra tagħhom ġpara. 7.3.1(*d*).

(vi) *Professuri Assoċjati*

huma mistennija li jaqdu d-dmirijiet kollha ta' letturi u jerfgħu responsabbiltà partikolari għad-disinn kollaborattiv u l-iżvilupp ta' programmi didattiċi u ta' riċerka, id-direzzjoni ta' istituti u entitajiet analogi, u funzjonijiet ko-ordinattivi oħra.

(vii) *Professuri*

(*a*) huma mistennija u għandhom dritt jiddedikaw aktar ħin mill-għalliema għas-superviżjoni ta' riċerka u studju avvanzat u li jkollhom il-faċilitajiet meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jagħmlu dan;

(*b*) għandhom id-dritt jikkomunikaw direttament mar-Rettur fuq l-affarijiet kollha u li jieħdu sehem f'livell ta' *advisor* fil-Bord tal-Fakultà;

(*ċ*) għandhom id-dritt li jiġu kkonsultati fuq affarijiet li huma marbuta mal-qasam tal-perizja tagħhom u huma mistennija li jipprovdu lill-Kap tad-Dipartiment jew lid-Direttur ta' l-Istitut li tiegħu huma membri, l-għajnuna addizzjonali li hi xierqa skond l-i*status* u l-awtorità ta' studjużi li jgawdu.

(viii) *Professuri Mistiedna*

(*a*) Studjużi barranin jew lokali bil-grad jew bil-ġieh ta' professur jistgħu jinħatru Professuri Mistiedna b'riżoluzzjoni tal-Kunsill wara rakkomandazzjoni tas-Senat;

(*b*) Professur Mistieden hu mistenni li jikkontribwixxi għall-attivitajiet ta' l-Università f'wieħed jew f'aktar minn dawn il-modi:

- billi jagħti sensiela ta' konferenzi jew korsijiet qosra intensivi;
- billi jipparteċipa fis-superviżjoni u fil-finalizzazzjoni ta' programmi ta' riċerka; u
- billi jagħti pariri esperti u konsulenza lill-awtoritajiet ta' l-Università.

(*ċ*) Professur Mistieden huwa intitolat:

- għal dawk il-prerogativi akkademiċi ta' Professur li ma jeħtiġux preżenza regolari fl-Università; u
- għal dak l-onorarju li jiġi stabbilit mill-Kunsill għal kull kompitu speċifiku.

(ix) *Professuri Onorarji*

(*a*) Studjużi barranin jew lokali bil-grad jew bil-ġieh ta' professur jistgħu jinħatru Professuri Onorarji b'riżoluzzjoni tal-Kunsill wara rakkomandazzjoni tas-Sena;

(*b*) Professur Onorarju hu mistenni li jikkontribwixxi fl-attivitajiet ta' l-Università b'kull mod li jista' jtejjeb is-servizz u l-prestiġju tagħha, bi qbil ma' l-awtoritajiet kompetenti;

(*ċ*) Professur Onorarju huwa intitolat għal dawk il-prerogativi akkademiċi ta' professur li mhumiex marbuta ma' dmirijiet speċifiċi.

(x) *Professuri Emeriti*

(*a*) Professuri li jirtiraw wara għallinqas għaxar snin servizz f'dan il-grad jew, fil-każ li jirtiraw qabel, b'riżoluzzjoni tas-Senat, isiru Professuri Emeriti;

(*b*) Professur Emeritu huwa intitolat għall-istess prerogativi ta' Professur Onorarju;

(*ċ*) Professur Emeritu jieħu postu fiċ-ċerimonji pubbliċi ta' l-Università immedjatament wara l-membri tas-Senat.

(xi) *Kumpanji ta' l-Università*

Kumpanji jistgħu jinħatru mill-Kunsill wara rakkomandazzjoni tas-Senat kif ġej:

(*a*) Kumpanji Onorarji, meta l-Università tkun trid tagħti dan l-unur lill-individwi li jistħoqqilhom;

(*b*) Kumpanji Anzjani, fil-każ ta' membri ta' l-i*staff* li jirtiraw biex ikunu jistgħu jkomplu bil-kontribuzzjonijiet tagħhom ta' riċerka fl-Università;

(*ċ*) Kumpanji Mistiedna, fil-każ ta' skulari anzjani barranin jew lokali bil-grad jew bil-ġieh ta' Professur.

(xii) *Kanċillier Emeritu*

(*a*) Persuna li kien Kanċillier jista' jiġi appuntat Kanċillier Emeritu b'riżoluzzjoni tal-Kunsill;

(*b*) Il-Kanċilliera Emeriti jieħdu posthom fiċ-ċerimonji pubbliċi ta' l-Università bħala l-Professuri Emeriti l-aktar anzjani u jkollhom id-dritt għall-ilbies akkademiku li jixraq.

**7.7 Provvediment Ġenerali**

1. Għall-finijiet ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, l-i*staff* maħtur taħt Statut 7 ikunu kkunsidrati bħala *staff* akkademiku.

**Statut 8 - HATRIET U PROMOZZJONIJIET MHUX AKKADEMIĊ1**

**Ħatriet**

1. Ħatriet għal postijiet mhux akkademiċi jsiru mill-Kunsill b'rakkomandazzjoni ta' Bordijiet ta' l-Għażla maħtura mill-Kunsill.

2. Kull Bord ta' l-Għażla jkun magħmul kif ġej:

ir-Rettur, jew id-delegat tiegħu, li jkun iċ-*chairman*;

tliet membri maħtura mill-Kunsill, li minnhom wieħed ikun membru akkademiku tal-Kunsill u ieħor uffiċjal anzjan fl-amministrazzjoni;

membru tal-Kunsill li ma jkunx impjegat ma' l-Università, maħtur mill-Kunsill.

3. Kandidati għal ħatra f'postijiet partikulari jistgħu jkunu mistennija li jagħmlu eżamijiet miktuba u/jew orali u li jattendu għal intervista kif ikun xieraq. Tagħrif dwar dawn l-eżamijiet u l-intervisti jkun inkluż fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

**Promozzjonijiet**

4. Darba f'sena, normalment matul Marzu/April, applikazzjonijiet mill-i*staff* mhux akkademiku għal promozzjoni jkunu kkunsidrati minn Bord tal-Promozzjonijiet meta jkun hemm xi raġuni speċjali, bħal tiswija ta' anomalija jew għarfien aktar bir-reqqa ta' mertu, sakemm dan ma' jkunx ta' detriment għal ħaddieħor u ma jmurx kontra l-qafas miftiehem tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

5. Il-Bord tal-Promozzjonijiet ikun magħmul kif ġej:

ir-Rettur jew id-delegat tiegħu, li jkun iċ-*Chairman*;

is-Segretarju ta' l-Università;

l-Uffiċċjal tal-Finanzi;

żewġ membri maħtura mill-Kunsill li wieħed minnhom ma jkunx impjegat ma' l-Università.

6. Ir-Rettur jista' jipproponi kull membru ta' l-i*staff* biex ikun ikkunsidrat mill-Bord tal-Promozzjonijiet fil-laqgħa ta' kull sena tiegħu jew, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, f'kull żmien ieħor matul is-sena.

### Statut 9 - HATRA TA' EŻAMINATURI

1. L-eżaminaturi jinħatru mill-Kunsill wara li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tas-Senat.

2. L-eżaminaturi jinħatru normalment għal sena akkademika waħda.

3. L-eżaminaturi li jispiċċaw jistgħu jerġgħu jinħatru.

### Statut 10 - PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI

1. Il-pubblikazzjonijiet uffiċjali ta' l-Università jkunu:

Il-Kalendarju ta' l-Università - The University Calendar

Il-Gazzetta ta' l-Università - The University Gazette

u pubblikazzjonijiet oħra li l-Kunsill jista' jiddetermina minn żmien għal ieħor.

2. Il-Kalendarju jkun ippubblikat kull sena. Il-Kalendarju jinkludi:

(*a*) l-istatuti, ir-regolamenti, u leġislazzjoni sussidjarja oħra li jkollhom applikazzjoni ġenerali; u

(*b*) listi ta' l-uffiċjali ewlenin u uffiċjali oħrajn ta' l-Università; il-membri tal-Kunsill, is-Senat, il-Bordijiet tal-Fakultajiet u kull Bordijiet statutarji oħrajn; il-membri tal-persunal akkademiku, il-Professuri Emeriti, u l-gradwati onorarji; il-persuni li ngħataw gradi jew diplomi matul is-sena akkademika ta' qabel.

3. Il-Gazzetta ta' l-Università tkun ippubblikata għall-inqas erba' darbiet fis-sena. Supplimenti tal-Gazzetta jistgħu jkunu ppubblikati jew fl-istess żmien tal-Gazzetta jew għalihom.

4. Kull statuti ġodda, regolamenti jew leġislazzjoni sussidjarja oħra, u kull emenda għalihom, ikunu ppubblikati f'Suppliment tal-Gazzetta mhux aktar tard minn xahar minn meta jibdew iseħħu.

### Statut 11 - L-ISTITUT GĦAT-TEKNOLOĠIJA TA' L-ENERĠIJA

1. Hawn qiegħed jitwaqqaf Istitut għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija fl-Università ta' Malta.

2. L-għanijiet ta' l-Istitut ikunu:

(*a*) li jgħin fl-iżvilupp ta' pjanijiet għall-enerġija nazzjonali bi studji dwar l-użu ta' għejun ġodda ta' enerġija jew li jistgħu jiġġeddu u ta' metodi ta' konservazzjoni ta' l-enerġija;

(*b*) li joħloq u jieħu sehem fi programmi ta' tagħlim u proġetti ta' tiftix fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-enerġija;

(*ċ*) li jxerred metodi u tekniki xierqa li għandhom x'jaqsmu mal-qasam ta' l-interess ta' l-Istitut;

(*d*) li jiddisinja tagħmir xieraq għall-kundizzjonijiet lokali.

3. L-Istitut ikun immexxi minn Bord.

(*a*) Il-Bord ikun magħmul minn dawn li ġejjin:

*Chairperson*: ir-Rettur jew deputat tiegħu,

Viċi-*Chairperson*: id-Direttur ta' l-Istitut,

persuna maħtura mill-Kunsill ta' l-Università għal tliet snin,

żewġ persuni maħtura mis-Senat ta' l-Università għal tliet snin,

erba' studjużi magħrufa maħtura billi jkunu ko-optjati.

(*b*) Id-dmirijiet tal-Bord ikunu dawn li ġejjin:

(i) li jiddetermina l-politika ta' l-Istitut dwar l-għanijiet imsemmija hawn fuq;

(ii) li jara mill-qrib it-tmexxija finanzjarja ta' l-Istitut;

(iii) li jassigura l-kollaborazzjoni ma' korpi oħrajn, lokali u barranin, li hi meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istitut.

4. L-Istitut ikollu Direttur u persunal:

(*a*) id-Direttur, maħtur mill-Kunsill ta' l-Università, għal perijodu ta' ħames snin wara sejħa għal applikazzjonijiet, bil-possibilità li l-ħatra tiġġedded wara r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Istitut;

(*b*) membri akkademiċi oħra, maħtura mill-Kunsill ta' l-Università b'rakkomandazzjoni tal-Bord;

(*ċ*) persunal amministrattiv u klerikali skond kif jaħtar il-Bord.

5. L-Uffiċjal tal-finanzi ta' l-Università jkun it-Teżorier ta' l-Istitut. Id-Direttur iħejji l-*budget* ta' kull sena ta' l-Istitut u jissottomettih lill-Bord għall-approvazzjoni. Id-Direttur jissottometti wkoll dikjarazzjoni finanzjarja u rapport ta' kull sena fuq il-ħidmiet ta' l-Istitut.

6. Emendi għal dan l-Istatut jistgħu jkunu proposti mill-Bord għall-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-Università.

**Statut 12 - L-ISTITUT GĦALL-ISTUDJI ANGLO-ITALJANI**

1. Hawn qiegħed jitwaqqaf Istitut għall-Istudji Anglo-Taljani fl-Università ta' Malta.

2. L-għanijiet ta' l-Istitut ikunu -

(*a*) li jagħmel tiftix fil-qasam tar-relazzjonijiet kulturali Anglo-Taljani, b'riferenza speċjali għal-letteratura u l-lingwa;

(*b*) li jorganizza konferenzi, seminarji u laqgħat oħra internazzjonali dwar temi fil-qasam ta' l-interessi ta' l-Istitut;

(*ċ*) li jorganizza korsijiet ta' diploma u grad fl-istudji Anglo-Taljani, suġġetti għall-istatuti u għar-regolamenti ta' l-Università;

(*d*) li joħroġ rivista u pubblikazzjonijiet oħra.

3. L-Istitut ikun immexxi minn Bord.

(*a*) Il-Bord ikun magħmul minn dawn li ġejjin:

*Chairperson*: ir-Rettur jew deputat tiegħu,

Viċi-*Chairperson*: id-Direttur ta' l-Istitut,

persuna maħtura mill-Kunsill ta' l-Università għal tliet snin,

żewġ persuni maħtura mis-Senat ta' l-Università għal tliet snin,

erba' studjużi magħrufa maħtura billi jkunu ko-optjati.

(*b*) Id-dmirijiet tal-Bord ikunu dawn li ġejjin:

(i) li jiddetermina l-politika ta' l-Istitut dwar l-għanijiet imsemmija hawn fuq;

(ii) li jara mill-qrib it-tmexxija finanzjarja ta' l-Istitut;

(iii) li jassigura l-kollaborazzjoni ma' korpi oħrajn, lokali u barranin, li hi meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istitut.

4. L-Istitut ikollu Direttur u persunal:

(*a*) id-Direttur, maħtur mill-Kunsill ta' l-Università, għal tliet snin wara sejħa għall-applikazzjonijiet;

(*b*) membri akkademiċi oħra, maħtura mill-Kunsill ta' l-Università b'rakkomandazzjoni tal-Bord;

(*ċ*) persunal amministrattiv u klerikali skond kif jaħtar il-Bord.

5. L-Uffiċjal tal-finanzi ta' l-Università jkun it-Teżorier ta' l-Istitut. Id-Direttur iħejji l-*budget* ta' kull sena ta' l-Istitut u jissottomettih lill-Bord għall-approvazzjoni. Id-Direttur jissottometti wkoll dikjarazzjoni finanzjarja u rapport ta' kull sena fuq il-ħidmiet ta' l-Istitut.

6. Emendi għal dan l-Istatut jistgħu jkunu proposti mill-Bord għall-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-Università.

**Statut 13 - L-ISTITUT GĦALL-ĦARSIEN TAS-SAĦĦA**

1. L-Istitut għall-Harsien tas-Saħħa qiegħed jitwaqqaf hawnhekk bħala istituzzjoni bejn il-Fakultajiet fi ħdan l-Università ta' Malta.

2. L-għanijiet ta' l-Istitut ikunu -

(*a*) li jipprovdi korsijiet ta' grad u diploma fix-Xjenzi tal-Harsien tas-Saħħa (bħalma huma *Nursing*, it-Teknoloġija Medika, it-Terapija tat-Taħdit) u oqsma marbutin magħhom, suġġetti għall-istatuti u għar-regolamenti ta' l-Università;

(*b*) li joħroġ ċertifikati għal korsijiet fil-Harsien tas-Saħħa pprovduti minn Istituzzjonijiet oħra jekk il-livelli milħuqa jkunu aċċettabbli għalih;

(*ċ*) li jagħmel tiftix ta' xejra kemm mono-dixxiplinarja u kemm multi-dixxiplinarja, b'enfasi fuq il-ħarsien tas-saħħa.

3. L-Istitut ikun immexxi minn Bord.

(*a*) Il-Bord ikun magħmul minn dawn li ġejjin:

*Chairperson*: ir-Rettur jew deputat tiegħu;

Viċi-*Chairperson*: id-Direttur ta' l-Istitut;

il-ko-ordinaturi għal kull Programm ta' Studji;

il-ko-ordinatur tat-Tiftix (li x-xogħol tiegħu jkun li jikko-ordina l-proġetti varji ta' tiftix ta' l-Istitut);

żewġ membri mill-persunal akkademiku u minn ħdanu;

żewġ membri eletti mill-istudenti u minn fosthom;

membru maħtur mill-Kunsill u membru maħtur mis-Senat;

żewġ membri addizzjonali jistgħu jkunu ko-optjati mill-Bord.

(*b*) Il-Bord ikollu s-setgħa li -

(i) jipproponi regolamenti lis-Senat u jagħmel u jneħħi *bye-laws*;

(ii) jissorvelja d-direzzjoni ġenerali tal-materji akkademiċi kollha, fosthom il-programmi tal-korsijiet ta' l-istudji, il-kwalifiki għad-dħul ta' l-istudenti, l-eżamijiet u l-gradi;

(iii) jipproponi t-twaqqif, is-sospensjoni u t-tneħħija ta' postijiet akkademiċi u mhux akkademiċi;

(iv) jaħtar iċ-*Chairman* magħżul għas-sottomissjoni tal-Kunsill;

(v) jaħtar il-Bordijiet ta' l-Eżaminaturi;

(vi) jaħtar ko-ordinaturi biex tkun assigurata l-ko-ordinazzjoni tal-Programmi ta' l-Istudju.

4. L-Istitut ikollu Direttur u persunal:

(*a*) id-Direttur, maħtur mill-Kunsill ta' l-Università, għal perijodu ta' ħames snin wara sejħa għal applikazzjonijiet, bil-possibilità li l-ħatra tiġġedded wara r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Istitut;

(*b*) membri akkademiċi oħra, maħtura mill-Kunsill ta' l-Università b'rakkomandazzjoni tal-Bord;

(*ċ*) persunal amministrattiv u klerikali skond kif jaħtar il-Bord.

5. L-Uffiċjal tal-finanzi ta' l-Università jkun it-Teżorier ta' l-Istitut. Id-Direttur iħejji l-*budget* ta' kull sena ta' l-Istitut u jissottomettih lill-Bord għall-approvazzjoni. Id-Direttur jissottometti wkoll dikjarazzjoni finanzjarja u rapport ta' kull sena fuq il-ħidmiet ta' l-Istitut.

6. Emendi għal dan l-Istatut jistgħu jkunu proposti mill-Bord għall-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-Università.

**Statut 14 - L-ISTITUT TAL-LINGWISTIKA**

1. Hawn qiegħed jitwaqqaf Istitut tal-Lingwistika fl-Università ta' Malta.

2. L-għanijiet ta' l-Istitut ikunu -

(*a*) li jmexxi 'l quddiem u jikko-ordina t-tiftix fil-lingwistika, fid-deskrizzjoni ta' lingwi partikulari (l-aktar ta' dawk li huma rappreżentati b'dipartimenti fil-Fakultà ta' l-Arti) u fil-lingwistika applikata (inklużi attivitajiet l-aktar rilevanti fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni);

(*b*) li jiżviluppa kuntatti u ko-operazzjoni ma' korpi lokali interessati barra mill-Università li qegħdin jaħdmu fil-qasam ta' nuqqasijiet fit-taħdit u ta' lingwa;

(*ċ*) li jmexxi 'l quddiem l-użu tal-laboratorju lingwistiku bħala għajnuna fit-tagħlim ta' lingwi barranin kemm lill-istudenti ta' l-Università u kemm lill-istudenti l-oħra;

(*d*) li jiżviluppa kuntatti internazzjonali ma' istituzzjonijiet simili ta' Universitajiet barranin, l-aktar ma' dawk li għandhom interess fil-wirt Mediterranju;

(*e*) li jagħmel korsijiet għal grad u diploma fil-lingwistika, suġġetti għall-istatuti u għar-regolamenti ta' l-Università.

3. L-Istitut ikun immexxi minn Bord.

(*a*) Il-Bord ikun magħmul minn dawn li ġejjin:

*Chairperson*: ir-Rettur jew deputat tiegħu,

Viċi-*Chairperson*: id-Direttur ta' l-Istitut,

persuna maħtura mill-Kunsill ta' l-Università għal tliet snin,

żewġ persuni maħtura mis-Senat ta' l-Università għal tliet snin,

erba' studjużi magħrufa maħtura billi jkunu ko-optjati.

(*b*) Id-dmirijiet tal-Bord ikunu dawn li ġejjin:

(i) li jiddetermina l-politika ta' l-Istitut dwar l-għanijiet imsemmija hawn fuq;

(ii) li jara mill-qrib it-tmexxija finanzjarja ta' l-Istitut;

(iii) li jassigura l-kollaborazzjoni ma' korpi oħrajn, lokali u barranin, li hi meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istitut.

4. L-Istitut ikollu Direttur u persunal:

(*a*) id-Direttur, maħtur mill-Kunsill ta' l-Università, għal tliet snin wara sejħa għall-applikazzjonijiet;

(*b*) membri akkademiċi oħrajn, maħtura mill-Kunsill ta' l-Università b'rakkomandazzjoni tal-Bord;

(*ċ*) persunal amministrattiv u klerikali skond kif jaħtar il-Bord.

5. L-Uffiċjal tal-finanzi ta' l-Università jkun it-Teżorier ta' l-Istitut. Id-Direttur iħejji l-*budget* ta' kull sena ta' l-Istitut u jissottomettih lill-Bord għall-approvazzjoni. Id-Direttur jissottometti wkoll dikjarazzjoni finanzjarja u rapport ta' kull sena fuq il-ħidmiet ta' l-Istitut.

6. Emendi għal dan l-Istatut jistgħu jkunu proposti mill-Bord għall-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-Università.

**Statut 15 - ĊENTRU GĦAT-TAGĦLIM MILL-BOGĦOD**

1. Hawn qiegħed jitwaqqaf Ċentru għal-Tagħlim mill-Bogħod fl-Università ta' Malta.

2. L-għanijiet taċ-Ċentru ikunu -

(*a*) li jitmexxew 'il quddiem diversi proġetti tat-Tagħlim mill-Bogħod li għandhom igħinu biex jilqgħu d-domanda li qiegħda tikber għal edukazzjoni ogħla u sa li ma tistax tinkiseb bil-korsijiet tradizzjonali fl-Università;

(*b*) li jitħaddmu r-riżorsi akkademiċi u l-kompetenzi tekniċi biex, flimkien ma' ċentri u universitajiet oħrajn tat-Tagħlim mill-Bogħod, jinstabu metodi ġodda li jagħtu studju sistematiku xieraq f'suġġetti u f'dixxiplini diversi;

(*ċ*) li jingħataw opportunitajiet għall-kisba ta' ħiliet li jħallu l-qligħ lil nies li l-impenji tax-xogħol jew tal-familja tagħhom ma jħalluhomx isegwu korsijiet konvenzjonali ta' filgħodu jew ta' filgħaxija;

(*d*) li jiġu żviluppati programmi strutturati li jistgħu jwasslu għall-għoti ta' diploma jew grad ta' l-Università ta' Malta;

3. Iċ-Ċentru jkun immexxi minn Bord.

(*a*) Il-Bord ikun magħmul minn dawn li ġejjin:

*Chairperson*: ir-Rettur jew deputat tiegħu,

Viċi-*Chairperson*: id-Direttur taċ-Ċentru,

persuna maħtura mill-Kunsill ta' l-Università għal tliet snin,

żewġ persuni maħtura mis-Senat ta' l-Università għal tliet snin,

erba' studjużi magħrufa maħtura billi jkunu ko-optjati.

(*b*) Id-dmirijiet tal-Bord ikunu dawn li ġejjin:

(i) li jiddetermina l-politika taċ-Ċentru dwar l-għanijiet imsemmija hawn fuq;

(ii) li jara mill-qrib it-tmexxija finanzjarja taċ-Ċentru;

(iii) li jassigura l-kollaborazzjoni ma' korpi oħrajn, lokali u barranin, li hi meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet taċ-Ċentru.

4. Iċ-Ċentru jkollu Direttur u persunal:

(*a*) id-Direttur, maħtur mill-Kunsill ta' l-Università, għal perijodu ta' ħames snin wara sejħa għal applikazzjonijiet, bil-possibilità li l-ħatra tiġġedded wara r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Istitut;

(*b*) membri akkademiċi oħrajn, maħtura mill-Kunsill ta' l-Università b'rakkomandazzjoni tal-Bord;

(*ċ*) persunal amministrattiv u klerikali skond kif jaħtar il-Bord.

5. L-Uffiċjal tal-finanzi ta' l-Università jkun it-Teżorier taċ-Ċentru. Id-Direttur iħejji *budget* ta' kull sena taċ-Ċentru u jissottomettih lill-Bord għall-approvazzjoni. Id-Direttur jissottometti wkoll dikjarazzjoni finanzjarja u rapport ta' kull sena fuq il-ħidmiet taċ-Ċentru.

6. Emendi għal dan l-Istatut jistgħu jkunu proposti mill-Bord għall-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-Università.

## B - REGOLAMENTI U *BYE-LAWS*

## RO1 - REGOLAMENTI GĦAD-DĦUL TA' L-1997

### 1. Dħul għal Kors ta' l-Istudji

1.1 *Korsijiet għal Grad*. Biex jiddaħħal f'kors ta' l-istudji li jwassal għal grad, kandidat irid:

(*a*) ikun intitolat biex jidħol fl-Università bħala student regolari skond ir-regolament 2; u

(*b*) jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra li jistgħu jidhru fir-regolamenti u l-*bye-laws* għal dak il-kors.

1.2 *Korsijiet għal Diploma*. Biex jiddaħħal f'kors ta' studji li jwassal għal diploma, kandidat irid:

(*a*) ikun intitolat biex jidħol fl-Università bħala student regolari skond ir-regolament 2:

Iżda b'dan, meta kors għal diploma jdum sentejn jew aktar, u r-regolamenti għall-kors espressament jippermettu, kandidat jista' jitħalla jagħmel l-ewwel sena bħala student bi prova (ara r-regolament 3.2);

(*b*) jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra li jistgħu jidhru fir-regolamenti u l-*bye-laws* għal dak il-kors.

1.3 *Korsijiet għal Ċertifikat.*

1.3.1 *Korsijiet Fundamentali.* Biex jiddaħħal f'kors ta' studji li jwassal għal ċertifikat li jkun kwalifika għad-dħul fl-Università bħala student regolari, kandidat irid:

(*a*) ikun intitolat biex jidħol fl-Università bħala student bi prova skond ir-regolament 3.2; u

(*b*) jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra li jistgħu jidhru fir-regolamenti u l-*bye-laws* għal dak il-kors.

1.3.2 *Kors tal-*Junior College. Biex jiddaħħal fil-*Junior College* ta' l-Università, kandidat għandu jissodisfa r-rekwiżiti għad-dħul bħala *Junior Student* skond ir-regolament 3.1.

1.3.3 *Korsijiet oħra għal Ċertifikat.* Biex jiddaħħal f'kors għal ċertifikat li mhux kors fundamentali, kandidat irid jissodisfa r-rekwiżiti li jistgħu jidhru fir-regolamenti u fil-*bye-laws* ta' dak il-kors (ara wkoll ir-regolament 3.3).

**2. Studenti Regolari ta' l-Università**

2.1 Kandidat jista' jiddaħħal fl-Università bħala student regolari jekk hu:

(i) jissodisfa r-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul kif inhuma mogħtija fir-regolament 6.1; *jew*

(ii) huwa gradwat ta' università magħrufa mis-Senat għal dan il-għan; *jew*

(iii) ingħata diploma approvata minn istituzzjoni ta' l-edukazzjoni terzjara magħrufa mis-Senat għal dan il-għan; *jew*

(iv) kiseb iċ-Ċertifikat fl-Istudji Fundamentali ta' l-Università; *jew*

(v) ikun temm b'suċċess parti speċifika minn kors jew kors sħiħ wara li jkun iddaħħal fl-Università bħala student bi prova skond ir-regolament 3.2.

2.2 Kandidat jista' jiddaħħal ukoll bħala student regolari ta' l-Università jekk hu:

(*a*) (i) kien reġistrat bħala student f'università oħra magħrufa mis-Senat għal dan il-għan; *jew*

(ii) għandu kwalifiki ta' livell akkademiku simili għal dawk li hemm imsemmija fir-regolament 2.1; *jew*

(iii) ikollu 23 sena sal-bidu tal-kors li jkun applika għalih; *jew*

(iv) ikun fi kwalunkwe żmien issodisfa r-rekwiżiti ġenerali tad-dħul mitluba f'dak iż-żmien; jew

(v) ibati minn xi disabilità fisika serja li tkun għamlitha diffiċli għalih li jikseb il-kwalifika għad-dħul meħtieġa;

u

(*b*) ikun tqies intitolat għad-dħul bħala student regolari mill-Bord tad-Dħul imwaqqaf skond ir-regolament 5.

**3. Studenti *Junior*, bi prova u provviżorji ta' l-Università**

3.1 *Junior Students.* Kandidat jista' jidħol l-Università bħala *Junior Student* fil-

*Junior College* ta' l-Università jekk għandu sitt *passes* fl-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5 jew aħjar.

Is-suġġetti offruti għandhom jinkludu:

il-Malti, il-Lingwa Ingliża, il-Matematika

u wieħed minn dawn: il-Fiżika, il-Kimika jew il-Bijoloġija.

3.2 *Studenti bi prova*: Kandidat jista' jiddaħħal fl-Università bħala student bi prova jekk hu:

(*a*) ikun applika għad-dħul skond ir-regolament 1.2 u jissodisfa r-rekwiżiti għad-dħul f'kors preparatorju li jkunu meħtieġa mir-regolamenti tal-Kors għal Diploma li l-kandidat ikun irid jidħol għalih, meta kors preparatorju bħal dan huwa provdut b'dawk ir-regolamenti; *jew*

(*b*) ikun applika għad-dħul skond ir-regolament 1.3.1 u ssodisfa r-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul kif imniżżlin fir-regolamenti għall-Kors ta' Fundazzjoni.

3.3 *Studenti Provviżorji*. Fil-każ ta' kors għal ċertifikat li ma jeħtieġx li kandidat ikun intitolat għad-dħul bħala student regolari jew student bi prova, kandidat jiddaħħal bħala student proviżorju ta' l-Università għal tul il-kors:

Iżda b'dan, il-kandidat jista' jitlob li jiddaħħal bħala student regolari jekk għandu l-kwalifiki meħtieġa.

### 4. Reġistrazzjoni bħala Student Matrikolat

4.1 Kandidat li ddaħħal f'kors ta' l-istudji bħala student regolari jkun reġistrat bħala student matrikolat ta' l-Università.

4.2 Kandidat li jikkwalifika għad-dħul bħala student regolari billi jkun issodisfa r-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul (ara r-regolament 2.1(i)), jista' japplika biex ikun reġistrat bħala student matrikolat anki jekk ma jkunx qiegħed ifittex li jidħol għal kors ta' studji.

4.2.1 Ċertifikat tar-reġistrazzjoni jista' jinħareġ lil kandidat li japplika skond ir-regolament 4.2, u jsir il-ħlas imsemmi.

### 5. Il-Bord tad-Dħul

5.1 Il-Bord tad-Dħul huwa magħmul minn dawn il-membri:

Ir-Rettur, jew id-delegat maħtur, *ex officio chairman*,

Tliet membri maħtura mis-Senat

Ir-Registratur.

5.2 Il-Bord tad-Dħul ikollu s-setgħa -

(*a*) li jiddeċiedi jekk kandidat jistax jidħol bħala student regolari, bi prova jew provviżorju ta' l-Università u jistax jidħol għal xi kors ta' studji;

(*b*) li jiddeċiedi jekk kandidat jistax jiddaħħal bħala student regolari ta' l-Università skond ir-regolament 2.2 u, fejn jidhirlu li hu xieraq -

(i) li jitlob lil dan il-kandidat li jissodisfa kundizzjonijiet addizzjonali qabel ma jiddaħħal bħala student regolari; u/jew

(ii) li jdejjaq l-għażla tal-kors, jew ta' l-għażliet fi ħdan kors, li dan il-kandidat jista' jiddaħħal għalihom;

(*ċ*) li jiddeċiedi fuq min jista' jiddaħħal għal kors, li d-dħul għalih huwa

limitat, skond id-disposizzjonijiet tar-regolamenti u l-*bye-laws* għal dak il-kors u l-kriterji l-oħra stabbiliti permezz ta' riżoluzzjoni magħmula mis-Senat;

(*d*) li jfittex il-parir tal-kumitat tad-dħul tal-fakultà (magħmul mid-Dekan jew mid-delegat tiegħu u minn għal inqas żewġ membri akkademiċi oħra maħtura mill-Bord tal-Fakultà kkonċernata) fuq kull materja li tolqot l-eliġibiltà għad-dħul f'xi kors ta' l-istudji f'dik il-fakultà, u b'mod partikolari jekk kandidat li qiegħed jitob li jidħol bħala student regolari skond ir-regolament 2.2(*a*)(iii) għandu l-isfond akkademiku neċessarju biex isegwi l-kors ta' studji kkonċernat bi profitt, normalment wara li jkun evalwa l-kandidat f'intervista jew xi forma oħra ta' valutazzjoni;

(*e*) li jagħti parir lis-Senat fuq il-materji kollha li jolqtu d-dħul fl-Università u fil-korsijiet ta' studji.

5.3 Il-*quorum* għal laqgħat tal-Bord tad-Dħul ikun tlieta.

**6. Rekwiżiti għad-Dħul**

6.1. *Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul* (ara regolament 2.1). Bla ħsara għal kull disposizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti, ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul huma dawn li ġejjin:

(*a*) iċ-Ċertifikat tal-Matrikola; u

(*b*) ċertifikati li għadda fl-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5 jew aħjar fil-Malti, fl-Ilsien Ingliż u fil-Matematika:

Iżda jekk ċertifikat li għadda fil-Malti, u/jew fl-Ingliż, u/jew fil-Matematika jkun miksub fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola, jew fil-Livell Avanzat jew fil-Livell Intermedju, ċertifikat fl-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja mhux meħtieġ.

6.2 *Eżamijiet li jikkorrispondu*. Il-Bord tad-Dħul jista' jirrakkomanda lis-Senat li jkunu aċċettati *passes* f'livell li jaqblu ta' eżamijiet oħra bħala ekwivalenti għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola jew għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja għall-għanijiet tad-dħul.

6.3.1 *Rekwiżiti Speċjali għall-Kors*. Ir-regolamenti u l-*bye-laws* għal kors ta' studji jistgħu jispeċifikaw rekwiżiti oħrajn għad-dħul f'dak il-kors. Jistgħu partikolarment jillimitaw l-għażla tas-suġġetti li jistgħu jkunu offruti fil-Livell Avanzat u Intermedju, jew jispeċifikaw kwalifiki alternattivi għad-dħul li jistgħu jintlaqgħu, kollha kemm huma jew parti minnhom, bħala 'kwalifiki ta' livell akkademiku simili' għall-għanijiet tar-regolament 2.2.

6.3.2 Meta fakultà tindika rekwiżiti speċjali għad-dħul għal qasam ta' studju partikolari li hija toffri, dawk ir-rekwiżiti speċjali għad-dħul għandhom dejjem japplikaw irrispettivament mill-kors li fih il-qasam ta' studju qed jittieħed, iżda fakultà tista' tindika rekwiżiti addizzjonali għal dak il-qasam ta' studju meta jittieħed f'korsijiet li hija toffri.

6.4.1 Kandidat li hu gradwat ta' università jew għandu kwalifiki oħrajn meqjusin suffiċjenti jista' bil-parir tal-kumitat tad-dħul tal-fakultà kkonċernat ikun eżentat mill-Bord tad-Dħul minn kull suġġett li jkun meħtieġ ċertifikat fih għad-dħul f'xi kors f'dik il-Fakultà.

6.4.2 Meta wieħed mir-rekwiżiti għad-dħul f'xi kors ikun prova ta' kemm il-kandidat għandu d-disposizzjoni neċessarja għalih, is-Senat għandu jaħtar Bord ta' l-

eżaminaturi normalment magħmul minn:

Il-Kap tad-Dipartiment rilevanti jew id-Direttur ta' l-Istitut rilevanti jew id-delegat maħtur minn dak il-Kap jew Direttur;

Il-Kap tad-Dipartiment tal-Psikoloġija jew id-delegat maħtur minnu; u

Ir-Reġistratur jew id-delegat maħtur minnu.

**7. Suġġetti Alternattivi Obbligatorji f'Ċirkostanzi Speċjali**

7.1 Il-Bord tad-Dħul jista', fiċ-ċirkostanzi speċjali u bil-kundizzjonijiet imsemmija hawn taħt, jippermetti li kandidat joffri suġġett ieħor minflok il-Malti, kif ġej :

(*a*) Jista' jħalli kandidat li mhux Malti joffri minflok il-Malti l-lingwa tiegħu.

(*b*) Jista' jħalli kandidat Malti li, minħabba li kien jgħix jew jistudja barra minn Malta għal perijodu sinjifikattiv fl-aħħar erba' snin, ma rċeviex tagħlim xieraq fil-Malti, joffri minflok dak is-suġġett lingwa oħra jew suġġett ieħor.

**8. Disposizzjonijiet Oħra**

8.1 *Id-Dħul f'Kors wara li jkun beda.* Kandidat li hu kwalifikat għad-dħul fl-Università bħala student regolari jista' jitħalla mill-Bord tad-Dħul, skond kundizzjonijiet li dan jista' jimponi, jidħol f'kors ta' studji fit-tieni sena tiegħu, basta li l-Bord tal-Fakultà kkonċernata huwa sodisfatt li l-kandidat għamel, f'xi istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla magħrufa, parti suffiċjenti mis-sillabu ta' dak il-kors b'mod li l-kandidat ikun f'qagħda li jtemm l-ewwel sentejn tal-kors f'sena waħda.

8.1.1 Is-Senat jista' bil-parir tal-Bord tal-Fakultà jew ta' l-Istitut rilevanti, jħalli li kandidat ikun ikkunsidrat mill-Bord tad-Dħul biex jidħol fi kwalunkwe sena tal-kors. Id-disposizzjonijiet tar-regolament 8.1 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

8.2 *Korsijiet fl-istess Żmien.* Jekk mhux bil-permess speċjali tas-Senat, student ma jistax jirreġistra fl-istess żmien għal iżjed minn kors wieħed ta' studji li jwassal għal grad, diploma jew ċertifikat, ħlief fil-każijiet imsemmija fir-regolament 8.2.1.

8.2.1 Dawn il-korsijiet li ġejjin jistgħu jsiru fl-istess żmien:

(*a*) il-korsijiet li jwasslu għall-grad ta' LL.D. u għad-Diploma ta' Nutar Pubbliku;

(*b*) il-korsijiet li jwasslu għall-grad ta' B.A. *in Legal and Humanistic Studies* u għad-Diploma ta' Prokuratur Legali;

(*ċ*) kors (*part-time* jew *full-time*) li jwassal għal grad, diploma jew ċertifikat, u kors *part-time* li jwassal għal ċertifikat.

8.3 *Studenti Okkażjonali.* Ir-Rettur jista' jħalli persuna tattendi kors ta' *lectures* jew klassi prattika bħala student okkażjonali, bil-kundizzjoni li kull għalliem ikkonċernat jaċċetta li jilqa' lill-istudent u huwa sodisfatt li l-istudent għandu l-isfond akkademiku meħtieġ biex isegwi l-*lectures* jew il-klassijiet prattiċi bi gwadan. Ir-Rettur, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jirtira dan il-permess f'kull żmien.

8.3.1 Studenti okkażjonali ma jkollhomx il-jeddijiet u l-privileġġi mogħtijin lil studenti regolari u ma jistgħux jagħmlu eżamijiet ta' l-Università. Dawn l-istudenti, madankollu, huma marbutin bir-regolamenti dixxiplinarji ta' l-Università.

8.4 *Studenti Kurrikulari.* Ir-Rettur, bil-parir tal-Bord ta' Fakultà jew ta' Istitut,

jista' jħalli li kwalunkwe persuna tirreġistra għal xi partijiet minn kors jew għall-kors kollu li jingħata f'dik il-Fakultà jew f'dak l-Istitut bħala student kurrikulari. Dawn l-istudenti ma jkollhomx il-jedd li jagħmlu eżamijiet, iżda jistgħu jinqdew bil-faċilitajiet l-oħrajn kollha mogħtija lil studenti regolari.

8.5 Student li ma jkomplix kors, jew ma jitħallix bir-regolamenti li jkompli kors, jista' jitħalla jerġa' jirreġistra bħala student fi kwalunkwe kors qabel ma jgħaddu tlett snin biss jekk ikollu l-permess tas-Senat mogħti fuq il-parir tal-Bord tad-Dħul.

### 9. Studenti Sospiżi

9.1 Student li, wara li jkun imwissi bil-miktub, jibqa' ma jattendix b'mod persistenti għall-*lectures* u/jew tutorjali jew jibqa' ma jagħmilx id-dmirijiet akkademiċi tiegħu mingħajr ġustifikazzjoni adegwata, jiġi sospiż għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur, kif ir-Rettur jiddeċiedi, wara li jikkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Fakultà jew ta' l-Istitut konċernat.

9.1.1 Student sospiż jista', fuq ir-rakkomandazzjoni tad-Dekan tal-Fakultà jew tad-Direttur ta' l-Istitut tiegħu, jitħalla jattendi għal-*lectures* u/jew tutorjali u jieħu sehem f'attivitajiet akkademiċi oħra taħt dawk il-kundizzjonijiet li r-Rettur jista' japprova.

### 10. Applikazzjonijiet għad-Dħul

10. Il-kandidati li jixtiequ jidħlu f'korsijiet skond il-provvedimenti tar-Regolamenti għad-Dħul għandhom japplikaw fuq il-formoli preskritti sad-data stabbilita mis-Senat, ħlief f'ċirkustanzi speċjali u bil-permess tas-Senat.

---

## RO2 - REGOLAMENTI TA' L-1997 GĦALL-EŻAMIJIET TA' L-UNIVERSITÀ

### 1. Provvedimenti Ġenerali

1.1 Is-suġġetti ta' l-eżamijiet ikunu dawk li hemm preskritti fir-regolamenti rilevanti.

1.2 Jekk ma jingħadx mod ieħor fir-regolamenti għal kors partikolari:

(i) l-eżamijiet isiru f'żewġ sessjonijiet: normalment f'Ġunju u f'Settembru;

(ii) il-kandidati jkunu mistennija li jagħmlu l-eżamijiet tagħhom għas-sena akkademika partikolari f'dawn iż-żewġ sessjonijiet;

(iii) jekk kandidat ikun nieqes f'suġġett jew f'aktar minn suġġett wieħed f'sessjoni oħra barra sessjoni ta' Ġunju għal raġuni li titqies mis-Senat bħala valida u 'l fuq mill-kontroll tiegħu, u ma jkunx hemm sessjoni regolari ta' l-istess eżami fit-tnax-il xahar ta' wara, huwa jitħalla jagħmel l-eżami f'dak is-suġġett jew f'dawk is-suġġetti f'sessjoni speċjali;

(iv) jekk kandidat ikun nieqes f'sessjoni ta' Ġunju għal raġuni li titqies mis-Senat bħala valida u 'l fuq mill-kontroll tiegħu, s-Senat jista' jħalli lil kandidat li jagħżel li f'Settembru jagħmel jew l-eżamijiet kollha li kellu jagħmel f'Ġunju li jkunu meqjusa

bħala li saru l-ewwel darba, jew l-eżami li ma resaqx għalih bħala eżami riparatorju;

(v) jekk biex ikun eliġibbli biex jagħmel l-eżamijiet finali, student ikun jonqsu element wieħed, bħal per eżempju kredtu għal taqsima studju waħda, ir-Rettur, faq il-parir tad-Dekan jew uffiċjal akkademiku ta' l-Università ieħor ekwivalenti, jista' jawtorizza li l-istudent jagħmel dak l-eżami b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrulu meħtieġa biex jiżgura kompensazzjoni adekwata għall-element nieqes imsemmi aktar qabel;

(vi) Ir-Regolamenti 1.2(iii) u 1.2(iv) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fil-każ ta' assenza waqt eżamijiet li jsiru matul sessjonijiet ta' l-eżamijiet oħra li eċċezzjonalment isiru f'dati oħra barra minn f'Ġunju u f'Settembru.

**2. Il-Bordijiet ta' l-Eżaminaturi**

2.1 Ikun hemm Bord ta' l-Eżaminaturi għal kull suġġett ta' l-eżami.

2.2 (*a*) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi jkun normalment magħmul mill-kap tad-dipartiment, jew mill-ko-ordinatur tal-qasam ta' studji li jipprovdi l-parti ewlenija tat-tagħlim, bħala *chairman*, u minn żewġ eżaminaturi oħra; bil-kundizzjoni li s-Senat, skond il-parir tal-Bord tal-Fakultà kkonċernata, jista' jirrakkomanda lill-Kunsill li jżid l-għadd ta' l-eżaminaturi f'suġġett partikolari.

(*b*) Meta s-Senat iqis li dan hu xieraq, eżaminaturi addizzjonali jinħatru għal taqsimiet speċifiċi ta' l-eżami. Dawn l-eżaminaturi addizzjonali jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-Bord ta' l-Eżaminaturi iżda biss sakemm dawn jikkonċernaw lil dawk it-taqsimiet ta' l-eżami li huma mdaħħlin fihom huma.

(*ċ*) Eżaminaturi barranin, meta jkunu maħtura, ikunu addizzjonali għall-formazzjoni normali tal-Bord ta' l-Eżaminaturi.

(*d*) Għalliem li mhux membru tal-Bord ta' l-Eżaminaturi jista' jkun mistenni mill-Bord li jgħinhom f'xi taqsima ta' l-eżami fis-suġġett li hu jgħallem.

(*e*) Meta hu xieraq, Bord tal-Fakultà jista' jaħtar moderatur ta' l-eżamijiet, mgħejun minn sotto-kumitat, bil-kundizzjoni li dan il-provvediment għandu japplika dejjem fil-każ ta' l-eżami ta' teżijiet.

2.3 (*a*) Membru ta' Bord ta' l-Eżaminaturi (li jinkludi lil dawk li jħejju l-karta u li jimmarkaw) jkun skwalifikat milli jeżamina:

(i) jekk hu qarib tal-kandidat b'konsangwinità jew b'affinità sat-tielet grad inkluż;

(ii) jekk huwa, f'xi żmien matul is-sena akkademika li l-eżami jirreferi għaliha, kien kustodju ta' kandidat jew ta lezzjonijiet privati fis-suġġett ta' l-eżami;

(iii) fil-każ ta' l-Eżamijiet tal-Matrikola u ta' l-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja, ukoll jekk hu kien, għal xi żmien matul it-tnax-il xahar qabel l-eżami kkonċernat, għalliem ta' xi kandidati fis-suġġett ta' l-eżami jew suġġett qrib ħafna.

(*b*) Il-*panel* tal-*markers* jista' jikkunsidra l-evalwazzjoni tal-proġetti u/jew tal-proficjenza orali li jagħtuh għalliema awtorizzati skond il-proċeduri stabbiliti mill-Bord.

(*ċ*) Ir-Rettur, wara li jikkonsulta d-Dekan tal-Fakultà kkonċernata, għandu jaħtar eżaminatur ieħor minflok il-membru li hu skwalifikat.

2.4 Jekk, qabel jew matul il-kors ta' l-eżami, ir-Rettur hu sodisfatt li membru tal-Bord ta' l-Eżaminaturi ma jistax jaqdi jew ikompli jaqdi d-dmirijiet tiegħu, huwa, wara konsultazzjoni mad-Dekan tal-Fakultà kkonċernata, jaħtar eżaminatur ieħor minflok dak il-membru.

2.5 Fejn l-eżaminatur li hu mbiddel skond it-termini ta' 2.3 jew 2.4 imsemmija huwa ċ-*chairman* tal-Bord ta' l-Eżaminaturi, ir-Rettur jaħtar *chairman* ġdid li jrid ikun il-kap ta' dipartiment ieħor fi ħdan l-istess Fakultà jew lettur mid-dipartiment ikkonċernat, u eżaminaturi sostituti bħal dawk kif ikun meħtieġ.

2.6 Valutazzjoni tax-Xogħol fil-Kors: Studenti li huma mitluba mir-regolamenti biex jiksbu kredtu jkunu normalment evalwati mill-lettur reponsabbli għat-tagħlim tat-taqsima studju rilevanti. Il-Kap tad-Dipartiment jew il-Ko-ordinatur tal-kors ikun il-moderatur. Jekk il-persuna responsabbli mit-tagħlim tat-taqsima studju tkun hija nfisha l-Kap tad-Dipartiment jew il-Ko-ordinatur tal-Kors, allura d-Dekan tal-Fakultà jew id-Direttur ta' l-Istitut ikun il-moderatur.

**3. Proċeduri għall-Bordijiet ta' l-Eżaminaturi**

3.1 Suġġett għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u għal linji ta' gwida magħmulin mis-Senat, il-Bord ta' l-Eżaminaturi jiddetermina l-proċeduri li għandhom jittieħdu għat-tmexxija ta' l-eżami:

Iżda kull membru tal-Bord jieħu sehem għallinqas f'parti mill-eżami ta' kull kandidat.

3.2 Il-Bord ta' l-Eżaminaturi, meta jiġġudika l-merti tal-kandidati, jista' jqis mhux biss x'għamlu matul l-eżami iżda wkoll ix-xogħol tagħhom fis-suġġett matul il-kors.

3.3 Id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' l-Eżaminaturi jsiru b'maġġoranza ta' voti. Ebda eżaminatur ma jista' jastjeni fil-votazzjoni. Fil-każ ta' voti ndaqs, iċ-*chairman* ikollu u jagħti t-tieni vot:

Iżda jkun sewwa għaċ-*chairman* li jikkunsidra l-materja bħala li ġiet deċiża mill-Bord jekk il-kunsens ġenerali fost il-membri jidher li jkun favur deċiżjoni bħal din u ebda vot ma jkun mitlub:

Iżda jekk eżaminatur barrani ma jistax jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet finali tal-Bord għaliex ikun imsiefer, ikun skond il-liġi għall-membri l-oħra tal-Bord li jieħdu deċiżjonijiet fin-nuqqas tiegħu sakemm xi fehmiet li hu jkun fisser bil-kitba jiġu kkunsidrati u d-deċiżjoni finali hi aċċettabbli għalih.

3.4 Il-membri tal-Bordijiet ta' l-Eżaminaturi jqisu bħala kunfidenzjali kull ħaġa marbuta ma' dawn il-proċedimenti.

**4. Eżamijiet li jinvolvu aktar minn suġġett wieħed**

4.1 Meta r-regolamenti ta' kors jitolbu li r-riżultati ta' eżami li jinvolvi aktar minn suġġett wieħed jiġu ppubblikati bħala ħaġa waħda, il-proċeduri adottati biex jinkiseb dan ir-riżultat għandhom jikkunsidraw il-linji ta' gwida maħruġa mis-Senat għal dan il-għan.

**5. Il-Bordijiet tal-Klassifikazzjoni tal-Gradi**

5.1 Sakemm ma jingħadx mod ieħor fir-regolamenti għal kors partikolari, jew il-kors jikkonsisti minn qasam ta' studju wieħed biss:

(*a*) Kull meta r-regolamenti ta' kors jipprovdu li grad/diploma tiġi kklassifikat/a, għandu jkun hemm Bord tal-Klassifikazzjoni tal-Gradi.

(*b*) Kull Bord ta' Klassifikazzjoni għandu jkun magħmul miċ-*Chairman* tal-Bordijiet ta' l-Eżaminaturi ta' l-eżami finali għal kull qasam ta' studju fil-kors u l-eżaminaturi barranin. Il-Bord jitmexxa mid-Dekan tal-Fakultà jew, fin-nuqqas tiegħu, minn wieħed mic-*Chairmen* tal-Bordijiet ta' l-Eżamijiet, elett biex imexxi l-laqgħa mill-membri l-oħra tal-Bord. Il-Bord jista' jsejjaħ lil kwalunkwe eżaminatur ieħor biex jieħu sehem bħala *advisor*.

(*ċ*) Il-Bordijiet tal-Klassifikazzjoni jimxu *mutatis mutandis* fuq il-proċeduri kif imsemmija fir-regolamenti 3.2 u 3.3 ta' dawn ir-reġolamenti.

**6. Reviżjoni tal-Karti ta' l-Eżami**

6.1 Suġġett għall-provvedimenti ta' regolamenti u għal linji ta' gwida magħmulin mill-awtorità rilevanti ta' l-Università, kandidat jista' fi żmien ġimgħatejn mill-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-eżami jitlob li ssir reviżjoni ta' l-iskritt ta' l-eżami tiegħu bil-għan li jiġi aċċertat li ma sar ebda żball fl-għoti tal-marki jew grad miksub f'karta ta' l-eżami partikulari.

6.2 Ir-reviżjoni ta' l-iskritti ta' l-eżami ssir mill-istess Bord ta' Eżaminaturi flimkien ma' eżaminatur addizzjonali maħtur mis-Senat għal dan l-għan. Il-provvedimenti ta' sezzjoni 3 ta' dawn ir-regolamenti japplikaw *mutatis mutandis*.

6.3 Id-deċiżjoni akkademika ta' l-eżaminaturi oriġinali ma terġax titqies mill-ġdid mill-Bord ta' l-Eżaminaturi li qed jikkonsidra l-appell u r-riżultat jiġi mibdul biss, jekk il-bidla tkun tista' tiġi ġġustifikata b'kriterji oġġettivi.

6.4 Ir-riżultat tar-reviżjoni tal-karti jiġi kkomunikat lill-kandidat f'forma ta' rapport qasir li jagħti l-motivazzjoni tar-riżultat.

6.5 Jekk it-talba tar-reviżjoni tkun ġustifikata, l-informazzjoni kollha, inkluż it-tibdil possibli fil-klassifikazzjoni finali, tkun emendata skond il-ħtieġa, u kull ħlas imħallas b'konnessjoni ma' l-appell jingħata lura.

**7. Ħtiġiet Speċjali**

7.1 L-Università tieħu passi ħalli fejn hu possibbli isiru provvedimenti biex ikunu ta' għajnuna biex persuni bi ħtiġiet speċjali jkunu jistgħu jersqu għall-eżamijiet tagħha, sakemm l-għajnuna li tingħata ma tkunx ta' vantaġġ mhux mistħoqq għall-kandidat. Kull għajnuna mogħtija b'dan il-mod għandha tkun taħt il-kontroll sħiħ ta' l-Università.

7.2 Il-kandidati b'diżabilità jistgħu jingħataw l-għażla li jkunu eżentati milli jiġu eżaminati f'element partikulari ta' l-eżami, bħalma huma l-ortografija (f'eżami mhux ta' lingwa), l-orali jew il-prattiku. Meta l-kandidati jaċċettaw l-għażla, iċ-ċertifikati għandhom jindikaw dan kif ġej:

> "Arranġamenti speċjali kienu magħmula biex il-kandidat ikun evalwat f'dan is-suġġett. Id-dettalji jistgħu jinkisbu mingħand ir-Reġistratur."

Ċertifikati bħal dawn għandhom jinħarġu biss meta ma jinstab l-ebda mezz ieħor kif kandidati b'diżabilità jingħataw għajnuna biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-eżami.

## RO3 - L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA

**Regolamenti għall-1988 u l-1989**

Ir-regolamenti għas-sessjonijiet ta' l-Eżami tal-Matrikola li se jsiru fl-1988 u fl-

1989 ikunu l-*bye-laws* ippubblikati diġà għall-1988 u għall-1989 b'dawn il-bidliet fil-kliem:

(i) daħħal "Regolamenti" minflok "*Bye-Laws*" fis-sotto-titolu ewlieni u fil-paragrafu 1.3;

(ii) daħħal "regolamenti" minflok "regoli" fil-paragrafu 7.2 (*b*);

(iii) neħħi "magħmulin skond it-termini ta' l-Istatut 2.III" mis-sotto-titolu.

(NOTA: Is-sillabi jibqgħu kif ġew ippubblikati).

---

## RO5 - L-EŻAMI TA' TMIEM L-ISKOLA FIT-TAGĦLIM RELIGJUŻ

**Regolamenti għall-1988 u għall-1989**

Ir-regolamenti għas-sessjonijiet ta' l-Eżami ta' Tmiem l-Iskola fit-Tagħlim Reliġjuż li se jsiru fl-1988 u fl-1989 ikunu l-*bye-laws* ppubblikati diġà għall-1988 u għall-1989 b'dawn il-bidliet fil-kliem:

(i) daħħal "Regolamenti" minflok "*Bye-laws*" fis-sotto-titolu ewlieni u fil-paragrafi 1.3 u 3.2;

(ii) daħħal "regolamenti" minflok "regoli" fil-paragrafu 8.2(6);

(iii) neħħi "skond it-termini ta' l-Istatut 2.IV" mis-sotto-titolu.

(NOTA: Is-sillabi jibqgħu kif ġew ippubblikati).

---

*Miżjuda: II.1995.5.*

## SKEDA III

(Artikolu 39A)

(Li ġejjin huma traduzzjoni bil-Malti ta' l-oriġinali li saru bil-lingwa Taljana, l-oriġinal bit-Taljan hu riprodott wara t-test Malti.)

FTEHIM BEJN IS-SANTA SEDE U L-GVERN TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA DWAR L-INKORPORAZZJONI TAL-FAKULTÀ TAT-TEOLOĠIJA FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Is-Santa Sede u l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta, konxji mill-iżvilupp storiku ta' l-istudji universitarji f'Malta u, fuq kollox wara li kkunsidraw il-vantaġġi ta' karattru xjentifiku, kulturali, u soċjali li jistgħu joħorġu minn għaqda aktar sħiħa tal-Fakultà tat-Teoloġija ma' l-Università ta' Malta, jistabbilixxu bi ftehim bejniethom dan li ġej:

1. Il-Fakultà tat-Teoloġija hija nkorporata fl-Università ta' Malta. Din l-inkorporazzjoni u l-funzjonijiet tal-Fakultà tat-Teoloġija huma regolati, fl-ewwel lok mid-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u, fit-tieni lok mil-liġijiet ta' Malta u mill-Istatuti ta' l-istess Università.

2. Il-gradi akkademiċi u d-diplomi konferiti mill-Fakultà tat-Teoloġija jkollhom valur kanoniku u ċivili.

3. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-istruttura, l-organizzazzjoni interna, il-korpi akkademiċi u studenteski, il-Fakultà tat-Teoloġija qiegħda tiġi inkorporata fl-

Università ta' Malta fl-istat li tinsab fih fid-data ta' dan il-Ftehim u kif muri fl-Anness, salv id-dritt ta' l-istess Fakultà, għall-iżvilupp raġonevoli u xieraq, li tvarja n-numru ta' studenti u għalliema, kif ukoll li tipprovdi għal korsijiet oħra fit-teoloġija u dixxiplini oħra li għandhom x'jaqsmu magħha, jekk dan jitqies meħtieġ għat-tħejjija xierqa ta' l-istudenti tagħha.

4. L-Università ta' Malta, f'dak kollu li jirrigwarda r-regolament ta' l-istudji u tar-rekwiżiti akkademiċi u kanoniċi ta' l-għalliema fil-Fakultà tat-Teoloġija, għandha timxi skond dak preskritt fil-Kostituzzjoni Appostolika "Sapientia Christiana" tal-15 ta' April, 1979 u fl-"Ordinationes" maħruġa mill-Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika fid-29 ta' April, 1979 u skond dawk in-normi kanoniċi li jistgħu fil-futur jikkompletaw jew jissostitwixxu dak li hemm fl-imsemmija dokumenti tas-Santa Sede.

Il-kandidati għal post ta' għalliem għandhom jiksbu minn qabel ċertifikat mill-Arċisqof ta' Malta li juri li ma hemm ebda oġġezzjoni kanonika kontrihom.

Għad-dixxiplini f'affarijiet ta' fidi u morali, l-Università ta' Malta għandha tikkomunika fi żmien xieraq lill-istess Arċisqof l-isem tal-kandidat magħżul wara l-proċess ta' l-għażla, u li jirċievi l-ħatra wara li jkun issottoskriva l-professjoni ta' fidi quddiem l-istess Ordinarju u rċieva minn għandu l-missjoni kanonika.

Jekk l-istess Arċisqof, għal raġunijiet ta' fidi, kondotta morali jew dixxiplina ekkleżjastika, jirrevoka n-"nihil obstat" jew il-missjoni kanonika lil għalliem, dana ta' l-aħħar ma jibqax jagħmel parti mill-Fakultà tat-Teoloġija u proċeduri għandhom minnufih jittieħdu għal ħatra ta' għalliem ġdid.

5. Il-Gvern ta' Malta u, permezz tal-Fondazzjoni għal Studji Teoloġiċi, l-Arċidjoċesi ta' Malta għandhom jipprovdu l-mezzi ekonomiċi meħtieġa għal funzjonament xieraq tal-Fakultà tat-Teoloġija, f'dik il-miżura u b'dawk il-modalitajiet kif għandu jiġi stabbilit bi ftehim bejniethom.

6. Il-President tal-Fondazzjoni għal Studji Teoloġiċi jew id-delegat tiegħu għandu jkun membru tal-Kunsill ta' l-Università. Żewġ rappreżentanti ta' l-istess Fondazzjoni għal Studji Teoloġiċi għandhom ikunu membri tal-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija.

7. Jekk jinqalgħu, fil-futur, xi diffikultajiet fl-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' qabel, is-Santa Sede u l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta għandhom jaffidaw it-tfittxija ta' soluzzjoni amikevoli f'idejn Kummissjoni Paritetika komposta, għas-Santa Sede minn Nunzju Appostoliku f'Malta u mill-Arċisqof ta' Malta jew id-delegati tagħhom, u, għall-Gvern Malti, mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u r-Rettur ta' l-Università, jew id-delegati tagħhom.

26 ta' Settembru, 1988

(iff.)
Dr Ugo Mifsud Bonnici
Ministru ta' l-Edukazzjoni
għall-Gvern ta' Malta.

(iff.)
+ Mgr. Pier Luigi Celata
Arċisqof Tit. ta' Doclea
Nunzju Appostoliku
għas-Santa Sede

ANNESS RELATTIV GĦALL-ARTIKOLU 3 TAL-FTEHIM IFFIRMAT FIS-26 TA' SETTEMBRU, 1988 BEJN IS-SANTA SEDE U L-GVERN TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA DWAR L-INKORPORAZZJONI TAL-FAKULTÀ TAT-TEOLOĠIJA FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Niċċertifikaw illi fis-26 ta' Settembru, 1988 il-Fakultà tat-Teoloġija tikkonsisti fit-tlett entitajiet, kanonikament eretti, kif ġej:

(A) Il-Fakultà tat-Teoloġija hekk imsejħa; (B) L-Istitut għal Studji Reliġjużi; (Ċ) L-Istitut għal Filosofija u Studji Umani.

(A) Il-Fakultà tat-Teoloġija hekk imsejħa, għandha tliet ċikli: l-ewwe, ta' durata ta' ħames snin, iwassal għal konferiment tal-grad ta' Baċċilier (S.Th.B.); it-tieni, ta' durata ta' sentejn, iwassal għall-konferiment ta' Liċenzjat (S.Th.L.); it-tielet, ta' durata ta' numru adegwat ta' snin, iwassal għal kisba ta' Dottorat (S.Th.D.). Il-Fakultà tikkonferixxi wkoll Diploma fit-Teoloġija Pastorali.

L-I*staff* ta' għalliema jinkludi għalliema Permanenti u mhux Permanenti kif ukoll Għalliema *Visiting*. L-għalliema Permanenti huma maqsuma fi tliet gradi: *Lecturers*, *Associate Professors* u Professuri. L-għalliema mhux Permanenti u l-*Visiting Teachers* jistgħu jkunu Maltin jew barranin, u jvarjaw fin-numru skond il-ħtiġiet tad-Dipartimenti: Barra minn hekk, il-Fakultà tinkludi 3 Professuri Emeriti.

Il-Fakultà tikkonsisti f'sitt Dipartimenti, kull wieħed bl-għalliema tiegħu, kif ġej:

1. Dipartiment tat-Teoloġija Fundamentali u Dommatika, inkluż l-Ekumeniżmu: bi tlett għalliema Permanenti (Professur u żewġ *Lecturers*);

2. Dipartiment tat-Teoloġija Morali, inkluża it-Teoloġija Spiritwali u Axxetika: b'żewġ għalliema Permanenti (it-tnejn Professuri);

3. Dipartiment tal-Kotba Mqaddsa, Ebrajk u Grieg: bi tlett għalliema Permanenti (Professur u żewġ *Lecturers*);

4. Dipartiment ta' l-Istorja tal-Knisja, Patristika u Arkeoloġija Paleokristjana: b'żewġ għalliema Permanenti (Professur u post ieħor, bħalissa vakanti);

5. Dipartiment tat-Teoloġija Pastorali, Dritt Kanoniku u Liturġija: b'5 għalliema Permanenti (Professur, *Associate Professor*, żewġ *Lecturers* u *Assistant Lecturer*);

6. Dipartiment tal-Filosofija: b'5 għalliema Permanenti (Professur, żewġ *Lecturers*, u żewġ postijiet bħalissa vakanti). Matul din l-aħħar sena, meta studenti tal-Filosofija kienu diġà jattendu korsijiet fl-Università, il-Gvern, in anteċipazzjoni ta' l-inkorporazzjoni tal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università, kien assenja lid-Dipartiment tal-Filosofija tal-Fakultà tat-Teologija somma korrispondenti għal erba' *full-timers* (Professur u tliet *lecturers*), li minnhom wieħed kien allokat biex jgħallem suġġett ġa inkluż fid-Dipartiment ta' Teoloġija Pastorali tal-Fakultà tat-Teoloġija. Dan jista' eventwalment jiġi kkunsidrat mill-Kunsill tal-Fakultà.

Bl-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Fakultà, kull Dipartiment annwalment jinvita *Lecturers* mhux Permanenti skond il-ħtiġiet tiegħu. Kull Dipartiment hu mmexxi mill-Ko-ordinatur tiegħu.

Il-membri Permanenti tal-korp ta' għalliema, impjegati fuq bażi *part-time*, ikunu preżenti fil-Fakultà tat-Teoloġija skond in-numru ta' sessjonijiet fil-ġimgħa kif ġej: 5 Professuri għal 4 sessjonijiet u 1 Professur għal 2/3 sessjoni; 1 *Associate Professor* għal 2 sessjonijiet; 1 *Lecturer* għal 4 sessjonijiet; 4 *Lecturers* għal 3 sessjonijiet; 6 *Lecturers* għal żewġ sessjonijiet u 1 *Lecturer* għal 1 sessjoni. Kull sessjoni tikkorrispondi għal nofs ta' nhar xogħol.

(B) "Istitut għal Studji Reliġjużi" ġie mogħti s-setgħa li jikkonferixxi il-Baċċellerat fi Studji Reliġjużi u hu strutturat f'ċiklu ta' korsijiet *part-time* fil-għaxija ta' durata ta' 5 snin. Ġie mogħti wkoll is-setgħa li jikkonferixxi d-Diploma fi Studji Reliġjużi wara ċiklu ta' korsijiet ta' sentejn.

L-Istitut għandu s-sede fil-Floriana (Istitut Kattoliku), u hu mmexxi minn Direttur għalih u "Bord" suġġett għal Kunsill tal-Fakultà tat-Teoloġija, li r-Rettur tagħha hu ċ-"*Chairman*" ta' l-istess "Bord". L-għalliema ta' l-Istitut huma magħżula, l-aktar, mill-għalliema Permanenti ta' l-istess Fakultà, iżda jiġu invitati għalliema oħra wkoll.

(Ċ) "Istitut tal-Filosofija u Studji Umani" jikkonsisti f'ċiklu ta' tliet snin b'korsijiet fil-Filosofija, Psikoloġija u Soċjoloġija. Ġie mogħti s-setgħa jikkonferixxi il-Baċellerat fil-Filosofija u Xjenzi Umani.

Ma' l-inkorporazzjoni tal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università, l-Istitut tal-Filosofija u Xjenzi Umani, fil-fatt, ser jibqa' sospiż.

L-istudenti iskritti fil-Fakultà tat-Teoloġija fis-sena akkademika 1988-89 huma mqassma kif ġej:

(*a*) Fakultà tat-Teoloġija, hekk imsejħa: 36 *regulars* u 13 *curriculars*. Għandhom jiżdiedu wkoll 19-il istudent li, kif previst għall-ewwel ċiklu tat-Teoloġija qed isegwu korsijiet fil-Filosofija u huma mqassma hekk: 15 *regulars* iskritti fil-Fakultà ta' l-Arti fl-Università ta' Malta, 2 li waslu biex jiġu iskritti fuq bażi ta' *mature matriculation*, 2 *curriculars* iskritti fil-Fakultà tat-Teoloġija.

(*b*) "Istitut għal Studji Reliġjużi": 82 *regulars* u 12 *curriculars*;

(*ċ*) "Istitut għal Filosofija u Studji Umani": 4 *regulars* u 1 *curricular.*

| | |
|---|---|
| (iff.) | (iff. ) |
| + Giuseppe Mercieca | Vincenzo Borg |
| Il-Gran Kanċillier | Ir-Rettur |

FTEHIM FINANZJARJU BEJN IL-GVERN TA' MALTA U L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA GĦAL FINANZJAMENT TAL-FAKULTÀ TAT-TEOLOĠIJA FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Il-Gvern ta' Malta u l-Arċidjoċesi ta' Malta, bix-xewqa li jwettqu fil-prattika dak miftiehem bejn is-Santa Sede u l-istess Gvern fl-artikolu 5 tal-Ftehim tas-26 ta' Settembru, 1988 dwar l-Inkorporazzjoni tal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, dwar il-finanzjament bejniethom ta' l-istess Fakultà, iddeċidew kif ġej:

1. Il-Gvern ta' Malta għandu jiffinanzja il-Fakultà tat-Teoloġija skond l-istess kriterji li japplika għall-finanzjament tal-Fakultajiet l-oħra.

2. L-Arċidjoċesi ta' Malta, permezz tal-Fondazzjoni għall-Istudji Teoloġiċi, għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-Fakultà tat-Teoloġija il-fondi sa fejn konsidrat meħtieġ, oltre l-fondi assenjati mill-Gvern għal estimi ta' l-Università, biex tiżgura li l-imsemmija Fakultà tkun tista' teżerċita l-funzjonijiet tagħha skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 3 u 4 ta' l-imsemmi Ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern ta' Malta. L-istess kontribuzzjoni tista' tkun, bħala massimu, ugwali għal dik assenjata mill-Gvern.

3. L-organi amininistrattivi kompetenti ta' l-Università għandhom minnufih jgħaddu lill-Fondazzjoni għal Studji Teoloġiċi prospett li juri l-kontribuzzjoni stabbilita mill-Gvern biex jiffinanza l-Fakultà u l-ammont ta' l-ispiża stmat mill-Fakultà għall-funzjonament xieraq tagħha.

4. Il-Fondazzjoni għal Studji Teoloġiċi għandha, fi żmien 30 jum minn meta tirċievi l-prospett li juri l-kontribuzzjoni fuq imsemmija fl-artikolu 3, teżamina l-ispiża stmata tal-Fakultà u filwaqt li żżomm f'moħħha l-kontribuzzjoni stabbilita mill-Gvern, għandha tinforma d-Dekan tal-Fakultà bl-ammont tal-kontribuzzjoni

tagħha li għandha tingħadda f'rati trimestrali.

5. Kull parti tal-kontribuzzjoni mill-Fondazzjoni għal Studji Teoloġiċi li tibqa' mhux minfuqa fl-aħħar tal-perijodu annwali finanzjarju li għalih tkun ġiet allokata, għandha tintradd lura lill-imsemmija Fondazzjoni.

6. Jekk jinqalgħu, fil-futur, xi diffikultajiet fl-interpretazzjoni jew applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' qabel, il-Gvern ta' Malta u l-Arċidjoċesi ta' Malta għandhom jaffidaw it-tfittxija ta' soluzzjoni amikevoli f'idejn Kummissjoni Paritetika komposta, għall-Gvern ta' Malta, mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u s-Segretarju tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni jew mir-rappreżentanti tagħhom, u għall-Arċidjoċesi ta' Malta, mill-President tal-Fondazzjoni għal Studji Teoloġiċi u d-Direttur tal-Fondazzjoni għal Studji Teoloġiċi, jew ir-rappreżentanti tagħhom, u minn "*Chairman*" elett mill-membri l-oħra.

26 ta' Settembru, 1988

| | |
|---|---|
| (iff.)<br>Ugo Mifsud Bonnici<br>Għall-Gvern ta' Malta | (iff.)<br>+ Giuseppe Mercieca<br>Għall-Arċidjoċesi ta' Malta<br>(iff.)<br>+ Pier Luigi Celata |

(L-oriġinal ta' dan id-dokument hu bl-Ingliż u bit-Taljan u li ġej hu traduzzjoni bil-Malti, it-test Taljan hu riprodott wara t-test Malti).

## PROTOKOLL ADDIZZJONALI GĦALL-FTEHIM BEJN IS-SANTA SEDE U L-GVERN TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA DWAR L-INKORPORAZZJONI TAL-FAKULTÀ TAT-TEOLOĠIJA FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Is-Santa Sede u l-Gvern ta' Malta, wara l-proposta ppreżentata mill-istess Gvern u diskussjonijiet sussegwenti, bi ftehim bejniethom ftehmu li jemendaw l-Artikolu Sitta tal-Ftehim dwar l-Inkorporazzjoni tal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, iffirmat fis-26 ta' Settembru, 1988, li għandu jinqara kif ġej:

> " Rappreżentant tal-President tal-Fondazzjoni għal Studji Teoloġiċi nominat mill-istess President, għandu jkun membru tal-Kunsill tal-Università. Żewġ rappreżentanti tal-Fondazzjoni għal Studji Teoloġiċi, nominati mill-istess Fondazzjoni, ikunu membri tal-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija."

Dan il-Protokoll Addizzjonali jifforma parti integrali tal-Ftehim iffirmat mill-Partijiet fis-26 ta' Settembru, 1988.

Magħmul Valletta, Malta, fis-26 ta' Jannar elf disa' mija u ħamsa u disgħin f'żewġ oriġinali, kull wieħed fil-lingwi Taljani u Ingliżi, iż-żewġ testi t-tnejn ugwalment awtentiċi.

| | |
|---|---|
| Għas-Santa Sede<br>(iff.)<br>+ Pier Luigi Celata<br>Arċisqof Titulari ta' Doclea<br>Nunzju Appostoliku | Għall-Gvern ta' Malta<br>(iff.)<br>Michael Falzon<br>Ministru ta' l-Edukazzjoni<br>u Riżorsi Umani. |

## ACCORDO TRA LA SANTA SEDE E IL GOVERNO DELLA REPUBBLICA DI MALTA SULL'INCORPORAZIONE DELLA FACOLTÀ DI TEOLOGIA NELL' UNIVERSITÀ DI MALTA

La Santa Sede e il Governo della Repubblica di Malta, avendo presente lo sviluppo storico degli studi universitari a Malta ed avendo soprattutto considerato i vantaggi di carattere scientifico, culturale e sociale che potranno derivare da un più stretto collegamento della Facoltà di Teologia con l'Università di Malta, stabiliscono di comune intesa quanto segue

1. La Facoltà di Teologia è incorporata nell' Università di Malta.

Tale incorporazione e le funzioni della Facoltà di Teologia sono regolate, in primo luogo, dalle disposizioni del presente Accordo e, in secondo luogo, dalle Leggi di Malta e dagli Statuti della stessa Università.

2. I gradi accademici e i diplomi conferiti dalla Facoltà di Teologia avranno valore canonico e civile.

3. Per quel che concerne la struttura, l'organizzazione interna, il corpo accademico e quello studentesco, la Facoltà di Teologia è incorporata nell' Università di Malta nello stato di fatto in cui essa si trova alla data del presente Accordo e come risulta dall'Allegato, salvo restando alla stessa Facoltà, per un suo ragionevole ed adeguato sviluppo, il diritto di variare il numero degli studenti e dei docenti, nonché il diritto di provvedere altri corsi di teologia e di qualunque altra disciplina connessa, se ciò sarà ritenuto necessario per la congrua preparazione dei suoi studenti.

4. L'Università di Malta, in tutto ciò che riguarda l'ordinamento degli studi ed i requisiti accademici e canonici dei docenti della Facoltà di Teologia, procederà in conformità con quanto prescritto dalla Costituzione Apostolica "Sapientia Christiana" del 15 aprile 1979 e dalle "Ordinationes" emanate dalla Congregazione per l'Educazione Cattolica il 29 aprile 1979 e con eventuali norme canoniche che in futuro dovessero integrare o sostituire quelle contenute in tali documenti della Santa Sede.

I concorrenti ad un posto di docente nella Facoltà di Teologia dovranno munirsi previamente di un attestato dell'Arcivescovo di Malta che non vi è alcuna obiezione canonica contro di essi.

Per le discipline concernenti la fede e la morale, l'Università di Malta comunicherà tempestivamente allo stesso Arcivescovo il nome del candidato vincitore del concorso, il quale riceverà la nomina di docente dopo che avrà emesso la professione di fede presso il medesimo Ordinario e da questi avrà ricevuto la "missione canonica"

Qualora lo stesso Arcivescovo, per ragioni attinenti alla fede, alla condotta morale o alla disciplina ecclesiastica, dovesse revocare il "nulla osta" o la "missione canonica" a un docente, questi cesserà di far parte della Facoltà di Teologia e immediatamente si procederà per la nomina di un nuovo docente.

5. Il Governo di Malta e, tramite la "Foundation for Theological Studies", l'Arcidiocesi di Malta forniranno i mezzi economici necessari per il conveniente funzionamento della Facoltà di Teologia, nella misura e nei modi che saranno stabiliti di comune intesa.

6. Il Presidente della "Foundation for Theological Studies" o un suo delegato farà parte del Consiglio dell'Università. Due rappresentanti della stessa "Foundation for Theological Studies" faranno parte del Consiglio della Facoltà di Teologia.

7. Se in avvenire sorgessero difficoltà di interpretazione o di applicazione delle precedenti disposizioni, la Santa Sede e il Governo della Repubblica di Malta affideranno la ricerca di un'amichevole soluzione ad una Commissione Paritetica che sarà composta, per parte della Santa Sede, dal Nunzio Apostolico a Malta e

dall’Arcivescovo di Malta o da loro delegati, e, per parte del Governo Maltese, dal Ministro dell’Educazione e dal Rettore dell’Università, o da loro delegati.

26 settembre 1988

| Per il Governo di Malta | Per la Santa Sede |
|---|---|
| (firmato)<br>Dr. Ugo Mifsud Bonnici<br>Ministro dell'Educazione | (firmato)<br>+Mgr. Pier Luigi Celata<br>Arcivescovo tit.di Doclea<br>Nunzio Apostolico |

## ALLEGATO RELATIVO ALL’ART. 3 DELL’ACCORDO DEL 26 SETTEMBRE 1988 TRA LA SANTA SEDE ED IL GOVERNO DELLA REPUBBLICA DI MALTA SULL’INCORPORAZIONE DELLA FACOLTÀ DI TEOLOGIA NELL’UNIVERSITÀ DI MALTA

Si attesta che alla data del 26 settembre 1988 la Facoltà di Teologia consta delle tre seguenti entità, canonicamente erette;

(A) Facoltà di Teologia, propriamente detta; (B) "Institute for Religious Studies"; (C) "Institute of Philosophy and Human Studies".

(A) La Facoltà di Teologia propriamente detta: comprende tre cicli, di cui il primo della durata di 5 anni, al termine del quale è conferito il Baccalaureato (S.Th.B); il secondo della durata di 2 anni, al termine del quale è conferita la Licenza (S.Th.L.); il terzo, della durata di un congruo numero di anni, per il conseguimento del Dottorato (S.Th.D.). La Facoltà conferisce pure il Diploma in Teologia Pastorale.

Il corpo docente comprende docenti Permanenti, non-Permanenti e Visiting-Teachers. I docenti Permanenti sono divisi in tre gradi: Lettori, Professori-Associati, Professori. I Docenti non-Permanenti e i Visiting-Teachers possono essere maltesi o stranieri, e variano di numero secondo le esigenze dei Dipartimenti. La Facoltà annovera, inoltre, 3 Professori Emeriti.

La Facoltà consta di sei Dipartimenti con i relativi docenti, come segue:

1. Dipartimento di Teologia Fondamentale e Dogmatica, incluso l’Ecumenismo: con 3 docenti Permanenti (di cui un Professore e due Lettori);

2. Dipartimento di Teologia Morale, inclusa la Teologia Spirituale ed Ascetica: con 2 docenti Permanenti (Professori);

3. Dipartimerto di Sacra Scrittura, Ebraico e Greco: con 3 docenti Permanenti (di cui un Professore e due Lettori);

4. Dipartimento di Storia della Chiesa, Patristica ed Archeologia Paleocristiana: con 2 docenti Permanenti (tra cui un Professore ed un posto attualmente vacante);

5. Dipartimento di Teologia Pastorale, Diritto Canonico e Liturgia: con 5 docenti Permanenti (tra cui un Professore, un Professore-Associato, due Lettori ed un Assistente-Lettore);

6. Dipartimento di Filosofia: con 5 docenti Permanenti (tra cui un Professore, due Lettori e due posti attualmente vacanti). In quest’ultimo anno, quando gli studenti di Filosofia frequentavano già i corsi presso l’Università, il Governo, nella

previsione dell'incorporazione della Facoltà di Teologia nell'Università, aveva già assegnato al Dipartimento di Filosofia della Facoltà di Teologia una cifra corrispondente a quattro "full timers" (un Professore e tre Lettori), uno dei quali destinato all'insegnamento di una scienza già inclusa nel Dipartimento di Teologia Pastorale della Facoltà di Teologia. Questa materia potrà essere eventualmente considerata dal Consiglio di Facoltà.

Ogni Dipartimento, col consenso del Consiglio di Facoltà, invita annualmente dei Lettori non-Permanenti secondo i propri bisogni. Ogni Dipartimento è retto da un proprio coordinatore.

I membri Permanenti del corpo docente, su una base di impiego "part-time", sono presenti nella Facoltà di Teologia secondo il seguente numero di sessioni settimanali: 5 Professori per 4 sessioni e 1 Professore per 2/3 sessioni; 1 Professore-Associato per 2 sessioni; 1 Lettore per 4 sessioni, 4 Lettori per 3 sessioni, 6 Lettori per 2 sessioni ed 1 Lettore per 1 sessione. Ogni sessione corrisponde a mezza giornata lavorativa.

(B) "Institute for Religious Studies" è abilitato a conferire il Baccalaureato in Studi Religiosi ed è strutturato in un ciclo di corsi serali "part-time" della durata di 5 anni. É altresì abilitato a conferire il Diploma in Studi Religiosi dopo un ciclo biennale di corsi.

L'istituto ha sede in Floriana (Istituto Cattolico), è retto da un proprio Direttore e da un "Board" soggetto al Consiglio della Facoltà di Teologia, il cui Rettore è il "Chairman" dello stesso "Board". I docenti dell'istituto sono scelti, per lo più, fra quelli Permanenti della stessa Facoltà, ma sono invitati anche altri docenti.

(C) "Institute of Philosophy and Human Studies" comprende un ciclo di 3 anni con corsi di Filosofia, Psicologia e Sociologia. É abilitato a conferire il Baccalaureato in Filosofia e Scienze Umane.

Con l'incorporazione della Facoltà di Teologia nell'Università, l'Istituto di Filosofia e Scienze Umane, di fatto, rimarrà sospeso.

Gli studenti iscritti alla Facoltà di Teologia nell'anno accademico 1988-1989 sono così distribuiti:

(*a*) Facoltà di Teologia propriamente detta: 36 "regulars" e 13 "curriculars". Sono inoltre da aggiungere 19 studenti che, come previsto per il l° ciclo di teologia, seguono corsi di filosofia e sono così distribuiti: 15 "regulars" iscritti alla Facoltà di Lettere nell'Università di Malta, 2 in procinto di esservi iscritti in base alla "mature matriculation", 2 "curriculars" iscritti alla Facoltà di Teologia.

(*b*) "Institute for Religious Studies": 82 "regulars" e 12 "curriculars";

(*c*) "Institute of Philosophy and Human Studies": 4 "regulars" e 1 "curricular"

| | |
|---|---|
| (firmato) | (firmato) |
| + Giuseppe Mercieca | Vincenzo Borg |
| Il Gran Cancelliere | Il Rettore |

INTESA FINANZIARIA TRA IL GOVERNO DI MALTA E L'ARCIDIOCESI DI MALTA PER IL FINANZIAMENTO DELLA FACOLTÀ DI TEOLOGIA DELL'UNIVERSITÀ DI MALTA

Il Governo di Malta e l'Arcidiocesi di Malta, desiderando dare concreta attuazione a quanto convenuto tra la Santa Sede e lo stesso Governo all'Art. 5 dell'Accordo del

26 settembre 1988 sull'incorporazione della Facoltà di Teologia nell'Università di Malta, circa il comune finanziamento della medesima Facoltà stabiliscono quanto segue:

1. Il Governo di Malta finanzierà la Facoltà di Teologia secondo gli stessi criteri da esso applicati per il finanziamento delle altre Facoltà.

2. L'Arcidiocesi di Malta, tramite la "Foundation for Theological Studies", contribuirà al finanziamento della Facoltà di Teologia nella misura ritenuta necessaria, oltre i fondi destinati dal Governo nel Budget dell'Università, ad assicurare che la stessa Facoltà possa svolgere le proprie funzioni in modo rispondente a quanto stabilito negli art. 3 e 4 dell'Accordo sopra citato tra la Santa Sede e il Governo di Malta. Tale contributo potrà raggiungere, al massimo, quello assegnato dal Governo.

3. I competenti organi amministrativi dell'Università comunicheranno sollecitamente alla "Foundation for Theological Studies" l'ammontare del contributo stabilito dal Governo per il finanziamento della Facoltà e 1'ammontare della spesa prevista dalla stessa Facoltà per il suo conveniente funzionamento.

4. La "Foundation for Theological Studies", entro 30 giorni dalla data della comunicazione di cui al punto 3 della presente Intesa, esaminerà la previsione di spesa della Facoltà e, tenendo conto del contributo disposto dal Governo, comunicherà al Decano della Facoltà l'ammontare del proprio contributo, che verserà in rate trimestrali.

5. La parte del contributo della "Foundation for Theo1ogical Studies" che risulterà non essere stata spesa al termine dell'esercizio finanziario annuale per il quale lo stesso contributo era stato predisposto, sarà restituita alla stessa "Foundation".

6. Qualora sorgessero difficoltà di interpretazione o di applicazione delle precedenti disposizioni, il Governo della Repubblica di Malta e l'Arcidiocesi di Malta affideranno la ricerca di un'amichevole soluzione ad una commissione paritetica che sarà composta, per parte del Governo Maltese, dal Ministro dell'Educazione e dal Segretario Generale del Ministero dell'Educazione, o da loro delegati, per parte dell'Arcidiocesi di Malta, dal Presidente della "Foundation for Theological Studies" e dal Direttore della "Foundation for Theological Studies", o da loro delegati, e da un Presidente che sarà eletto dagli altri membri.

26 settembre 1988

(firmato)
Ugo Mifsud Bonnici
Per il Governo di Malta

(firmato))
+Giuseppe Mercieca
Per l'Arcidiocesi di Malta

(firmato)
+Pier Luigi Celata

## PROTOCOLLO AGGIUNTIVO ALL'ACCORDO TRA LA SANTA SEDE E IL GOVERNO DELLA REPUBBLICA DI MALTA SULL'INCORPORAZIONE DELLA FACOLTÀ DI TEOLOGIA NELL'UNIVERSITÀ DI MALTA

La Santa Sede e il Governo di Malta, facendo seguito alla proposta avanzata dallo stesso Governo ed alle successive discussioni, stabiliscono di comune intesa di emendare 1'Articolo Sei dell'Accordo sull'incorporazione della Facoltà di Teologia nell'Università di Malta, firmato il 26 settembre 1988, come segue:

"Un rappresentante del Presidente della "Foundation for Theological Studies", nominato dallo stesso Presidente, farà parte del Consiglio dell'Università. Due rappresentanti della "Foundation for Theological Studies", da questa nominati, faranno parte del Consiglio della Facoltà di Teologia".

Il presente Protocollo aggiuntivo è parte integrale dell'Accordo firmato dalle due Parti il 26 settembre 1988.

Fatto alla Valletta, Malta, il 26 del mese di gennaio millenovecentonovantacinque, in due testi originali, ciascuno in italiano e in inglese, ambedue facenti ugualmente fede.

| | |
|---|---|
| Per la Santa Sede<br>(firmato)<br>+Pier Luigi Celata<br>Arcivescovo tit. di Doclea<br>Nunzio Apostolico | Per il Governo di Malta<br>(firmato)<br>Michael Falzon<br>Ministro dell'Educazione e Risorse Umane. |

---

SKEDA IV

(Artikolu 17(2))

*Miżjuda: XIII. 2006.16.*

Il-Kumitat Permanenti għall-Edukazzjoni jkun kompost hekk:

(*a*) il-Ministru, bħala President;

(*b*) is-Segretarju Permanent fil-Ministeru, bħala Viċi-President;

(*ċ*) id-Direttur Ġeneral tad-Direttorati mwaqqfa taħt dan l-Att;

(*d*) il-President tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla msemmija fit-Taqsima VI jew rappreżentant tiegħu;

(*e*) dwak id-Diretturi jew uffiċjali oħra li l-Ministru minn żmien għal żmien jitlob li jieħdu sehem;

(*f*) uffiċjal maħtur mill-Ministru biex jaġixxi ta' Segretarju.

---